



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14088/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0360 (COD)

ENER 499
TRANS 606
RELEX 1013
ECOFIN 1156
ENV 810
CODEC 1355
IA 115

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Diċembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 824 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 347/2013

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 824 final.

Mehmuż: COM(2020) 824 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 15.12.2020
COM(2020) 824 final

2020/0360 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-
Regolament (UE) Nru 347/2013**

{SEC(2020) 431 final} - {SWD(2020) 346 final} - {SWD(2020) 347 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fl-2013 ġie stabbilit qafas ġdid għall-ippjanar tal-infrastruttura tal-enerġija transfruntiera sabiex tiġi mmodernizzata u mkabbra l-infrastruttura tal-enerġija tal-Ewropa bl-għan li jiġu indirizzati l-interkonnessjonijiet frammentati bejn l-Istati Membri, jintemm l-iżolament tagħhom min-networks tal-gass u tal-elettriku, jiġu żgurati u ddiversifikati l-provvisti, is-sorsi u r-rotot tal-enerġija tal-Unjoni u tiżdied l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Ir-Regolament TEN-E ppermetta lill-Unjoni tilħaq l-objettivi ewlenin tagħha tal-politika tal-enerġija billi stabbilixxa regoli għall-identifikazzjoni u għall-iżvilupp f'waqtu ta' Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs), li se jiżguraw l-interoperabbiltà tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija, il-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni u l-integrazzjoni ta' forom rinnovabbli ta' enerġija. Jirrikjedi wkoll li l-Istati Membri jissimplifikaw il-proċeduri għall-ġoti ta' permessi għal Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) u jipprovdi għal assistenza regolatorja, għal regoli u għal gwida għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u tal-inċentivi relatati mar-riskju u għall-kundizzjonijiet tal-aċċess għall-finanzjament mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE).

Il-President tal-Kummissjoni qiegħed il-Patt Ekoloġiku Ewropew fl-ogħla pożizzjoni ta' prijarità politika, bl-għan li l-Unjoni tiġi ttrasformata f'soċjetà ġusta u għanja b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva. Il-Pjan ta' Mira għall-Klima¹ propost mill-Kummissjoni iwitti triq sostenibbli għall-Ewropa sabiex din il-prijarità issir realtà u sal-2050 tinkiseb in-newtralità klimatika. Il-Patt Ekoloġiku jenfasizza wkoll li minkejja l-isforzi ta' mitigazzjoni, it-tibdil fil-klima inevitabbli se jgħallq impatti sinifikanti fl-Ewropa. Għalhekk, it-tisħiħ tal-isforzi favur ir-reżistenza għall-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tnejjija għalihom huwa kruċjali.

L-infrastruttura tal-enerġija hija fattur ewleni li jippermetti t-tranżizzjoni enerġetika kif rifless fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew u Pjaneta Nadifa għal kulhadd². L-infrastruttura hija assi b'ħajja twila u, għalhekk, jeħtieġ li tkun konsistenti mal-objettiv tan-newtralità klimatika u ma' objettivi ambjentali oħrajn, bħall-wegħda "la tagħmilx ħsara" fil-Patt Ekoloġiku, sabiex tippermetti dekarbonizzazzjoni rapida u kosteffettiva tas-sistema tal-enerġija u, b'mod aktar wiesa', tal-ekonomija. Bħala tali, it-TEN-E huwa strument ċentrali fl-iżvilupp ta' suq intern tal-enerġija u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-miri klimatiċi u enerġetiċi kurrenti mhumiex ambizzjużi biżżejjed sabiex tintlaħaq mira klimatika għall-2030 ta' tnaqqis minimu ta' 55 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG), kif propost mill-Kummissjoni³ fl-isforzi tagħha biex tintlaħaq in-newtralità klimatika. It-triq lejn il-kisba ta' dan it-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-GHG teħtieġ trasformazzjoni profonda tas-sistema Ewropea tal-enerġija, kemm fuq in-naħa tal-provvista kif ukoll fuq in-naħa tad-domanda.

L-Unjoni se jkollha żżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli sabiex tilħaq sehem ta' aktar minn 80 % tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli sal-2050, li jinkisbu

¹ It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM(2020) 562 final

² <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:52018DC0773>

³ It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM(2020) 562 final

dejjem aktar minn postijiet lil hinn mill-kosta⁴. Jenħtieġ li l-kapaċità eolika lil hinn mill-kosta fl-Ewropa tiżdied għal 300 GW u li l-enerġija mill-oċeani tiżdied għal 40 GW sal-2050 sabiex tinkiseb in-newtralità klimatika, jew 25 darba s-sitwazzjoni kurrenti⁵ li twassal għal ħtieġa sinifikanti għal koordinazzjoni fl-ippjanar fit-tul u fl-iżvilupp ta' sistema ta' distribuzzjoni tal-elettriku fil-baħar u fuq l-art skont l-istrateġija tal-UE għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta⁶. L-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-Ewropa sal-2050 għandha kost stmat ta' EUR 800 biljun, li minnhom żewġ terzi huma għall-infrastruttura tal-grilja assoċjata. Sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-kostijiet, huwa importanti ħafna li tingħata attenzjoni kbira lill-iżvilupp razzjonali tal-grilja.

Il-mira miftiehma fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Barċellona ta' Marzu 2002 għall-Istati Membri sabiex ikollhom livell ta' interkonnessjonijiet tal-elettriku ekwivalenti għal tal-anqas 10 % tal-kapaċità ta' produzzjoni installata tagħhom għadha ma ntlaħqitx. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew approva mira ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' mill-inqas 15 %. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2017 dwar it-tisħiħ tan-networks tal-enerġija tal-Ewropa tivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-mira ta' 10 % interkonnessjoni u tissuġġerixxi modi kif tista' tiġi operazzjonalizzata l-mira ta' 15 % interkonnessjoni għall-2030.

Huwa meħtieġ investiment medju annwali stmat ta' EUR 50,5 biljun għall-grilji tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku sabiex jintlaħqu l-miri tal-2030 biss. Ir-rwol imsaħħaħ tal-elettriku se jkun ikkomplementat minn żieda relattiva tar-rwol tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fit-taħlita enerġetika dekarbonizzata, kif indikat fix-xenarji kollha li jimmudellaw il-perkorsi għan-newtralità klimatika⁷. Mil-livell baxx kurrenti tiegħu fil-produzzjoni, fit-trasport u fil-konsum, l-idroġenu huwa mistenni li jammonta għal madwar 46 % - 49 % tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kollha fl-2050. Sal-2030, il-ħtiġijiet totali ta' investiment fl-elettrolizzaturi tal-idroġenu huma stmati li se jkunu bejn EUR 24-42 biljun. Madwar EUR 65 biljun se jkunu meħtieġa għat-trasport, għad-distribuzzjoni u għall-ħżin tal-idroġenu⁴⁷.

Filwaqt li l-oġettivi tar-Regolament kurrenti għadhom fil-biċċa l-kbira validi, il-qafas kurrenti tat-TEN-E għadu ma jirriflettix bis-sħiħ it-tibdiliet mistennija fis-sistema tal-enerġija li se jirriżultaw mill-kuntest politiku l-ġdid u b'mod partikolari mill-miri aġġornati tal-2030 kif ukoll mill-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

B'mod partikolari, it-tip u l-iskala tal-iżviluppi transfruntiera fl-infrastruttura miġjuba mit-TEN-E kurrenti mhumix biżżejjed fis-sens li dan ma jkoprix il-kategoriji kollha tal-infrastruttura rilevanti għat-tranżizzjoni enerġetika u lanqas ma jirrifletti biżżejjed l-iżviluppi teknoloġiċi. Għalhekk, it-TEN-E fil-forma kurrenti tiegħu mhuwix biżżejjed sabiex jappoġġa l-kisba tal-oġettiv tan-newtralità klimatika. Is-soluzzjonijiet tal-grilja intelliġenti, inkluż ir-rispons tad-domanda, żviluppaw b'mod konsiderevoli matul l-aħħar snin minħabba l-aċċellerazzjoni tat-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-elettriku. L-integrazzjoni tas-sistemi intelliġenti bejn is-sistemi tal-enerġija u tal-gass, kif ukoll ma' setturi oħra bħat-trasport u l-industrija, toffri opportunitajiet addizzjonali għad-dekarbonizzazzjoni tal-grilja tal-gass u għall-ġestjoni tas-sistema tal-enerġija b'mod aktar effiċjenti, pereżempju permezz tal-

⁴ Pjaneta Nadif għall-kulħadd. Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima, COM(2018) 773 final

⁵ DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI VALUTAZZJONI TAL-IMPATT, Insaħħu l-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, SWD(2020) 176 final

⁶ Strateġija tal-UE biex jiġi sfruttat il-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal futur newtrali għall-klima, COM(2020) 741 final

⁷ Dawn ix-xenarji jinkludu dawk fl-Istrateġija fit-Tul tal-Unjoni (2018), ix-xenarji tat-TYNDP 2020 żviluppatti mill-ENTSOG u mill-ENTSO-E (2020), id-"Decarbonisation pathways" tal-Eurelectric (2018) jew dawk żviluppatti għad-DĠ ENER fil-qafas tal-istudju "Impact of the use of the biomethane and hydrogen potential on trans-European infrastructure" (2019).

produzzjoni tal-idroġenu u ta' gassijiet sintetiċi minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. L-ippjanar kurrenti tan-network tas-sistema huwa wisq ibbażat fuq approċċ settorjali u, għalhekk, ma jaqbilx mal-ħtieġa ta' integrazzjoni tas-sistemi intelliġenti peress li l-ħtiġijiet ta' investment huma vvalutati għas-setturi tal-gass u tal-elettriku fi proċessi differenti. Barra minn hekk, l-espansjoni mistennija tal-grilja lil hinn mill-kosta jeħtieġ li tiġi riflessa b'mod adegwat fl-ippjanar futur tal-grilja. Barra minn hekk, il-livell tas-sistema ta' distribuzzjoni se jkollu rwol aktar importanti fl-ippjanar tal-infrastruttura tal-enerġija wkoll għaliex parti sostanzjali mill-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli hija konnessa mal-grilja b'vultaġġ baxx u medju. Barra minn hekk, l-evalwazzjoni tal-qafas kurrenti tat-TEN-E wriet dewmien fl-implimentazzjoni tal-PCIs li ġew identifikati bħala meħtieġa sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija. Fl-2020, 27 % tal-PCIs tal-elettriku ġew posposti b'medja ta' 17-il xahar kontra d-data ppjanata inizjalment tagħhom tal-kummissjonar.

Għal dan, it-TEN-E rivedut se jkollu l-għan partikolari li:

- Jippermetti l-identifikazzjoni tal-proġetti u tal-investimenti transfruntiera madwar l-Unjoni kollha u mal-pajjiżi ġirien tagħha li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-kisba tal-miri klimatiċi
- Itejjeb l-ippjanar tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar
- Iqassar il-proċeduri għall-permessi għall-PCIs sabiex jiġi evitat dewmien fil-proġetti li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni enerġetika
- Jiżgura l-użu xieraq tal-għodod tal-kondiviżjoni tal-kostijiet u tal-inċentivi regolatorji

Din l-inizjattiva vvalutat u identifikat sett ta' miżuri sabiex tissimplifika u ttejjeb l-effiċjenza tar-Regolament TEN-E u tnaqqas il-kostijiet tal-konformità u dawk regolatorji fejn possibbli. L-inizjattiva se tippermetti i) *is-simplifikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar u ta' monitoraġġ*, ii) *in-nonparteċipazzjoni frekwiziti ta' qabel il-konsultazzjoni jekk diġà jkunu koperti mir-regoli nazzjonali skont l-istess standards jew standards ogħla bħal fir-Regolament TEN-E u iii) is-simplifikazzjoni għall-inklużjoni tal-PCIs fit-TYNDP*. Il-miżuri ta' simplifikazzjoni se jiġġeneraw benefiċċji diretti permezz ta' tnaqqis fil-kostijiet diretti rikorrenti relatati mal-piż amministrattiv bħala riżultat ta' tnaqqis fl-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar. Dawn il-benefiċċji diretti huma primarjament benefiċċji privati għal ċerti partijiet konċernati bħall-promoturi ta' proġetti.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-E li l-Kummissjoni wettqet sabiex tivvaluta l-prestazzjoni tagħha sal-lum ikkonkludiet li l-qafas kurrenti ma kienx kapaċi juri biżżejjed flessibbiltà sabiex jadatta għall-oġettivi tal-politika tal-Unjoni li jinbidlu maż-żmien. Dan huwa partikolarment rilevanti fid-dawl tal-iżviluppi fil-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima – b'mod partikolari l-enfasi u l-ambizzjoni akbar mixħuta fuq l-oġettivi tad-dekarbonizzazzjoni. Il-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew jeħtieġu trasformazzjoni sinifikanti tal-infrastrutturi tal-enerġija kurrenti sabiex jippermettu sistema tal-enerġija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju u integrata bis-sħiħ sal-2050. Filwaqt li l-oġettivi inizjali tar-Regolament TEN-E -is-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni u s-sostenibbiltà- għadhom rilevanti, ir-Regolament TEN-E rivedut jintroduċi bidliet li jiżguraw konsistenza mal-miri ta' dekarbonizzazzjoni u l-allinjament mal-oġettiv tan-newtralità

klimatika u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif iddefiniti mir-Regolament dwar it-Tassonomija⁸.

Il-prinċipji ġenerali tar-Regolament TEN-E rivedut jirrispondu għall-ħtieġa ta' konsistenza ma' diversi miri u objettivi stabbiliti fil-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa, b'mod partikolari d-Direttiva u r-Regolament dwar is-Suq tal-Elettriku, ir-Regolament dwar il-Governanza u d-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, b'mod partikolari billi jippermettu l-użu u l-integrazzjoni fuq skala kbira ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u jappoġġaw tisħiħ tar-rwol tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni.

Il-Patt Ekoloġiku, u l-objettivi rilevanti għat-tnaqqis tal-emissjonijiet, ipoġġu s-settur tat-trasport fuq perkors tad-dekarbonizzazzjoni aktar dinamiku milli f'miri preċedenti. Għalhekk, id-domanda għaż-żejt hija mistennija tonqos drastikament u l-konsum taż-żejt kollu mhux imrażżan huwa mistenni li jiġi eliminat gradwalment. Għalhekk, f'konformità mal-objettivi tal-Patt Ekoloġiku, l-infrastruttura tal-provvista taż-żejt mhijiex inkluża f'dan ir-Regolament.

Għalkemm l-evalwazzjoni ma indikat l-ebda inkoerenza diretta bejn ir-Regolament TEN-E kurrenti u l-miżuri speċifiċi li jinsabu fid-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika, id-dispożizzjonijiet riveduti jsaħħu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" fl-ippjanar tal-infrastruttura transettorjali tal-ġejjieni.

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa hija komplementari għar-Regolament TEN-E billi tindirizza d-distakk finanzjarju għall-PCIs li jkollhom valur soċjoekonomiku u soċjetali għoli iżda li jkunu niqsin mill-vijabbiltà kummerċjali. L-eliġibbiltà għall-assistenza finanzjarja taħt il-FNE hija marbuta mal-kamp ta' applikazzjoni tal-kategoriji tal-infrastruttura koperti taħt it-TEN-E rivedut meta wieħed iqis li t-tgawdija tal-istatus ta' PCI taħt it-TEN-E hija prekondizzjoni għall-finanzjament mill-FNE għal proġetti infrastrutturali transfruntiera.

• **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni**

Bit-tisħiħ tal-valutazzjoni tas-sostenibbiltà eżistenti tal-PCIs fit-TEN-E rivedut, il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li ttejjeb il-koerenza tal-inizjattiva mal-aspetti rilevanti tal-qafas tat-tassonomija tal-UE għal investimenti sostenibbli. Ir-Regolament dwar it-Tassonomija⁹ jistabbilixxi l-qafas għad-definizzjoni ta' kriterji li jiddeterminaw jekk attività ekonomika tikkwalifikax bħala ambjentalment sostenibbli, u b'hekk jimponi obbligi ta' divulgazzjoni għal impriżi finanzjarji u mhux finanzjarji tas-settur privat li jidderiġu kapital lejn attivitajiet ekonomiċi (aktar) sostenibbli ddefiniti matul il-kunsiderazzjoni ta' sitt objettivi ambjentali.

Il-proġetti ta' interess komuni se jsegu l-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" kif espress fil-Patt Ekoloġiku u f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament dwar it-Tassonomija. Sabiex jiġi limitat l-impatt fuq l-ambjent, l-ippjanar tal-infrastruttura u l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fl-infrastruttura se jsegu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jikkunsidraw bi prijorità s-soluzzjonijiet rilevanti kollha mhux relatati mal-infrastruttura sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati fuq il-bażi ta' proċess estensiv li jinvolvi lill-partijiet konċernati. Barra minn hekk, matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, jenħtieġ li l-promoturi tal-proġetti jirrapportaw dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali sabiex jiżguraw li l-proġetti ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-ambjent. Dan ir-rapportar huwa element importanti tal-proċess ta' monitoraġġ u għall-applikazzjonijiet għal-listi sussegwenti tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-Regolament jintroduċi rekwiżit għal proġetti ta' interess komuni sabiex

⁸ Ir-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13

⁹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13

jigū integrati miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima. L-Artikolu 171(3) tat-TFUE jipprovd i għall-possibbiltà li l-Unjoni tista' tiddeċiedi li tikkooopera ma' pajjiżi terzi sabiex tippromwovi proġetti ta' interess reċiproku (PMI)¹⁰ u sabiex tiżgura l-interoperabbiltà tan-networks fil-viċinat tal-Unjoni. Kooperazzjoni bħal din tista' tgħin sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-GHG fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, u b'hekk tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku. L-inklużjoni tal-PMIs fir-Regolament TEN-E rivedut tkun tqis ir-rwol dejjem akbar tal-interkonnessjonijiet ma' pajjiżi terzi u tippermetti l-estensjoni tal-ambitu tal-benefiċċji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju tal-Unjoni lil hinn mill-fruntieri tagħha. Se tingħata l-attenzjoni dovuta tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent¹¹.

Ir-Regolament TEN-E rivedut għandu l-għan li jindirizza wħud mill-problemi persistenti bħad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġetti u l-aċċess għall-finanzjament għal proġetti infrastrutturali transfruntiera msaħħa mill-kriżi sanitarja li juru konsistenza mal-għanijiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Skont l-oġettivi tal-Istati Membri, il-finanzjament ta' interkonnessjonijiet tal-enerġija intelliġenti u sostenibbli transfruntiera se jsir biss sa ċertu punt taħt l-RRF.

Miżuri speċifiċi ta' appoġġ li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jagħtu lill-PCIs jistgħu jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat. Tali miżuri jkunu jeħtieġu valutazzjoni speċifika skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. L-istatus tal-PCIs huwa rilevanti skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, kemm skont ir-Regolament tal-2014 għall-Eżenzjoni Ġenerali Shiha¹² kif ukoll skont il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna għall-Ambjent u għall-Enerġija 2014-2020¹³. Huwa importanti li jitfakkar li l-miżuri nazzjonali meħuda sabiex jappoġġaw il-PCIs lil hinn mill-allokazzjoni transfruntiera u mill-inċentivi ta' investiment imsemmija fir-Regolament TEN-E jistgħu jitqiesu għajnuna mill-Istat u jistgħu jkunu soġġetti għal valutazzjoni skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Dan huwa partikolarment rilevanti għall-elettrolizzaturi u għall-proġetti ta' ħżin, li jista' jkollhom impatt aktar dirett fuq is-swieq tal-ġenerazzjoni tal-enerġija.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-istabbiliment u għall-iżvilupp ta' networks trans-Ewropej, inkluż fil-qasam tal-infrastruttura tal-enerġija. L-Unjoni se jkollha bżonn tippromwovi l-interkonnessjoni tan-networks nazzjonali. Ir-Regolament TEN-E huwa bbażat fuq l-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-bażi ġuridika sabiex jigū adottati linji gwida li jkopru l-oġettivi, il-prijoritajiet u l-linji ġenerali tal-miżuri previsti fil-qasam tan-networks trans-Ewropej kif stipulat fl-Artikolu 171. Il-linji gwida għandhom jidentifikaw proġetti ta' interess komuni li huma meħtieġa

¹⁰ L-Art. 171(3) TFUE: "L-Unjoni tista' tiddeċiedi li tikkooopera ma' pajjiżi terzi sabiex tippromwovi proġetti ta' interess reċiproku u sabiex tiżgura l-interoperabbiltà ta' networks."

¹¹ Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Pjan Ekonomiku u ta' Investiment għall-Balkani tal-Punent [Bl-Ingliż], SWD(2020) 223 final

¹² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, *ĠU L 187*, 26.6.2014, p. 1

¹³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija 2014-2020, *ĠU C 200*, 28.6.2014, p. 1

sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika tat-TEN-E. Il-linji gwida jistabbilixxu wkoll il-kundizzjonijiet li skonthom l-Unjoni tista' tappoġġa finanzjarjament lill-PCIs.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

L-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija (inkluża sistema interkonnessa ta' distribuzzjoni fil-baħar u infrastruttura ta' grilji intelliġenti) għandha valur miżjud Ewropew minħabba l-impatti transfruntiera tagħha u hija essenzjali sabiex tinkiseb sistema tal-enerġija newtrali għall-klima. Ir-Regolament TEN-E pprovda valur u kkontribwixxa għall-kisba tar-risultati fir-rigward tal-integrazzjoni, tal-kompetizzjoni u tas-sigurtà tal-provvista tas-suq tal-enerġija tal-Unjoni. Huwa meħtieġ qafas għall-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata infrastruttura tal-enerġija transfruntiera. Ir-regolamenti u l-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri mhumex biżżejjed sabiex iwettqu dawn il-proġetti infrastrutturali fis-sħuħija tagħhom.

Is-suq intern tal-enerġija jeħtieġ infrastruttura transfruntiera, li l-iżvilupp tagħha jeħtieġ kooperazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew aktar, il-koll bil-qafas regolatorju tagħhom stess. Ir-Regolament TEN-E pprovda valur addizzjonali meta mqabbel ma' dak li seta' jinkiseb biss fil-livell nazzjonali jew reġjonali. L-implimentazzjoni ta' aktar minn 40 proġett ewlieni tal-infrastruttura tal-enerġija sa mid-dħul fis-seħħ tiegħu għenet lill-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jilħqu l-mira ta' interkonnessjoni ta' 10 % għall-2020 u jiksibu grilja tal-gass interkonnessa tajjeb u reżiljenti għax-xokkijiet. Is-suq tal-enerġija tal-Unjoni huwa aktar integrat u kompetittiv milli kien fl-2013 u s-sigurtà tal-enerġija tal-Unjoni tgiebet. L-aċċess għal finanzjament immirat taħt il-FNE ppermetta l-implimentazzjoni ta' 95 PCI li kellhom diffikultajiet sabiex jaċċessaw finanzjament skont ir-regoli tas-suq.

Il-progress imsemmi hawn fuq ma setax jinkiseb b'azzjoni mill-Istati Membri biss. Diversi partijiet konċernati kkonfermaw il-valur miżjud tar-Regolament TEN-E, u indikaw l-importanza tal-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni ta' proġetti transfruntiera, iċ-ċertezza regolatorja tat-trasparenza u l-aċċess għall-finanzjament.

- **Proporzjonalità**

L-inizjattiva hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni għal azzjoni fil-qasam tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija, kif iddefinit fl-Artikolu 170 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-intervent ta' politika huwa proporzjonali għad-dimensjoni u għan-natura tal-problemi definiti u għall-kisba tal-oġġettivi stabbiliti.

Il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex tilħaq l-oġġettiv ġenerali li jrid jintlaħaq sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp f'waqtu ta' infrastrutturi suffiċjenti tal-enerġija madwar l-Unjoni u fil-viċinat tagħha sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-miri tal-2030/50 li jinkludu l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, il-konformità mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti", kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista.

Fuq il-bażi tar-risultati tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni vvalutat diversi għażliet politiċi li jappartjenu għal erba' oqsma ta' impatt tal-qafas kurrenti tat-TEN-E, bħall-ambitu, l-ippjanar tal-governanza/infrastruttura, l-għoti ta' permessi u l-parteċipazzjoni pubblika, u t-trattament regolatorju.

Il-valutazzjoni u t-tqabbil tal-għażliet (ara b'mod partikolari t-taqsimiet 7 u 8 tal-Valutazzjoni tal-Impatt meħmuża) juru li l-ebda għażla waħda ma hija biżżejjed sabiex jintlaħqu l-oġġettivi identifikati. L-identifikazzjoni ta' pakkett ta' għażliet politiċi li huma l-aktar adattati sabiex jintlaħqu l-oġġettivi speċifiċi hija bbażata fuq valutazzjoni li tinkludi l-prinċipju tal-proporzjonalità.

Il-pakkett għandu l-għan li jżomm il-"validità fil-futur" tar-Regolament TEN-E. L-għażliet dwar il-kamp ta' applikazzjoni futur tar-Regolament ikopru t-teknoloġiji kollha li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-miri klimatiċi. Id-definizzjonijiet huma fl-istess ħin speċifiċi u wiesgħa biżżejjed sabiex jakkomodaw kemm jista' jkun l-iżviluppi teknoloġiċi. Il-qafas tal-għażla tal-PCIs u l-approċċ il-ġdid għall-ippjanar transettorjali tal-infrastruttura jistabbilixxu l-elementi ewlenin f'termini ta' objettivi u ta' kriterji. Il-qafas futur se jżomm ir-rwol tal-gruppi reġjonali fil-proċess tal-għażla sabiex jispeċifikaw u jaġġustaw dawn l-elementi skont prijoritajiet politiċi ġodda u żviluppi teknoloġiċi filwaqt li jqisu wkoll il-kuntest reġjonali.

- **Għażla tal-istrument**

Filwaqt li jibni fuq l-evalwazzjoni pożittiva ġenerali tar-Regolament kurrenti, l-istrument magħżul huwa Regolament, strument effettiv li għandu applikazzjoni diretta u li jorbot fl-intier tiegħu, filwaqt li jiżgura implimentazzjoni uniformi u ċertezza tad-dritt.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet ex post/il-kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

F'Marzu 2019, bħala parti mill-ftehim politiku parzjali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-perjodu 2021-2027, il-koleġislaturi qablu dwar il-ħtieġa li jiġu evalwati l-effettività u l-koerenza politika tar-Regolament 347/2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (ir-Regolament TEN-E) sal-31 ta' Diċembru 2020¹⁴. F'Diċembru 2019, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁵ irreferiet espliċitament għall-ħtieġa ta' rieżami tar-Regolament TEN-E sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-obiettivi tan-newtralità klimatika.

Fid-dawl tal-iskeda ta' żmien għall-evalwazzjoni u għar-reviżjoni tar-Regolament TEN-E, il-Kummissjoni għażlet "evalwazzjoni waħda wara l-oħra u valutazzjoni tal-impatt". L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-E twettqet bejn Jannar 2019 u Settembru 2020. L-evalwazzjoni vvalutat kemm ir-Regolament TEN-E ħadem sa issa sabiex jilħaq l-obiettivi ddikjarati tiegħu, filwaqt li identifika fatturi li għenu jew xekklu l-kisba tagħhom. B'mod speċifiku, hija vvalutat l-effettività tar-Regolament meta mqabbla ma' linja bażi (jiġifieri s-sitwazzjoni mingħajr ir-Regolament), sabiex tivvaluta jekk kellux impatt sinifikanti u valur miżjud jew le.

Fil-qosor, l-evalwazzjoni ħarset lejn:

kif u għaliex ir-Regolament TEN-E kurrenti ħadem tajjeb jew mhux daqstant tajjeb, u liema fatturi għenu jew xekklu l-kisba tal-obiettivi tiegħu;

- L-impatt tar-Regolament, b'mod partikolari f'termini ta' progress lejn il-kisba tal-obiettivi tiegħu.

L-approċċ ta' "waħda wara l-oħra" żgura li jittieħdu elementi formattivi mill-eżiti tal-evalwazzjoni sabiex jiġi konkluż sa fejn ir-Regolament se jibqa' adegwat għall-iskop tiegħu u rilevanti fil-futur fid-dawl tal-inizjattivi ta' politika adottati jew ippjanati li se jaċċelleraw id-dekarbonizzazzjoni fit-terminu

¹⁴ <https://www.consilium.europa.eu/media/38507/st07207-re01-en19.pdf>

http://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-8-2019-0420_MT.pdf

¹⁵ COM(2019) 640

medju u fit-tul. L-elementi li jħarsu 'l quddiem ħarsu lejn kif jista' jiġi żgurat li jkun hemm infrastruttura tal-enerġija abilitanti fis-seħħ sabiex tikkomplementa ż-żieda fl-ambizzjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-użu tal-enerġija rinnovabbli u jindikaw l-oqsma ta' intervent.

F'konformità mal-kamp ta' applikazzjoni u mal-applikabbiltà tar-Regolament TEN-E, l-evalwazzjoni kopriet l-Istati Membri kollha. F'konformità mal-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, ġew applikati ħames kriterji sabiex tiġi evalwata l-prestazzjoni tar-Regolament TEN-E: effikaċja, effiċjenza, relevanza, koerenza u valur miżjud tal-Unjoni.

L-evalwazzjoni wriet li mill-2013, l-interkonnessjonijiet tal-enerġija żdiedu madwar l-Unjoni bħala riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolament TEN-E u tal-PCIs fir-reġjuni kollha. Aktar interkonnessjoni tejbet b'mod effettiv l-integrazzjoni tan-networks tal-Istati Membri, li min-naħa tagħhom għamlu s-suq tal-enerġija tal-Unjoni aktar integrat u kompetittiv milli kien qabel l-implimentazzjoni tar-Regolament TEN-E. Il-prezzijiet bl-ingrossa għall-elettriku kkonverġew fi kważi l-Istati Membri kollha. Il-prezzijiet tal-gass ikkonverġew ukoll. Żieda fis-sigurtà tal-provvista tal-gass inkisbet b'mod sostanzjali sa mill-2013 permezz ta' interkonnessjonijiet u terminali tal-LNG ġodda. Il-PCIs għenu sabiex jintlaħqu l-oġettivi kurrenti tar-Regolament TEN-E kif kien maħsub fl-2013. Madankollu, il-kategoriji tal-infrastruttura fir-Regolament TEN-E kurrenti ma jirriflettux l-ambizzjonijiet il-ġodda dwar il-klima u l-oġettiv tan-newtralità klimatika u lanqas l-aħħar żviluppi teknoloġiċi. Dan il-progress jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-kategoriji tal-infrastruttura koperti mir-Regolament, fil-kriterji tal-għażla tal-PCI kif ukoll fil-kurrituri prijoritarji u fl-oqsma tematiċi.

Il-proċess tal-identifikazzjoni u tal-għażla tal-PCIs fi ħdan il-Gruppi Reġjonali nstab li kien effettiv fit-titjib tal-kooperazzjoni u fit-teħid ta' deċizzjonijiet dwar proġetti transfruntiera fuq il-bażi ta' approċċ reġjonali u Ewropew. Il-proċess tat-TYNDP wera li kien effettiv bħala l-ewwel pass għall-identifikazzjoni tal-PCIs. Madankollu, filwaqt li l-ENTSOs u t-TSOs għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-proċess, hemm bżonn ta' aktar inklussività u skrutinju tal-inputs u tas-suppożizzjonijiet ewlenin sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fil-proċess.

Il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet huwa faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġett. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub.

Filwaqt li l-proċeduri għall-għoti ta' permessi tqassru, f'xi każijiet għadhom jippersistu proċeduri twal għall-għoti ta' permessi. Madankollu, ir-raġunijiet sottostanti huma prinċipalment relatati mal-implimentazzjoni nazzjonali u jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament TEN-E.

L-assistenza finanzjarja tal-FNE mogħtija lil 95 proġett kienet faċilitatur effettiv tal-implimentazzjoni tagħhom. L-għotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jitnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-għotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament ibbażat fuq is-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti.

L-evalwazzjoni sabet li l-benefiċċji tar-Regolament jisbqu l-kostijiet, u b'hekk din hija prova tal-effiċjenza tiegħu. Ir-Regolament TEN-E ġab benefiċċji soċjoekonomiċi permezz ta' żieda fis-sigurtà tal-provvista u permezz ta' swieq tal-enerġija aktar integrati u kompetittivi. Ir-Regolament ikkontribwixxa wkoll għal titjib fid-disponibbiltà, fil-koordinazzjoni u fit-trasparenza tal-informazzjoni.

L-oġettivi inizjali tar-Regolament TEN-E -is-sigurtà tal-provvista, l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni u s-sostenibbiltà- għadhom rilevanti. Madankollu, iż-żieda fl-ambizzjonijiet klimatiċi skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-Patt Ekoloġiku Ewropew jappellaw għal riekwilibriju tal-oġettivi sabiex jintlaħqu l-miri tad-dekarbonizzazzjoni u jikkontribwixxu għan-newtralità klimatika.

L-evalwazzjoni wriet evidenza limitata rigward it-tħassib dwar il-koerenza interna tar-Regolament TEN-E, minbarra tibdiliet mekkanistiċi potenzjali u n-nuqqas ta' flessibbiltà fl-adattament għal oqsma ta' politika li qed jevolvu b'mod rapidu.

Ir-Regolament TEN-E kiseb riżultati li kieku ma setgħux jinkisbu b'azzjoni fil-livell tal-Istati Membri, u dawn huma prova tal-valur miżjud tal-Unjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar għal "evalwazzjonijiet waħda wara l-oħra u valutazzjonijiet tal-impatt", il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni komprensiva mal-partijiet konċernati bbażata fuq strateġija ta' konsultazzjoni li kienet tinkludi firxa ta' metodi u ta' għodod. L-istrateġija ta' konsultazzjoni kellha l-għan li tiżgura li tiġi kkunsidrata l-evidenza rilevanti kollha, li tinkludi d-data dwar il-kostijiet, l-impatt fuq is-soċjetà, u l-benefiċċji potenzjali tal-inizjattiva. L-istrateġija kienet imfassla f'konformità mal-loġika ta' intervent u kkombinat elementi li kemm iħarsu lura kif ukoll iħarsu 'l quddiem. Intużaw diversi għodod ta' konsultazzjoni: konsultazzjoni pubblika online, sħarriġ online mmirat, intervisti fil-fond u (erba') webinars online mal-partijiet konċernati.

Il-Kummissjoni rċiviet 215-il tveġiba għall-konsultazzjoni pubblika miftuħa u għall-kwestjonarji mmirati b'169 sottomissjoni addizzjonali permezz tal-posta elettronika, prinċipalment mingħand ċittadini, promoturi ta' proġetti u assoċjazzjonijiet tal-industrija. Madwar 80 intervista fil-fond twettqu bl-appoġġ ta' konsulent ma' partijiet konċernati ewlenin tar-Regolament TEN-E sabiex jipprovdu informazzjoni dettaljata u evidenza dwar aspetti ewlenin li ma setgħux jiġu indirizzati fit-tul permezz tal-kwestjonarju mmirat. Erba' partijiet konċernati attendew aktar minn 40 membru tal-panel u 300 parteċipant indirizzaw elementi ewlenin tar-reviżjoni.

B'mod ġenerali, il-partijiet konċernati fil-biċċa l-kbira jikkonfermaw il-benefiċċji li għab it-TEN-E sal-lum fl-ilħuq tal-oġġettivi ġenerali: ikkontribwixxa għall-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija, kiseb livell adegwat ta' sigurtà tal-provvista u kkontribwixxa għall-kompetittività fis-suq tal-enerġija tal-Unjoni. Fir-rigward tal-kontribut għall-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-2020, l-opinjoni huma maqsuma bejn l-evalwazzjoni pożittiva tal-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, spiss mill-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant, u l-fehmiet negattivi espressi minn numru ta' NGOs b'mod partikolari dwar ir-rwol tal-gass.

B'mod ġenerali, il-partijiet konċernati fil-biċċa l-kbira jemmnu li l-proċess tal-PCIs jippermetti li jintgħażlu l-aktar PCs rilevanti għall-ilħuq tal-oġġettivi tat-TEN-E permezz ta' kooperazzjoni reġjonali fi ħdan il-Gruppi Reġjonali. Filwaqt li, fil-prinċipju, il-kriterji tal-għażla huma kkunsidrati xierqa, il-partijiet konċernati talbu konsistenza mal-miri klimatiċi permezz ta' verifika bir-reqqa tas-sostenibbiltà. Bl-istess mod, il-kriterji huma kkunsidrati restrittivi wisq għal proġetti tal-grilja intelliġenti minn xi NGOs u partijiet konċernati mis-settur.

Il-partijiet konċernati esprimew il-fehma li r-Regolament TEN-E mhux qed jindirizza bis-sħiħ kwistjonijiet ewlenin bħall-integrazzjoni aktar profonda tal-enerġija rinnovabbli, it-titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. Il-kontribut indika xi inkonsistenzi bejn ir-Regolament TEN-E u politiki jew inizjattivi oħra fil-livell tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew / l-Istrateġija fit-Tul għad-Dekarbonizzazzjoni. Bħala tveġiba għal dawn l-isfidi, il-kategoriji tal-infrastruttura li ġejjin tqiesu bħala rilevanti għal aktar inklużjoni fil-qafas tat-TEN-E: l-infrastrutturi tal-idroġenu u l-grilji intelliġenti tad-distribuzzjoni tal-gass, il-gass bl-elettriku, network tal-enerġija li jappoġġa l-infrastrutturi tal-iċċarġjar bl-elettriku / tar-riforniment tal-idroġenu u network tal-enerġija fi proġetti eoliċi ibridi lil hinn mill-kosta. Madankollu, infrastruttura ddedikata għall-idroġenu, grilji intelliġenti tal-gass u teknoloġiji tal-gass bl-elettriku irċievew appoġġ imħallat, b'mod partikolari mill-NGOs. Appoġġ pjuttost baxx mill-partijiet konċernati, b'mod partikolari mis-soċjetà ċivili, mill-NGOs u mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-elettriku, ġie indikat fir-rigward tan-networks tas-CO₂ u b'mod

partikolari fir-rigward tal-ħżin tas-CO₂. Madankollu, analiżi ulterjuri tal-kontribut riċevut dwar l-inklużjoni tan-networks tas-CO₂ bħala kategorija ta' infrastruttura, indikat li kien hemm evidenza limitata sabiex jitneħħew in-networks tas-CO₂ mir-Regolament TEN-E.

Fir-rigward tal-governanza u tar-rwol ta' atturi differenti, il-partijiet konċernati talbu li jiddgħajjef ir-rwol tal-ENTSOs, filwaqt li jissaħħaħ ir-rwol tad-DSOs u ta' partijiet konċernati oħra, bħall-NGOs.

Filwaqt li l-proċeduri għall-għoti ta' permessi tqassru mindu daħal fis-seħħ ir-Regolament TEN-E, l-effettività tagħhom tiddependi ħafna mill-implimentazzjoni nazzjonali kif indikat minn diversi partijiet konċernati. Filwaqt li proċeduri nazzjonali kontinwament kumplessi huma kawża waħda għal dan, kwistjonijiet ambjentali tal-PCIs u oppożizzjoni pubblika li jikkawżaw kawżi twal quddiem il-qrati kontra l-proġetti huma raġunijiet oħra għal dewmien fl-għoti ta' permessi. Ir-rekwiżiti tal-konsultazzjoni pubblika skont it-TEN-E jidhru li żiedu l-għarfien dwar il-proġetti tal-PCIs, tejbu l-parteċipazzjoni pubblika u l-fiduċja fil-proċess. Madankollu, id-dispożizzjonijiet jidhru li għandhom impatt limitat fuq iż-żieda tal-aċċettazzjoni pubblika l-aktar minħabba n-nuqqas perċepit ta' informazzjoni (aġġornata) dwar il-ħtiġijiet tal-infrastruttura u n-nuqqas ta' feedback dwar it-tfassil tal-proġetti.

L-approċċ introdott fit-TEN-E sabiex jiġu kondiviżi l-kostijiet bejn l-Istati Membri bl-għan li jitwettqu proġetti b'benefiċċji transfruntiera, il-mekkaniżmu tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet (CBCA), ġie vvalutat fil-biċċa l-kbira bħala li indirizza l-assimetriji preeżistenti bejn il-kostijiet u l-benefiċċji. Is-CBCAs juru li huma effettivi f'xi każijiet, għalkemm il-valutazzjoni tal-mekkaniżmu u l-kumplessità tal-kisba tad-data, iż-żmien addizzjonali sakemm tkun tista' tittieħed deċiżjoni dwar l-investiment u n-nuqqas ta' riżultati mhux ambigwi li fuqhom tkun tista' tiġi bbażata d-deċiżjoni huma fatturi li jnaqqsu s-sodisfazzjoni tal-partijiet konċernati bil-proċess.

Hemm qbil mifruq fost il-partijiet konċernati li r-Regolament TEN-E għandu valur miżjud tal-Unjoni u li r-riżultati tiegħu ma setgħux jinkisbu individwalment mill-Istati Membri. Maġġoranza bħal din indikat li l-kwistjonijiet indirizzati mir-Regolament TEN-E għadhom jesigū azzjoni fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-maġġoranza tar-rispondenti jemmnu li l-benefiċċji tar-Regolament TEN-E huma akbar mill-kostijiet tiegħu.

• **Għir u użu tal-kompetenzi**

Il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt sottostanti tagħha huma msejsa fuq evidenza mill-evalwazzjoni tar-Regolament 347/2013 dwar linji gwida għan-networks tal-enerġija trans-Ewropej, mill-kontribut tal-partijiet konċernati għall-konsultazzjonijiet estensivi mwettqa f'dan ir-rigward, kif ukoll mir-rieżami tal-letteratura, mill-analiżi tal-portafoll tal-PCIs u mill-immudellar. Ir-rieżami tal-letteratura inkluda r-riżultati ta' serje ta' studji topiċi dwar elementi ewlenin tar-Regolament TEN-E, l-eżiti ta' evalwazzjoni ta' nofs it-terminu tar-Regolament TEN-E, kif ukoll evalwazzjonijiet u valutazzjonijiet imwettqa fil-qafas ta' inizjattivi rilevanti oħra tal-Kummissjoni.

Fl-analiżi ġew ikkunsidrati wkoll il-konklużjonijiet formali adottati fil-qafas tal-fora tal-partijiet konċernati dwar l-infrastruttura tal-enerġija u l-politika relatata. Ir-rapporti annwali konsolidati ta' monitoraġġ tal-ACER dwar il-progress tal-PCIs tal-elettriku u tal-gass, tal-proġetti tal-kapaċità inkrementali u tal-punti ta' interkonnessjoni virtwali kif ukoll aġġornamenti oħra dwar id-deċiżjonijiet tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u l-inċentivi bbażati fuq ir-riskju speċifiċi għall-proġetti ġew ikkunsidrati wkoll.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Skont il-linji gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, il-Kummissjoni wettqet Valutazzjoni tal-Impatt ta' diversi għażliet politiċi. Din il-ħidma kienet sostnuta minn konsultazzjoni strutturata fi ħdan il-Kummissjoni permezz ta' Grupp Interservizzi ta' Tmexxija.

Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet ippreżentata lill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju (RSB) u din ġiet diskussa miegħu. Ir-rakkomandazzjonijiet li għamel l-RSB fl-ewwel opinjoni (negattiva) tiegħu tal-25 ta' Settembru 2020 ġew indirizzati b'mod partikolari permezz ta': (i) kjarifika ulterjuri tal-isfond u tal-elementi ewlenin tar-Regolament TEN-E kurrenti, ii) enfasi fuq il-konklużjonijiet ewlenin tal-evalwazzjoni dwar is-suċċessi u n-nuqqasijiet tar-Regolament TEN-E kurrenti u l-irbit tagħhom sistematikament mad-definizzjoni tal-problema, iii) kjarifika ulterjuri tad-definizzjoni tal-problema sabiex jiġi spjegat aħjar kif il-qafas tat-TEN-E jaqbel mal-kuntest tal-politika l-għdida tal-Patt Ekoloġiku u kif l-oġettivi u l-għażliet jirrelataw mal-problemi u mal-fatturi ewlenin sottostanti, iv) spjegazzjoni aħjar dwar għaliex il-pakkett ta' għażliet preferuti huwa meqjus bħala l-aktar adattat sabiex jindirizza l-problemi identifikati (u jenfasizza alternattivi possibbli), u v) speċifikazzjoni tal-indikaturi ta' suċċess. It-tieni opinjoni mill-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju fl-1 ta' Diċembru kienet opinjoni pożittiva b'riżervi li kienu indirizzati b'mod partikolari permezz ta': (i) kjarifika ulterjuri tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-iskop differenti tar-Regolament TEN-E u tar-Regolament dwar it-Tassonomija, ii) spjegazzjoni li l-impatti kombinati tat-tibdiliet proposti se jallinjaw l-għażla tal-PCIs mal-oġettivi tal-politika tal-UE inkluż il-Patt Ekoloġiku, iii) kjarifika ulterjuri dwar għaliex il-pakkett ta' għażliet preferuti huwa meqjus bħala "validu fil-futur", u iv) spjegazzjoni aħjar li l-implimentazzjoni u l-infurzar nazzjonali huma kwistjoni importanti sabiex jiġi indirizzat id-dewmien fl-għoti ta' permessi u kif l-għażla preferuta tista' tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni f'waqtha tal-PCIs.

Matul il-ħidma tal-valutazzjoni tal-impatt, ġew ikkunsidrati diversi miżuri fl-oqsma kollha sabiex jiġu indirizzati l-problemi identifikati u l-fatturi li jikkawżaw il-problemi bl-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-inizjattiva. Wara valutazzjoni tal-effettività, tal-effiċjenza, tal-koerenza u tal-proporzjonalità tagħhom, instab li pakkett ta' għażliet preferuti huwa l-aktar adattat sabiex jikkontribwixxi għall-oġettivi stabbiliti. Il-pakkett ta' għażliet preferuti jinkludi d-dispożizzjonijiet ewlenin li ġejjin:

- L-aġġornar tal-kriterji ta' eliġibbiltà għall-grilji intelliġenti tal-elettriku
- L-esklużjoni tal-infrastruttura tal-gass naturali iżda l-inklużjoni tal-idroġenu, tal-P2G u tal-grilji intelliġenti tal-gass
- L-inklużjoni ta' proġetti ta' interess reċiproku (PMIs)
- Pjanijiet għall-iżvilupp integrat lil hinn mill-kosta
- It-tisħiħ tal-governanza u tas-sostenibbiltà
- L-aċċellerazzjoni tal-implimentazzjoni tal-proġetti
- Punt uniku ta' servizz għal kull baċir tal-baħar għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta
- L-inklużjoni tal-kostijiet sħaħ tal-investment

Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni futur tat-TEN-E, kwistjoni ewlenija hija jekk l-infrastruttura tal-gass naturali għandhiex tinżamm bħala kategorija ta' infrastruttura eliġibbli jew le. Fuq il-bażi tal-analiżi fit-taqsimiet 6 u 7 tal-valutazzjoni tal-impatt, l-esklużjoni tal-infrastruttura tal-gass tal-metan tidher bħala l-aktar approċċ effettiv u koerenti. Fl-istess ħin, l-inklużjoni tal-infrastruttura tal-idroġenu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas tat-TEN-E dehret ġustifikata minħabba r-rwol dejjem akbar tagħha għad-dekarbonizzazzjoni ta' ċerti setturi u l-potenzjal għal skambji transfruntiera. Flimkien, dawn it-

tibdiliet ikunu jiżguraw li t-TEN-E futur ikun jinkludi daww il-kategoriji kollha tal-infrastruttura li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-miri tal-2030/50. Fir-rigward tal-approċċ futur għall-ippjanar tal-infrastruttura, tibdil radikali fl-ippjanar tal-infrastruttura jidher li mhuwiex ġustifikat fid-dawl tal-benefiċċji addizzjonali limitati u taż-żieda sinifikanti fil-kostijiet tat-tranżizzjonijiet li jnaqqsu l-effiċjenza u jistgħu jagħmlu l-istrument anqas effettiv meta mqabbel mat-tisħiħ tal-approċċ kurrenti. Madankollu, minħabba l-ispeċifitàjiet kemm f'termini tas-sitwazzjoni kurrenti kif ukoll f'termini tal-kontribut mistenni għall-oġġettivi klimatiċi u enerġetiċi fit-tul, tibdil aktar radikali jidher ġustifikat għas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar.

L-għażliet li għandhom x'jaqsmu mas-"sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar" u mal-"ippjanar transsettorjali tal-infrastruttura" jtejbju l-governanza u l-qafas tal-ippjanar tal-infrastruttura sabiex jippermettu l-identifikazzjoni tal-proġetti meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-miri klimatiċi f'konformità mal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ta' kull baċir tal-baħar, mal-ħarsien tal-ambjent u ma' użi oħra tal-baħar. Hemm żewġ titjibiet ewlenin: l-ewwel nett, l-introduzzjoni ta' pjan għall-iżvilupp tan-network integrat għall-infrastruttura lil hinn mill-kosta fuq il-bażi tal-impenji konġunti tal-Istati Membri għall-ammont tal-varar tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta għal kull baċir tal-baħar (approċċ minn fuq għal isfel għall-ippjanar lil hinn mill-kosta); it-tieni nett, aġġustamenti għar-rwoli tal-atturi ewlenin involuti fl-iżvilupp tat-TYNDP b'sorveljanza msaħħa mill-Kummissjoni u mill-ACER dwar l-ENTSOs. Għażliet politiċi dwar l-"għoti ta' permessi" u t-"trattament regolatorju" se jikkomplementaw dan it-titjib sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp f'waqtu tal-PCIs identifikati: a) l-introduzzjoni ta' punt uniku ta' servizz għall-infrastruttura lil hinn mill-kosta għal kull baċir tal-baħar, b) l-aċċess għal proċeduri urġenti quddiem il-qorti, fejn disponibbli, u c) l-inklużjoni tal-kostijiet sħaħ ta' investiment fl-allokkazzjoni transfruntiera tal-kostijiet. Minbarra t-tibdiliet li huma speċifiċi għas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, it-tibdiliet se jkunu japplikaw għall-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament TEN-E rivedut u għall-kategoriji tal-infrastruttura eliġibbli kollha. Fl-aħħar nett, il-benefiċċji ta' hawn fuq se jiġu estiżi għal proġetti li jgħaqqdu lill-Unjoni ma' pajjiżi terzi (PMIs) minħabba r-rwol dejjem akbar tagħhom fl-ilħuq tal-oġġettivi klimatiċi.

Barra minn hekk, diversi għażliet tekniċi (ara l-Anness 9 tal-valutazzjoni tal-impatt) huma parti mill-pakkett ta' politika: l-aċċellerazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi, iż-żieda fit-trasparenza tal-PCIs, il-possibbiltà li l-proġetti tal-grilji intelliġenti jiksbu CBCA, l-iċċarar tad-dispożizzjonijiet tas-CBCA, u l-aġġornament tal-inċentivi għall-investiment. Barra minn hekk, il-pipelines taż-żejt u l-awtostradi tal-elettriku se jitneħħew bħala kategoriji ta' infrastruttura u oqsma tematiċi.

Il-valutazzjoni tal-impatti tiddependi fil-biċċa l-kbira fuq approċċ kwalitattiv. Ma kienx possibbli li jiġu kkwantifikati l-impatti għall-għażliet kollha minħabba n-nuqqas ta' data speċifika għall-proġetti b'mod partikolari għal kategoriji ġodda ta' infrastruttura. Barra minn hekk, it-tibdiliet proposti huma primarjament titjib gradwali fil-qafas kurrenti, li tqies li jaħdem relattivament tajjeb.

L-adattament tal-kamp ta' applikazzjoni tal-istrument billi tiġi żgurata l-konsistenza tal-kategoriji tal-infrastruttura mal-oġġettiv tan-newtralità klimatika se jnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sostnut minn ippjanar infrastrutturali integrat, ottimali u effiċjenti li jimminimizza wkoll l-impatti ambjentali potenzjali. Proċess għall-għoti ta' permessi aċċellerat se jippermetti wkoll implimentazzjoni aktar rapida ta' proġetti ewlenin u, b'hekk, iġib 'il quddiem il-benefiċċji ambjentali u soċjoekonomiċi.

Il-valutazzjoni tal-impatt identifikat il-gruppi fil-mira ewlenin li ġejjin li jkunu affettwati minn din l-inizjattiva: l-iċċittadini u l-konsumaturi Ewropej, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, ir-Regolaturi tal-Unjoni Ewropea, l-Awtoritajiet Regolatorji Nazzjonali, l-Awtoritajiet Nazzjonali Kompetenti u r-rappreżentanti lokali u reġjonali tagħhom, in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-

Trażmissjoni (ENTSO-E u ENTSO-G), l-organizzazzjonijiet tal-fergħat tad-DSOs, il-promoturi tal-proġetti, li jinkludu l-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni, il-produtturi tal-enerġija / l-industrija, l-akkademiċi u l-esperti tematiċi.

Il-*benefiċċji diretti* tal-pakkett ta' għażliet politiċi preferuti huma primarjament relatati mal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u mat-tiġib fl-effiċjenza fuq skala kbira permezz ta' approċċ aktar koordinat għall-ippjanar tal-infrastruttura fil-livell Ewropew u mal-għoti ta' permessi simplifikat għall-iżviluppi lil hinn mill-kosta. Dawn il-benefiċċji diretti jinkludu kemm benefiċċji soċjali, eż. is-soċjetà inġenerali tibbenefika minn tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u mill-kisba tal-oġettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll benefiċċji privati, eż. tnaqqis fil-kostijiet amministrattivi relatati ma' proċeduri iqsar għall-għoti ta' permessi.

Il-miżuri ta' simplifikazzjoni se jiġġeneraw benefiċċji diretti permezz ta' tnaqqis fil-kostijiet diretti rikorrenti eżistenti relatati mal-piż amministrattiv bħala riżultat ta' tnaqqis fl-obbligi ta' monitoraġġ u ta' rapportar. Dawn il-benefiċċji diretti huma primarjament benefiċċji privati għal ċerti partijiet konċernati bħall-promoturi ta' proġetti.

Il-*benefiċċji indiretti* jinkludu benefiċċji settorjali billi tiġi stimolata d-domanda tas-suq għal ċerti teknoloġiji innovattivi li, min-naħa tagħha, tikkontribwixxi għal rati ta' impjieġ potenzjalment ogħla.

Il-valutazzjoni tal-għażliet preferuti wriet impatti pożittivi fil-benesseri soċjali u f'termini ekonomiċi għal kategoriji differenti ta' partijiet konċernati. Madankollu, tali impatt għall-pakkett ta' għażliet politiċi preferuti ma jistax jiġi kkwantifikat kompletament jew imsarraff fi flus minħabba li dan kien ikun jirrikjedi informazzjoni dwar ir-rata ta' użu għall-PCIs futuri jew għall-espansjoni tas-suq għal kategoriji ġodda jew emerġenti ta' infrastruttura, li mhijiex disponibbli u ma tistax tiġi stmata bi grad suffiċjenti ta' robustezza.

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li kriterju ġenerali wiehied tal-għażla għal kull proġett ta' interess komuni huwa li l-benefiċċji potenzjali globali tiegħu jisbqu l-kostijiet tiegħu, inkluż fit-tul.¹⁶

Ir-Regolament TEN-E ma jintroduċi l-ebda imposta regolatorja, bħal tariffi, imposti, taxxi, eċċ. Il-pakkett tal-għażliet politiċi preferuti jirriżulta f'*kostijiet diretti* f'termini ta' kostijiet tal-konformità u ta' piż amministrattiv għan-negożji (prinċipalment promoturi ta' proġetti) u għall-amministrazzjonijiet (awtoritajiet nazzjonali kompetenti, awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-Kummissjoni u l-ACER) sabiex jibqgħu konformi mal-obbligi u mar-rekwiżiti sostantivi li jinsabu fih. L-applikazzjoni tal-pakkett tal-għażliet ippreferuti tirriżulta f'*kostijiet indiretti* għaċ-ċittadini/għall-konsumaturi, għan-negożji u għall-amministrazzjonijiet permezz ta' żieda fit-tariffi tan-network għall-finanzjament ta' investimenti fil-bażi tal-assi regolatorji (RAB). Madankollu, l-assistenza finanzjarja tal-FNE tista' ttaffi l-impatt fuq it-tariffi tan-network f'każ li PCI juri esternalitajiet sinifikanti f'termini ta' sigurtà tal-provvista, ta' solidarjetà, jew ta' innovazzjoni.

F'dan l-istadju ma kienx possibbli li dawn il-kostijiet jiġu stmati għall-azzjonijiet kollha, iżda huma kkunsidrati bħala mhux sinifikanti. Il-kostijiet addizzjonali jkunu marġinali meta mqabbla mal-kostijiet kurrenti.¹⁷ Il-*kostijiet addizzjonali* tal-infurzar fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni jiddependu mill-implimentazzjoni.

¹⁶ Ir-Regolament TEN-E, Art. 4(1)(b)

¹⁷ Ecorys et al. (2020) Support to the evaluation of Regulation (EU) No 347/2013 on guidelines for trans-European energy infrastructure, Draft final report, p. 122

- **L-idoneità u s-simplifikazzjoni regolatorja**

Ir-Regolament TEN-E rivedut se jkollu l-għan li jnaqqas l-obbligi ta' rapportar billi jsib sinerġiji bejn ir-rapportar tal-awtoritajiet kompetenti u tal-promoturi tal-proġetti. Sabiex jitħarsu t-trasparenza u l-aċċess tal-Gruppi Reġjonali għall-istatus ta' implimentazzjoni tal-proġett l-aktar aġġornat filwaqt li jinkiseb iffrankar rikorrenti tal-kostijiet, ir-rapport annwali tal-awtoritajiet kompetenti jista' jiġi integrat fir-rapport tal-promoturi tal-proġetti. It-tieni nett, l-obbligi ta' monitoraġġ tal-ACER se jitnaqqsu għal rapportar biennali tempestiv għall-valutazzjoni tal-PCI kandidati l-ġodda¹⁸ li jiġġeneraw titjib fl-effiċjenza ta' madwar 20 % fil-volum ta' xogħol tal-ACER dwar ir-rapportar, ekwivalenti għal EUR 60 000 f'kostijiet annwali ffrankati (jew 0,4 ta' FTE fis-sena). It-tielet nett, ir-Regolament TEN-E rivedut se jippermetti li l-prekonsultazzjoni qabel it-tnedija tal-proċedura tal-ġhoṭi ta' permessi għall-PCIs ma tkunx obligatorja, jekk diġà tkun koperta minn regoli nazzjonali skont l-istess standards jew standards oġhla bħal fir-Regolament TEN-E. Il-parteċipazzjoni pubblika u l-involviment tal-komunitajiet lokali u tal-partijiet konċernati affettwati mill-konstruzzjoni ta' PCI se jkunu ssalvagwardjati filwaqt li jiġu evitati obbligi li jżidu mal-proċeduri nazzjonali eżistenti. Ir-raba' u l-aħħar, id-dispożizzjonijiet il-ġodda jirrakkomandaw inklużjoni simplifikata tal-PCIs eżistenti fil-Pjanijiet ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network (TYNDPs), li biha proġetti fil-lista tal-Unjoni ta' PCIs li diġà jkunu pprovdew id-*data* amministrattiva u teknika meħtieġa għall-proċess tat-TYNDP ikunu jistgħu jibbenefikaw minn inklużjoni awtomatika fil-pjanijiet sussegwenti dment li d-*data* tibqa' l-istess.

Ma ġie identifikat l-ebda impatt dirett f'termini ta' konformità jew ta' kostijiet amministrattivi għall-SMEs. L-SMEs jistgħu jibbenefikaw minn żieda fil-kompetittività f'dawk l-oqsma tat-teknoloġija li huma inklużi jew imsaħħa fil-qafas futur tat-TEN-E (eż. l-industrija tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, is-servizzi diġitali, jew l-idroġenu).

L-inizjattiva hija koerenti mas-Suq Uniku Diġitali u koerenti mal-istrateġija tal-Unjoni għad-*data*.

- **Drittijiet fundamentali**

L-inizjattiva mhix mistennija jkollha impatt fuq il-drittijiet fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatt baġitarju assoċjat mal-proposta jikkonċerna r-riżorsi tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER). L-ACER se tieħu fuqha responsabbiltajiet addizzjonali fis-sorveljanza tal-Pjan ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network. Dan jeħtieġ numru limitat ta' riżorsi addizzjonali (FTE addizzjonali 1, ara d-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva).

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Fuq il-bażi tal-proċessi eżistenti għall-monitoraġġ tad-*data* minn rapporti regolari mħejjija mill-promoturi tal-proġetti u mir-regolaturi nazzjonali, ġew żviluppati diversi indikaturi li jkeġlu l-kisba ta' kull wieħed mill-oġettivi speċifiċi tar-Regolament TEN-E rivedut. L-impatti kurrenti tal-leġiżlazzjoni se jiġu mmonitorjati u evalwati skont sett ta' indikaturi mfassla apposta għall-oġettivi speċifiċi ta' politika li għandhom jinkisbu bil-leġiżlazzjoni. Barra minn hekk, erba' oġettivi operazzjonali relatati

¹⁸ Din l-għażla tikkorrispondi għall-kontribut tal-ACER għall-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

mal-pakkett ta' għażliet politiċi se jitlej fl-isfond ta' sett ta' indikaturi. Id-data kollha se tiġi mmonitorjata fuq il-bażi ta' rapporti regolari mill-promoturi tal-proġetti u mir-regolaturi nazzjonali.

Fl-2026 jenħtieġ li jsir rieżami tal-effettività tal-leġislazzjoni l-ġdida, meta mistenni li jkun tlesta t-tieni proċess tal-għażla tal-PCIs taħt il-qafas il-ġdid.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Ir-Regolament se jiġi implimentat b'mod dirett u uniformi fl-Istati Membri, u għalhekk ma jeħtieġx Dokument ta' Spjegazzjoni.

- **Spjegazzjoni dettaljata tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I tar-Regolament rivedut jispjega d-dispożizzjonijiet ġenerali, b'mod partikolari s-suġġett u l-ambitu tal-kategoriji tal-infrastruttura l-ġodda li ġew riveduti sabiex jirriflettu l-oġettiv ġenerali li jiġi ffaċilitat l-iżvilupp f'waqt ta' infrastrutturi tal-enerġija adegwati madwar l-Unjoni u fil-viċinat tagħha bl-għan li jkunu jistgħu jintlaħqu l-oġettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-miri tal-2030/50 li jinkludu l-oġettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista bl-anqas kost għall-konsumaturi u għan-negozji.

L-Artikoli 2(7), 4(2)(c), 4(4) u l-Annessi I, II, IV kurrenti li jiddefinixxu l-kriterji għall-grilji intelliġenti tal-elettriku ġew aġġornati sabiex jirriflettu t-tibdil teknoloġiku u jinkludu elementi rigward l-innovazzjoni u l-aspetti diġitali li jistgħu jitlej fost it-tagħmir jew l-installazzjonijiet għall-grilji intelliġenti. L-ambitu mwessa' tal-grilji intelliġenti tal-elettriku ġie rifless fl-aġġustament tal-kriterji tal-għażla. Barra minn hekk, ir-rwol tal-promoturi tal-proġetti ġie ċċarat aktar. It-teknoloġiji tal-grilji intelliġenti jenħtieġ li jgħinu wkoll sabiex itejbu l-appoġġ relatat man-network tal-enerġija għall-iċċarġjar b'kapasità għolja sabiex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-inklużjoni tal-elementi tal-gass naturali fil-kamp ta' applikazzjoni tat-TEN-E, b'mod partikolari l-Artikolu 4, u l-Annessi I, II, IV issa jirriflettu t-titjib sinifikanti fis-sigurtà tal-provvista bis-saħħa tal-implimentazzjoni tal-politika TEN-E sal-lum. Sal-bidu tas-snin 2020, meta l-proġetti tal-gass ta' interess komuni li qed jinbnew bħalissa se jkunu qed joperaw, l-Ewropa jenħtieġ li tikseb grilja tal-gass interkonnessa sew u reżiljenti għax-xokkijiet u l-Istati Membri kollha se jkollhom aċċess għal tal-anqas tliet sorsi ta' gass. Meta wieħed iqis li d-domanda futura għall-gass naturali hija stmata li se tonqos b'mod sinifikanti f'konformità mal-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku, l-infrastruttura tal-gass naturali ma għadhiex teħtieġ appoġġ permezz tal-politika tat-TEN-E.

Min-naħa l-oħra, it-TEN-E rivedut qed jirrifletti x-xenarju li qed jinbidel tal-gass bi rwol akbar għall-gassijiet rinnoabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-Artikoli 2 u 4 u fl-Annessi I, II u IV billi joħloq kategorija ġdida ta' infrastruttura għan-networks tal-gass intelliġenti. Dan ikun jappoġġa l-investimenti fil-livell tad-distribuzzjoni u/jew tat-trażmissjoni sabiex jiġu integrati gassijiet ekoloġiċi (tipikament il-bijogass u l-bijometanu iżda anki l-idroġenu) fin-network u jgħin fil-ġestjoni ta' sistema aktar kumplessa li tirriżulta, li tibni fuq teknoloġiji innovattivi. Il-proġetti kandidati jkunu jikkonsistu f'firxa ta' investimenti mmirati sabiex jagħmlu network partikolari tal-gass "intelliġenti" u dekarbonizzat.

Sabiex jiġu sostnuti l-ħtiġijiet tad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi diffiċli sabiex jittrażżnu, TEN-E se jinkludi networks tal-idroġenu ġodda u adattati mill-ġdid b'rilevanza transfruntier (inklużi pipelines tat-trażmissjoni tal-idroġenu u tagħmir relatat bħal kompressuri, faċilitajiet tal-ħżin, u faċilitajiet għall-idroġenu likwifikat) u faċilitajiet tal-gass bl-elettriku 'il fuq minn ċertu limitu b'rilevanza transfruntiera

(jiġifieri bl-għan li jfornu tal-anqas żewġ Stati Membri). In-networks tal-idroġenu se jkunu riflessi b'mod xieraq fil-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network (TYNDPs) li jkopru l-Unjoni kollha u mħejjija min-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass.

Fl-Artikolu 4(2) jiżdedu kriterji ġenerali ġodda tal-għażla li jirriflettu l-inklużjoni ta' proġetti ta' interess reċiproku fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament jekk ikunu jistgħu juru benefiċċji soċjoekonomiċi netti sinifikanti għal tal-anqas żewġ Stati Membri tal-Unjoni u għal tal-anqas pajjiż terz wieħed. Tali proġetti jkunu eliġibbli għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-approssimazzjoni tal-qafas regolatorju tal-pajjiż terz mal-Unjoni u malli juru kontribut għall-oġettivi enerġetiċi u klimatiċi ġenerali tal-Unjoni f'termini ta' sigurtà tal-provvista u ta' dekarbonizzazzjoni.

Minħabba n-nuqqas ta' allinjament tagħhom mal-oġettivi ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul u mal-Patt Ekoloġiku, il-pipelines taż-żejt transfruntiera mhumx se jibqgħu inklużi fir-Regolament.

Il-Kapitolu II jiddeskrivi d-dispożizzjonijiet fir-rigward tal-proċess tat-tħejjija tal-listi tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-Gruppi Reġionali, il-kriterji għall-għażla u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġett.

Il-kriterji għall-għażla tal-proġetti issa jkopru kriterju obligatorju ta' sostenibbiltà għall-kategoriji kollha tal-infrastruttura b'tal-anqas kriterju ieħor (l-integrazzjoni tas-suq, is-sigurtà tal-provvista, il-kompetizzjoni) fl-istadju tal-għażla tal-proġetti sabiex tiġi żgurata koerenza mal-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet infrastrutturali tal-Unjoni u mal-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni. Barra minn hekk, il-progress fl-implimentazzjoni mwettaq mill-proġett, flimkien ma' prova tal-obbligi ta' trasparenza u ta' rapportar issa se jiġu kkunsidrati mill-grupp reġionali fil-proċess tal-għażla tal-PCIs.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda fil-Kapitoli II u IV għandhom l-għan li jtejbju l-ippjanar tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Għal dan l-għan, it-TEN-E rivedut isaħħaħ il-governanza tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha, li huwa bażi għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fil-kategoriji tal-elettriku u tal-gass. Filwaqt li l-ENTSOs u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-proċess, hemm bżonn ta' aktar skrutinju sabiex tissaħħaħ il-fiduċja fil-proċess, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tax-xenarji għall-futur, tal-identifikazzjoni tal-lakuni u tal-konġestjonijiet infrastrutturali fit-tul u tal-valutazzjoni tal-proġetti individwali. Għalhekk, minħabba l-ħtieġa għal validazzjoni indipendenti, l-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija") u l-Kummissjoni se jkollhom rwol akbar fil-proċess.

Id-dispożizzjonijiet fil-Kapitolu III għandhom l-għan li jqassru l-proċeduri għall-permessi għall-PCIs sabiex jiġi evitat dewmien fil-proġetti li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni enerġetika. Għalhekk, it-TEN-E rivedut jistabbilixxi l-ħtieġa li l-awtoritajiet kompetenti jikkoordinaw u jsibu sinerġiji mal-pajjiżi ġirien fl-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri tagħhom, jevitaw rekwiżiti addizzjonali jew emendi leġiżlattivi matul il-proċess tal-għoti ta' permessi u juru flessibbiltà meta japplikaw l-istadji tal-għoti ta' permessi skont il-kategorija tal-infrastruttura sabiex titħaffef jew titqassar id-durata globali tal-għoti ta' permessi. It-TEN-E rivedut jintroduċi "punt uniku ta' servizz għall-permessi lil hinn mill-kosta" li jissimplifika u jħaffef il-proċess għall-għoti ta' permessi għal sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għal enerġija rinnovabbli li għandu jaġixxi bħala repożitorju ta' studji u ta' pjanijiet eżistenti dwar il-baċiri tal-baħar, bl-għan li jiffaċilita l-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti individwali ta' interess komuni u jieħu deċizzjonijiet komprensivi għal tali proġetti. Sabiex jiġi evitat li jkunu meħtieġa diversi konsultazzjonijiet fi stadju bikri, jenħtieġ li l-konsultazzjoni minn qabel ma tkunx obligatorja, jekk diġà tkun koperta minn regoli nazzjonali taħt l-istess standards jew standards ogħla bħal fir-Regolament TEN-E kurrenti. Skont it-TEN-E rivedut, l-Istati Membri jkollhom jiżguraw li l-proċeduri

ta' litigazzjoni aċċellerati jkunu applikabbli għall-PCIs skont il-leġislazzjonijiet nazzjonali (meta jkunu jeżistu).

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda jsaħħu bl-istess mod l-obbligu ta' trasparenza fuq il-promoturi tal-proġetti, bħala s-sidien tal-informazzjoni rigward l-implimentazzjoni tal-PCIs sabiex jipubblikaw u jaġġornaw il-paġni web dedikati bil-lingwi kollha tal-Istati Membri b'xi mod involuti jew milquta mill-PCIs. Barra minn hekk, il-promotur ta' proġett huwa obligat iqs l-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u juri kif għamel dan.

Il-promotur ta' proġett għandu jipubblika fuq is-sit web tiegħu rapport li juri kif l-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjonijiet pubbliċi ikunu ġew ikkunsidrati billi juri x'emendi saru fil-post, fit-trajettorja u fid-disinn tal-proġett jew billi jiġġustifika għaliex dawn l-opinjonijiet ma ġewx ikkunsidrati.

Id-dispożizzjonijiet taħt il-Kapitolu V jappoġġaw il-ħtieġa għall-iżvilupp tal-grilja meħtieġa għall-espansjoni sinifikanti mistennija tal-ġenerazzjoni tal-elettriku minn sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għal sorsi tal-enerġija rinnovabbli. It-TEN-E se jiżgura ppjanar u żvilupp fit-tul ikkoordinati tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar u tal-grilji tal-elettriku fuq l-art u b'hekk jitbiegħed mill-approċċ ta' proġett bi proġett filwaqt li jimminimizza l-impatt ambjentali u klimatiku.

Sabiex jiġi żgurat l-użu xieraq tal-għodod għall-kondiviżjoni tal-kostijiet u tal-inċentivi regolatorji, il-kapitolu VI jirrevedi d-dispożizzjonijiet eżistenti sabiex iżid iċ-ċarezza u t-trasparenza għall-allokazzjoni tal-kostijiet b'mod transfruntier u jaċċellera l-investment fl-infrastruttura transfruntiera. Bħala tali, it-TEN-E jipprevedi l-obbligu tal-inklużjoni sħiħa tal-kostijiet tal-investimenti fit-tariffi segwit minn valutazzjoni tal-affordabbiltà fuq il-konsumaturi. Għal proġetti speċifiċi li x'aktarx iġarrbu riskji oġġla bħal teknoloġiji innovattivi tat-trażmissjoni tal-elettriku li jippermettu integrazzjoni fuq skala kbira tal-enerġija rinnovabbli, tar-riżorsi distribwiti tal-enerġija jew tar-rispons tad-domanda f'networks interkonnessi, u proġetti tat-teknoloġija tal-enerġija u ta' diġitalizzazzjoni, jew proġetti b'nefqa operazzjonali għolja, jenħtieġ li l-oqfsa regolatorji jipprovdu inċentivi proporzjonali u xierqa għall-investment.

Id-dispożizzjonijiet il-ġodda taħt il-Kapitolu VII jaġġornaw l-eliġibbiltà tal-proġetti għall-assistenza finanzjarja mill-Unjoni għall-kategoriji tal-infrastruttura l-ġodda. Filwaqt li l-proġetti ta' interess reċiproku se jkunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni, l-investimenti li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni biss se jkunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet taħt kundizzjonijiet speċifiċi.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jirrevoka r-Regolament (UE) Nru 347/2013

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 172 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁹,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni²⁰,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-11 ta' Diċembru 2019 intitolata "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew"²¹, il-Kummissjoni stabbiliet strateġija ġdida ta' tkabbir tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi u kompetittiva, fejn ma jkunx hemm emissjonijiet netti ta' gassijiet serra fl-2050 u fejn it-tkabbir ekonomiku jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Mira għall-Klima²² li tippromovi li żżid il-livell ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal tal-anqas 55 % sal-2030 - ambizzjoni li ġiet approvata mill-Kunsill tal-Ewropa fil-11 ta' Diċembru 2020 - u l-valutazzjoni tal-impatt sottostanti tagħha tikkonferma li t-taħlita tal-enerġija tal-futur se tkun differenti ħafna minn dik tal-lum u ssostni l-ħtieġa li tiġi rieżaminata u, jekk ikun meħtieġ, li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni dwar l-enerġija. Jidher ċar li l-investimenti kurrenti fl-infrastruttura tal-enerġija mhumiex biżżejjed sabiex jittrasformaw u jibnu l-infrastruttura tal-enerġija tal-futur. Dak ifisser ukoll li l-infrastruttura jeħtieġ li tkun fis-seħħ sabiex tappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika Ewropea, inklużi elettrifikazzjoni rapida, espansjoni fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli, l-użu akbar ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija u użu akbar ta' soluzzjonijiet innovattivi.
- (2) Wara l-proposti tal-Kummissjoni bħala parti mill-pakkett Enerġija Nadifa għall-Ewropej Kollha, intlaħaq ftehim dwar mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli

¹⁹ ĠU C , , p. .

²⁰ ĠU C , , p. .

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final tal-11 ta' Diċembru 2019.

²² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030, Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna, COM(2020) 562 final tas-17 ta' Settembru 2020

għall-2030 ta' mill-inqas 32 % tal-konsum finali tal-enerġija u mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 %.

- (3) Il-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima wara l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi") jistabbilixxi mira fit-tul li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm għal ferm anqas minn 2 °C ogħla mil-livelli preindustrijali u li jitkomplew l-isforzi sabiex din tinżamm għal 1,5 °C ogħla mil-livelli preindustrijali, u jenfasizza l-importanza li jiġu adattati għall-impatti avversi tat-tibdil fil-klima u li l-flussi finanzjarji jsiru konsistenti ma' perkors lejn livell baxx ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill tal-Ewropa approva l-oġettiv li tintlaħaq Unjoni Ewropea newtrali għall-klima sal-2050, b'mod konformi mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (4) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²³, ir-Regolament TEN-E kurrenti, jistabbilixxi regoli għall-iżvilupp f'waqt u għall-interoperabbiltà tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika tal-enerġija tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija, is-sigurtà tal-provvista u s-swieq kompetittivi tal-enerġija fl-Unjoni, jiġu promossi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta' forom ġodda u rinnovabbli ta' enerġija, u tiġi promossa l-interkonnnessjoni tan-networks tal-enerġija. Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jistabbilixxi qafas għall-Istati Membri u għall-partijiet konċernati rilevanti sabiex jaħdmu flimkien f'ambjent reġjonali bl-għan li jiżviluppaw networks tal-enerġija konnessi aħjar bl-għan li jgħaqqdu reġjuni li bħalissa huma iżolati mis-swieq tal-enerġija Ewropej, isaħħu l-interkonnnessjonijiet transfruntiera eżistenti, u jgħinu fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli. Billi jsegwi dawk l-oġettivi, ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jikkontribwixxi għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv u jgħib benefiċċji għall-Unjoni kollha f'termini ta' kompetittività u ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali.
- (5) L-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 uriet b'mod ċar li l-qafas tejjeb b'mod effettiv l-integrazzjoni tan-networks tal-Istati Membri, stimula l-kummerċ tal-enerġija u, b'hekk, ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-Unjoni. Il-proġetti ta' interess komuni fl-elettriku u fil-gass ikkontribwew ħafna għas-sigurtà tal-provvista. Għall-gass, l-infrastruttura issa hija konnessa sew u r-reżiljenza tal-provvista tgiebet sostanzjalment mill-2013. Il-kooperazzjoni reġjonali fil-Gruppi Reġjonali u permezz tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet hija faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub. Filwaqt li l-maġġoranza tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi tqassar, f'xi każijiet il-proċess għadu twil. L-assistenza finanzjarja mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) kienet fattur importanti peress li l-għotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jitnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-għotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament tas-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti.
- (6) Il-politika tat-TEN-E hija strument ċentrali fl-iżvilupp ta' suq intern tal-enerġija u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex jinkisbu n-newtralità klimatika sal-2050 u livelli ogħla ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, l-Ewropa teħtieġ

²³ Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009, ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39–75

sistema tal-enerġija aktar integrata, li tiddependi fuq livelli ogħla ta' elettrifikazzjoni bbażata fuq sorsi rinnovabbli u fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass. Il-politika tat-TEN-E tista' tiżgura li l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni jappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika meħtieġa għan-newtralità klimatika f'konformità mal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".

- (7) Filwaqt li l-oġġettivi tar-Regolament (UE) Nru 347/2013 għadhom fil-biċċa l-kbira validi, il-qafas kurrenti tat-TEN-E għadu ma jirriflettix bis-sħiħ it-tibdiliet mistennija fis-sistema tal-enerġija li se jirriżultaw mill-kuntest politiku l-ġdid u b'mod partikolari mill-miri aġġornati tal-2030 u mill-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minbarra l-kuntest u l-oġġettivi politiċi l-ġodda, l-iżvilupp teknoloġiku seħħ rapidament f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dak l-iżvilupp jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-kategoriji tal-infrastruttura koperti minn dan ir-Regolament, fil-kriterji tal-għażla tal-proġetti ta' interess komuni kif ukoll fil-kuritur prijoritarji u fl-oqsma tematiċi.
- (8) Id-Direttivi (UE) 2019/944²⁴ u 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵ jipprevedu suq intern tal-enerġija. Filwaqt li sar progress sinifikanti ħafna fit-tweġġ tas-suq intern tal-enerġija, għad hemm lok għal titjib permezz ta' użu aħjar tal-infrastruttura tal-enerġija eżistenti, permezz tal-integrazzjoni tal-ammonti dejjem akbar ta' enerġija rinnovabbli u permezz tal-integrazzjoni tas-sistemi.
- (9) Jenħtieġ li l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni tiġi aġġornata sabiex tiġi evitata ħsara teknika u tiżdied ir-reżiljenza tagħha kontra tali ħsara, diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, effetti negattivi tat-tibdil fil-klima u theddid għas-sigurtà tagħha, b'mod partikolari fir-rigward tal-infrastrutturi kritiċi Ewropej skont id-Direttiva tal-Kunsill 2008/114/KE²⁶.
- (10) Jenħtieġ li l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni tkun reżiljenti għall-impatti inevitabbli li t-tibdil fil-klima huwa stmat li joħloq fl-Ewropa minkejja l-isforzi ta' mitigazzjoni. Għalhekk, it-tiżiħ tal-isforzi dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima, il-bini tar-reżiljenza, il-prevenzjoni tad-diżastri u t-tħejjija għalihom huwa kruċjali.
- (11) Is-sigurtà tal-provvista, bħala mutur ewlieni wara r-Regolament (UE) Nru 347/2013, tġiebet b'mod sinifikanti permezz ta' proġetti ta' interess komuni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni tal-impatt²⁷ tal-mira klimatika tal-Kummissjoni tistenna li l-konsum tal-gass naturali jonqos b'mod sinifikanti minħabba li l-użu mhux imrażżan tiegħu mhuwiex kompatibbli man-newtralità karbonika. Min-naħa l-oħra, il-konsum tal-bijogass, tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tal-fjuwils gassużi sintetiċi se jiżdied b'mod sinifikanti lejn l-2050. Għalhekk, l-infrastruttura tal-gass naturali ma għadhiex teħtieġ appoġġ mill-politika tat-TEN-E. Jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura tal-enerġija jirrifletti dan ix-xenarju tal-gass li qed jinbidel.
- (12) L-importanza tal-grilji intelliġenti tal-elettriku fil-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima ġiet rikonoxxuta fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija²⁸. Jenħtieġ li l-kriterji għall-kategorija jinkludu l-iżviluppi teknoloġiċi

²⁴ Id-Direttiva 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125.

²⁵ Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

²⁶ ĠU L 345, 23.12.2008, p. 75.

²⁷ SWD(2020) 176 final

²⁸ COM(2020) 299 final

fir-rigward tal-innovazzjoni u tal-aspetti diġitali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi ċċarat ir-rwol tal-promotori tal-proġetti. Minħabba ż-żieda sinifikanti mistennija fid-domanda għall-enerġija mis-settur tat-trasport, b'mod partikolari għall-vetturi elettriċi fit-toroq pubbliċi u fiż-żoni urbani, jenħtieġ li t-teknoloġiji tal-grilji intelliġenti jgħinu wkoll sabiex itejbu l-appoġġ relatat man-network tal-enerġija għall-iċċarġjar transfruntier b'kapaċità għolja sabiex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport.

- (13) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija tenfasizza l-ħtieġa għal ippjanar integrat tal-infrastruttura tal-enerġija fost it-trasportaturi tal-enerġija, l-infrastrutturi u s-setturi tal-konsum. Din l-integrazzjoni tas-sistema tibda mill-punt tat-tluq tal-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u tat-teħid ta' approċċ olistiku lil hinn mis-setturi individwali. Tindirizza wkoll il-ħtiġijiet ta' dekarbonizzazzjoni tas-setturi diffiċli sabiex jittrażnu, bħal partijiet tal-industrija jew ċerti modi tat-trasport, fejn, bħalissa, l-elettrifikazzjoni diretta hija teknikament jew ekonomikament diffiċli. Investimenti bħal dawn jinkludu l-idroġenu u l-elettrolizzaturi, li qed jagħmlu progress lejn varar kummerċjali fuq skala kbira. L-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu tagħti prijorità lill-produzzjoni tal-idroġenu mill-elettriku rinnovabbli, li hija l-aktar soluzzjoni nadifa u li hija l-aktar kompatibbli mal-oġettiv ta' newtralità klimatika tal-UE. Madankollu, f'fażi tranżitorja, jenħtieġu forom oħra ta' idroġenu b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju sabiex l-idroġenu eżistenti jiġi ssostitwit b'mod aktar rapidu u tingħata spinta lill-ekonomija ta' skala.
- (14) Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-Kummissjoni għall-Idroġenu²⁹ kkonkludiet li għall-varar meħtieġ tal-idroġenu, network tal-infrastruttura fuq skala kbira huwa element importanti li l-Unjoni u s-suq uniku biss jistgħu joffru. Bħalissa hemm infrastruttura dedikata limitata ħafna għat-trasport u għall-kummerċ tal-idroġenu bejn il-fruntieri. Jenħtieġ li infrastruttura bħal din tkun tikkonsisti f'ammont sinifikanti ta' assi konvertiti mill-gass naturali, ikkomplementati minn assi ġodda ddedikati għall-idroġenu. Barra minn hekk, l-Istrateġija għall-Idroġenu tistabbilixxi mira strateġika sabiex sal-2030 tiżdied il-kapaċità installata tal-elettrolizzaturi għal 40 GW bl-għan li tiżdied il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tas-setturi dipendenti fuq il-fjuwils fossili, bħall-industrija jew it-trasport. Għalhekk, jenħtieġ li l-politika tat-TEN-E tinkludi infrastruttura u ħżin ġodda u adattati mill-ġdid għat-trażmissjoni tal-idroġenu kif ukoll faċilitajiet tal-elettrolizzaturi. Jenħtieġ li l-infrastruttura għat-trażmissjoni u għall-ħżin tal-idroġenu tiġi inkluża wkoll fil-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva u konsistenti tal-kostijiet u tal-benefiċċji tagħha għas-sistema tal-enerġija, inkluż il-kontribut tagħha għall-integrazzjoni u għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi, bl-għan li jinħoloq pedament tal-idroġenu għall-Unjoni.
- (15) Barra minn hekk, jenħtieġ li tinħoloq kategorija ġdida ta' infrastruttura għall-grilji intelliġenti tal-gass sabiex issostni l-investimenti għall-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju bħall-bijogass, il-bijometan u l-idroġenu, fin-network u tgħin fil-ġestjoni ta' sistema aktar kumplessa li tirriżulta, filwaqt li tibni fuq teknoloġiji diġitali innovattivi.
- (16) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jirrikjedi proġett kandidat ta' interess komuni li jagħti prova ta' kontribuzzjoni sinifikanti għal tal-anqas kriterju wieħed minn sett ta' kriterji fil-proċess għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni, li jista' jinkludi s-sostenibbiltà, iżda mhux bilfors. F'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tas-suq intern tal-enerġija ta' dak iż-żmien, dak ir-rekwiżit ippermetta l-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni li indirizzaw biss ir-riskji għas-sigurtà tal-

²⁹

Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima, COM(2020) 301 final.

provvista anke jekk ma wrewx benefiċċji f'termini ta' sostenibbiltà. Madankollu, minħabba l-evoluzzjoni tal-ħtiġijiet infrastrutturali tal-Unjoni u l-miri ta' dekarbonizzazzjoni, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Lulju 2020, li skont dawn "l-infiq tal-UE jenħtieġ li jkun konsistenti mal-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi u mal-prinċipju ta' "tagħmel l-ebda ħsara" tal-Ftehim Ekoloġiku Ewropew", is-sostenibbiltà f'termini tal-integrazzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja jew it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif rilevanti, jenħtieġ li jiġu vvalutati sabiex jiġi żgurat li l-politika tat-TEN-E tkun koerenti mal-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima. Is-sostenibbiltà tan-networks tat-trasport tas-CO2 hija indirizzata mill-iskop tagħhom li jittrasportaw id-diossidu tal-karbonju.

- (17) Jenħtieġ li l-Unjoni tiffaċilita l-proġetti infrastrutturali li jgħaqqdu n-networks tal-enerġija tal-Unjoni ma' networks ta' pajjiżi terzi li jkunu ta' benefiċċju reċiproku u meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-kisba tal-miri klimatiċi, u li jissodisfaw ukoll il-kriterji speċifiċi tal-kategoriji ta' infrastruttura rilevanti skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari mal-pajjiżi ġirien u ma' pajjiżi li magħhom l-Unjoni tkun stabbiliet kooperazzjoni speċifika dwar l-enerġija. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jinkludi fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu proġetti ta' interess reċiproku meta jkunu sostenibbli u kapaċi juru benefiċċji soċjoekonomiċi netti sinifikanti għal tal-anqas żewġ Stati Membri u għal tal-anqas pajjiż terz wieħed. Tali proġetti jkunu eliġibbli għall-inklużjoni fil-lista tal-Unjoni dment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-approssimazzjoni regolatorja mal-Unjoni u malli juru kontribut għall-oġġettivi enerġetiċi u klimatiċi ġenerali tal-Unjoni f'termini ta' sigurtà tal-provvista u ta' dekarbonizzazzjoni. Tali allinjament jew konverġenza regolatorja jenħtieġ li tiġi preżunta għall-Partijiet Kontraenti taż-Żona Ekonomika Ewropea jew tal-Komunità tal-Enerġija. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-pajjiż terz li miegħu l-Unjoni tikkoopera fl-iżvilupp ta' proġetti ta' interess reċiproku jiffaċilita skeda ta' żmien simili għall-implimentazzjoni aċċellerata u għal miżuri oħra ta' appoġġ għall-politika, kif stipulat f'dan ir-Regolament. Għalhekk, f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li proġetti ta' interess reċiproku jitqiesu bl-istess mod bħal proġetti ta' interess komuni bid-dispożizzjonijiet kollha relatati ma' proġetti ta' interess komuni li japplikaw ukoll għall-proġetti ta' interess reċiproku, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor.
- (18) Barra minn hekk, sabiex jintlaħqu l-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-2050 u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika, l-Ewropa teħtieġ li żżid b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli. Il-kategoriji eżistenti tal-infrastruttura għat-trażmissjoni u għall-ħżin tal-elettriku huma kruċjali għall-integrazzjoni taż-żieda sinifikanti fil-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fil-grilja enerġetika. Barra minn hekk, dak jeħtieġ li jiżdied l-investment fl-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta³⁰. Jenħtieġ li tiġi indirizzata wkoll il-koordinazzjoni tal-ippjanar u tal-iżvilupp fit-tul tas-sistemi ta' distribuzzjoni tal-elettriku fil-baħar u fuq l-art. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura lil hinn mill-kosta jitbiegħed mill-approċċ ta' proġett bi proġett u jqarreb lejn approċċ komprensiv koordinat li jiżgura l-iżvilupp sostenibbli ta' sistemi integrati ta' distribuzzjoni fil-baħar f'konformità mal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta ta' kull baċir tal-baħar, mal-ħarsien tal-ambjent u ma' użi oħra tal-baħar.
- (19) Jenħtieġ li l-Istati Membri rilevanti ikunu jistgħu jivvalutaw il-benefiċċji u l-kostijiet tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baċiri tal-baħar afferenti għall-enerġija rinnovabbli u jwettqu analiżi preliminari tal-kondiviżjoni tal-kostijiet fil-livell tal-baċiri tal-baħar sabiex isostnu l-impenji politiċi konġunti għall-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-livell tal-baċiri tal-baħar. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżviluppa prinċipji uniformi għal metodoloġija tal-

³⁰

Il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija lil Hinn mill-Kosta

kostijiet-benefiċċji u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta li jenħtieġ li jippermettu lill-Istati Membri jagħmlu valutazzjoni adegwata.

- (20) Il-proċess tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha bħala bażi għall-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni fil-kategoriji tal-elettriku u tal-gass wera li kien effettiv. Iżda, filwaqt li n-Network Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku u tal-Gass (ENTSOs) u l-operaturi tas-sistemi ta' trażmissjoni għandhom rwol importanti x'jaqdu fil-proċess, huwa meħtieġ aktar skrutinju, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni tax-xenarji għall-futur, tal-identifikazzjoni tal-lakuni u tal-konġestjonijiet infrastrutturali fit-tul u tal-valutazzjoni tal-proġetti individwali, bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja fil-proċess. Għalhekk, minħabba l-ħtieġa għal validazzjoni indipendenti, jenħtieġ li l-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija") u l-Kummissjoni jkollhom rwol akbar fil-proċess, inkluż fil-proċess għat-tfassil tal-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha skont ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³¹ u r-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³².
- (21) Huwa importanti li jiġi żgurat li daww il-proġetti infrastrutturali li għalihom ma teżisti l-ebda soluzzjoni alternattiva raġonevoli biss ikunu jistgħu jirċievu l-istatus ta' proġett ta' interess komuni. Għal dak l-għan, l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fl-infrastruttura se ssegwi l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u tikkunsidra bi prijorità s-soluzzjonijiet rilevanti kollha mhux relatati mal-infrastruttura sabiex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati. Barra minn hekk, matul l-implimentazzjoni tal-proġetti, jenħtieġ li l-promoturi tal-proġetti jirrapportaw dwar il-konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali sabiex juru li l-proġetti ma jagħmlux ħsara sinifikanti lill-ambjent f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) 2020/852³³. Għal proġetti eżistenti ta' interess komuni li jkunu laħqu maturità suffiċjenti, dan se jitqies matul l-għażla tal-proġetti għal-lista sussegwenti tal-Unjoni mill-gruppi reġjonali.
- (22) Sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tal-vultaġġ u tal-frekwenza, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-istabbiltà tan-network Ewropew tal-elettriku taħt kundizzjonijiet li qed jinbidlu, speċjalment fid-dawl tas-sehem dejjem akbar tal-elettriku rinnovabbli.
- (23) Wara konsultazzjonijiet mill-qrib mal-Istati Membri u mal-partijiet konċernati kollha, il-Kummissjoni identifikat 13-il prijorità strateġika tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li l-implimentazzjoni tagħhom hija essenzjali għall-kisba tal-miri tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 u għall-2050. Daww il-prijoritajiet ikopru reġjuni ġeografiċi jew oqsma tematiċi differenti fil-qasam tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-elettriku, tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli, tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-idroġenu, tal-elettrolizzaturi, tal-grilji intelliġenti tal-gass, tal-grilji intelliġenti tal-elettriku, u tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju.
- (24) Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jikkonformaw ma' kriterji komuni, trasparenti u oġġettivi fid-dawl tal-kontribuzzjoni tagħhom għall-oġġettivi tal-politika dwar l-enerġija. Sabiex ikunu eliġibbli għall-inklużjoni fil-listi tal-Unjoni, jenħtieġ li l-proġetti tal-elettriku u tal-

³¹ Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

³² Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

³³ Ir-Regolament (UE) 2020/852 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088, ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13

idroġenu jkunu parti mill-aħħar pjan disponibbli ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha. Peress li l-infrastruttura tal-idroġenu bħalissa mhijiex inkluża fil-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha, jenħtieġ li dan ir-rekwiżit għall-proġetti tal-idroġenu japplika biss mill-1 ta' Jannar 2024 għall-finijiet tat-tieni lista tal-Unjoni mfassla skont dan ir-Regolament.

- (25) Jenħtieġ li jitwaqqfu gruppi reġjonali bl-għan li jipproponu u jirrieżaminaw proġetti ta' interess komuni, li jwasslu għall-istabbiliment ta' listi reġjonali ta' proġetti ta' interess komuni. Sabiex jiġi żgurat kunsens mifrux, jenħtieġ li daww il-gruppi reġjonali jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, il-promoturi tal-proġetti u l-partijiet konċernati rilevanti. Fil-kuntest ta' dik il-kooperazzjoni, jenħtieġ li, meta jkun meħtieġ, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, jagħtu pariri lill-gruppi reġjonali, fost l-oħrajn dwar il-fattibbiltà tal-aspetti regolatorji tal-proġetti proposti u dwar il-fattibbiltà tal-iskeda ta' żmien proposta għall-approvazzjoni regolatorja.
- (26) Jenħtieġ li kull sentejn tiġi stabbilita lista ġdida tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni ("lista tal-Unjoni"). Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni li jkunu lesti jew li ma jibqgħux jissodisfaw il-kriterji u r-rekwiżiti rilevanti kif stabbiliti f'dan ir-Regolament ma jidhrux fil-lista tal-Unjoni segwenti. Għal dik ir-raġuni, proġetti eżistenti ta' interess komuni li għandhom jiġu inklużi fil-lista li jmiss tal-Unjoni jenħtieġ li jkunu soġġetti għall-istess proċess tal-għażla għall-istabbiliment tal-listi reġjonali u għall-istabbiliment tal-lista tal-Unjoni applikat għall-proġetti proposti. Madankollu, jenħtieġ li jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv li jirriżulta, pereżempju billi tintuża sa fejn ikun possibbli l-informazzjoni ppreżentata qabel, u billi jitqiesu r-rapporti annwali tal-promoturi tal-proġetti. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-proġetti eżistenti ta' interess komuni li għamlu progress sinifikanti jibbenefikaw minn proċess ta' inklużjoni simplifikat fil-pjan ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha.
- (27) Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jiġu implimentati malajr kemm jista' jkun u jenħtieġ li dawn jiġu mmonitorjati u evalwati mill-qrib, filwaqt li l-piż amministrattiv għall-promoturi tal-proġetti jinżamm għall-minimu. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tinnomina l-koordinaturi Ewropej għal proġetti li jkunu qed jaffaċċjaw diffikultajiet partikolari. Il-progress fl-implimentazzjoni tal-proġetti speċifiċi kif ukoll it-tweġġiq tal-obbligi li jappartjenu għal dan ir-Regolament jenħtieġ li jitqiesu fil-proċess tal-għażla għal listi sussegwenti tal-Unjoni għall-proġetti rispettivi.
- (28) Jenħtieġ li l-proċess għall-għoti ta' permessi la jwassal għal piżijiet amministrattivi li jkunu sproporzjonati għad-daqs jew għall-kumplessità ta' proġett, u lanqas ma jgħodq ostakli għall-iżvilupp tan-networks trans-Ewropej u għall-aċċess għas-suq.
- (29) L-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-Unjoni ta' interess komuni fl-oqsma tal-infrastruttura tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni jenħtieġ li jiġu kkoordinati sabiex jiġu ġġenerati sinerġiji kull meta dawn ikunu fattibbli minn perspettiva ta' ppjanar ekonomiku, tekniku, ambjentali, klimatiku jew spazjali ġenerali, u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-aspetti rilevanti tas-sikurezza. Għalhekk, matul l-ippjanar tad-diversi networks Ewropej, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata preferenza lill-integrazzjoni tan-networks tat-trasport, tal-komunikazzjoni u tal-enerġija sabiex jiġi żgurat li jintuża l-anqas ammont possibbli ta' art, filwaqt li jiġi żgurat, fejn ikun possibbli, li jintużaw mill-ġdid rotot eżistenti jew li ma għadhomx jintużaw, bl-għan li jitnaqqas għall-minimu kwalunkwe impatt soċjali, ekonomiku, ambjentali, klimatiku u finanzjarju negattiv.
- (30) Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jingħataw "status ta' prijorità" fil-livell nazzjonali sabiex jiġi żgurat trattament amministrattiv rapidu u jenħtieġ li dawn jiġu kkunsidrati mill-

awtoritajiet kompetenti bħala li jkunu fl-interess pubbliku. Għal raġunijiet ta' interess pubbliku prevalenti, jenħtieġ li l-proġetti li jkollhom impatt negattiv fuq l-ambjent jiġu awtorizzati meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE³⁴ u fid-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁵.

- (31) Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jingħataw ukoll "status ta' prijorità" fil-livell nazzjonali sabiex jiġi żgurat trattament urġenti fil-proċeduri ġudizzjarji u ta' soluzzjoni tat-tilwim kollha li jkunu relatati magħhom.
- (32) Sabiex titnaqqas il-kumplessità, jiżdedu l-effiċjenza u t-trasparenza u tingħata għajnuna sabiex tittejjeb il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri, jenħtieġ li jkun hemm awtorità jew awtoritajiet kompetenti li jintegraw jew jikkoordinaw il-proċessi kollha għall-ġħoti ta' permessi ("punt uniku ta' kuntatt").
- (33) Sabiex jiġi ssimplifikat u jitħaffef il-proċess għall-ġħoti ta' permessi għal sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li l-Istati Membri madwar baċir tal-baħar partikolari jgħolqu punti uniċi ta' kuntatti, imsejħa "punt uniku ta' kuntatt lil hinn mill-kosta", fid-dawl tal-ispeċifikitajiet u tal-ġeografija reġjonali, għall-faċilitazzjoni u għall-koordinazzjoni tal-proċess għall-ġħoti ta' permessi għal proġetti bħal dawn. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' punt uniku ta' kuntatt għal kull baċir tal-baħar għal sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jnaqqas il-kumplessità, iżid l-effiċjenza u jħaffef il-proċess għall-ġħoti ta' permessi għall-assi ta' trażmissjoni lil hinn mill-kosta li spiss ikunu jaqsmu ħafna ġurisdizzjonijiet.
- (34) Minkejja l-eżistenza ta' standards stabbiliti li jiżguraw il-parteeipazzjoni pubblika fi proċeduri ta' teħid ta' deċiżjonijiet ambjentali, li japplikaw bis-sħiħ għal proġetti ta' interess komuni, għadhom meħtieġa miżuri addizzjonali skont dan ir-Regolament sabiex jiżguraw l-ogħla standards possibbli ta' trasparenza u ta' parteeeipazzjoni pubblika fil-kwistjonijiet rilevanti kollha fil-proċess għall-ġħoti ta' permessi għal proġetti ta' interess komuni. Meta dawn diġà jkunu koperti mir-regoli nazzjonali taħt l-istess standards jew standards ogħla bħal f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-prekonsultazzjoni qabel il-proċedura għall-ġħoti ta' permessi ma tibqax obligatorja u tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rekwiżiti legali.
- (35) Jenħtieġ li l-implimentazzjoni korretta u koordinata tad-Direttivi 2011/92/UE³⁶ 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷ u, fejn applikabbli, tal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteeipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998³⁸ (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"), u tal-Konvenzjoni ta' Espoo dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali f'kuntest transfruntier (il-"Konvenzjoni ta' Espoo") tiżgura l-armonizzazzjoni tal-prinċipji ewlenin għall-valutazzjoni tal-effetti ambjentali u klimatiċi, inkluż f'kuntest transfruntier. Il-Kummissjoni hargħet gwida aġġornata sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fid-definizzjoni ta' miżuri leġiżlattivi u mhux

³⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

³⁵ Id-Direttiva Nru 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).

³⁶ Id-Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU L 26, 28.1.2012, p. 1).

³⁷ Id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

³⁸ ĠU L 124, 17.5.2005, p. 4.

leġislativi adegwati bl-għan li jiġu ssimplifikati l-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali għall-infrastruttura tal-enerġija u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni għal proġetti ta' interess komuni³⁹. L-Istati Membri jenħtieġ li jikkoordinaw il-valutazzjonijiet tagħhom għal proġetti ta' interess komuni, u jipprovdu għal valutazzjonijiet konġunti, fejn possibbli. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħeġġu jiskambjaw l-aħjar prattika u l-bini tal-kapaċitajiet amministrattivi fil-proċessi għall-għoti ta' permessi.

- (36) Huwa importanti li jiġi ssimplifikat u li jittejjeb il-proċess għall-għoti ta' permessi, filwaqt li jiġu rrispettati sa fejn ikun possibbli b'kunsiderazzjoni xierqa għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, il-kompetenzi u l-proċeduri nazzjonali għall-bini ta' infrastruttura ġdida. Minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġu żviluppati l-infrastrutturi tal-enerġija, jenħtieġ li s-simplifikazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi tistabbilixxi terminu ċar għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet rispettivi fir-rigward tal-kostruzzjoni tal-proġett. Jenħtieġ li dak it-terminu jistimola definizzjoni u trattament aktar effiċjenti tal-proċeduri, u jenħtieġ li taħt l-ebda ċirkostanza ma jikkomprometti l-istandards għoljin għall-ħarsien tal-ambjent f'konformità mal-leġislazzjoni ambjentali u għall-parteċipazzjoni pubblika. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jistabbilixxi termini massimi, madankollu, l-Istati Membri jistgħu jistinkaw sabiex jiksbu termini iqsar meta dawn ikunu fattibbli u, b'mod partikolari, fir-rigward ta' proġetti bħall-grilji intelliġenti, li jistgħu ma jeħtiġux proċessi kumplessi għall-għoti ta' permessi bħal dawk għall-infrastruttura ta' trażmissjoni. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu responsabbli sabiex jiżguraw il-konformità mat-termini.
- (37) L-Istati Membri jistgħu jinkludu, f'deċiżjonijiet komprensivi, u fejn xieraq, deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest ta' negozjati ma' sidien individwali tal-art sabiex jagħtu aċċess għal proprjetà, sjieda jew dritt ta' okkupazzjoni tagħha, ta' ppjanar tal-ispazju li jiddetermina l-użu ġenerali tal-art ta' reġjun definit, inklużi żviluppi oħra bħal toroq pubbliċi, ferroviji, binjiet u żoni għall-ħarsien tan-natura, li ma jitwettqux għall-iskop speċifiku tal-proġett pjanat u għall-għoti ta' permessi operazzjonali. Fil-kuntest tal-proċess għall-għoti ta' permessi, proġett ta' interess komuni jista' jinkludi infrastruttura relatata sal-punt li din tkun essenzjali għall-kostruzzjoni jew għall-funzjonament tal-proġett. Dan ir-Regolament, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' permessi, il-parteċipazzjoni pubblika u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li japplika mingħajr preġudizzju għad-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, inklużi dispożizzjonijiet għall-ħarsien tal-ambjent u tas-saħħa tal-bniedem, u dispożizzjonijiet adottati taħt il-Politika Komuni tas-Sajd u Marittima, b'mod partikolari d-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰.
- (38) Jenħtieġ li, b'mod ġenerali, il-kostijiet għall-iżvilupp, għall-kostruzzjoni, għall-operat u għall-manutenzjoni ta' proġetti ta' interess komuni jiġġarrbu bis-siġh minn dawk li jużaw l-infrastruttura. Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jkunu eliġibbli għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet meta valutazzjoni tad-domanda tas-suq jew tal-effetti mistennija fuq it-tariffi tindika li l-kostijiet ma jistgħux ikunu mistennija li jiġu rkuprati mit-tariffi mħallsa minn dawk li jużaw l-infrastruttura.

³⁹ Id-Dokument ta' Gwida "Streamlining environmental assessment procedures for energy infrastructure 'Projects of Common Interest' (PCIs)", https://ec.europa.eu/environment/eia/pdf/PCI_guidance.pdf.

⁴⁰ Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ipplanar tal-ispazju marittimu, ĠU L 257, 28.8.2014, p. 135.

- (39) Id-diskussjoni dwar l-allokazzjoni xierqa tal-kostijiet jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji ta' proġett infrastrutturali mwettqa fuq il-bażi ta' metodoloġija armonizzata għal analiżi tas-sistema tal-enerġija kollha kemm hi, bl-użu tal-istess xenarju użat meta l-proġett kien inkluż fil-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni, fil-qafas tal-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha u mħejjija min-Networks Ewropej tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni skont ir-Regolament (UE) 2019/943 u (KE) Nru 715/2009, u rieżaminata mill-Aġenzija. Dik l-analiżi tista' tqis l-indikaturi u l-valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet ta' unità tal-investment.
- (40) F'suq intern tal-enerġija dejjem aktar integrat, huma meħtieġa regoli ċari u trasparenti għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet sabiex jitħaffef l-investment fl-infrastruttura transfruntier. Huwa essenzjali li jiġi żgurat qafas ta' finanzjament stabbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni filwaqt li tiġi mminimizzata l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju. Meta jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet, jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jallokaw il-kostijiet tal-investment b'mod transfruntier fit-totalità tagħhom u jinkludhom fit-tariffi nazzjonali, u, wara dan jiddeterminaw jekk l-impatt tagħhom fuq it-tariffi nazzjonali jistax jirrappreżenta piż sproporzjonat għall-konsumaturi. Jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jevitaw ir-riskji ta' appoġġ doppju għall-proġetti billi jqisu l-imposti jew id-dħul attwali jew stmati. Jenħtieġ li daww l-imposti u d-dħul jitqiesu biss sa fejn ikunu relatati mal-proġetti u sa fejn ikunu mfassla sabiex ikopru l-kostijiet konċernati.
- (41) Il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija teħtieġ li t-tariffi għall-aċċess għan-networks jipprovdu inċentivi xierqa għall-investment. Madankollu, diversi tipi ta' proġetti ta' interess komuni x'aktarx iġibu magħhom esternalitajiet li possibilmment ma jkunux jistgħu jiġu koperti kompletament fis-sistema tariffarja regolari u rkuprati permezz tagħha. Meta japplikaw il-leġiżlazzjoni dwar is-suq intern tal-enerġija, jenħtieġ li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jiżguraw qafas regolatorju u finanzjarju stabbli u prevedibbli b'inċentivi għall-proġetti ta' interess komuni, inklużi inċentivi fit-tul, li jkunu proporzjonati mal-livell ta' riskju speċifiku tal-proġett. Jenħtieġ li dak japplika b'mod partikolari għal proġetti transfruntiera, għal teknoloġiji innovattivi ta' trażmissjoni tal-elettriku li jippermettu integrazzjoni fuq skala kbira tal-enerġija rinnovabbli, ta' riżorsi tal-enerġija distribwiti jew ta' rispons għad-domanda f'networks interkonnessi, u għal proġetti tat-teknoloġija tal-enerġija u ta' diġitalizzazzjoni li x'aktarx iġarrbu riskji oġhla minn proġetti simili li jitwettqu fi ħdan Stat Membru wieħed, jew li jwiegħdu benefiċċji akbar għall-Unjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-proġetti b'nefqa operazzjonali għolja jkollhom ukoll aċċess għal inċentivi xierqa għall-investment. B'mod partikolari, is-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli li jaqdu l-funzjonalità doppja ta' interkonnnetturi tal-elettriku u fl-istess ħin jgħaqqdu proġetti ta' ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta, x'aktarx li jġarrbu riskji oġhla minn proġetti infrastrutturali fuq l-art komparabbli, minħabba l-konnessjoni intrinsika tagħhom mal-assi ta' ġenerazzjoni li ġġib riskji regolatorji, riskji ta' finanzjament, bħall-ħtieġa għal investimenti antiċipatorji, ir-riskji tas-suq u r-riskji marbuta mal-użu ta' teknoloġiji innovattivi ġodda.
- (42) Jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika biss għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' interess komuni, għall-parteċipazzjoni pubblika fihom u għat-trattament regolatorju tagħhom. L-Istati Membri xorta waħda jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali sabiex japplikaw l-istess regoli jew regoli simili għal proġetti oħra li ma jkollhomx l-istatus ta' proġetti ta' interess komuni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-inċentivi regolatorji, l-Istati Membri jistgħu jadottaw dispożizzjoni nazzjonali sabiex japplikaw l-istess regoli jew regoli simili għal proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija ta' ħżin tal-elettriku.

- (43) L-Istati Membri li bħalissa ma jattribwixxux l-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli għal proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija fir-rigward tal-proċess għall-għoti ta' permessi, jenħtieġ li jitħeġġu jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' tali sinifikat nazzjonali għoli, b'mod partikolari billi jevalwaw jekk dan ikunx iwassal għal proċess aktar mgħaġġel għall-għoti ta' permessi.
- (44) Jenħtieġ li l-Istati Membri li bħalissa ma għandhomx fis-seħħ proċeduri għidizzjarji aċċellerati jew urġenti applikabbli għal proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija jitħeġġu jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' tali proċeduri, b'mod partikolari billi jevalwaw jekk dik tkunx twassal għal implimentazzjoni aktar mgħaġġla ta' tali proġetti.
- (45) Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 wera l-valur miżjud tal-ingranagħ tal-finanzjament privat permezz ta' assistenza finanzjarja sinifikanti tal-Unjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu implimentati proġetti ta' sinifikat Ewropew. Fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja, u tar-restrizzjonijiet baġitarji, jenħtieġ li l-appoġġ immirat, permezz ta' għotjiet u permezz ta' strumenti finanzjarji, ikompli taħt il-qafas finanzjarju pluriennali, sabiex jattira investituri ġodda lejn il-kurituri u l-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija, filwaqt li jżomm il-kontribuzzjoni baġitarja tal-Unjoni għal livell minimu.
- (46) Jenħtieġ li l-proġetti ta' interess komuni jkunu eliġibbli li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni għal studji u, taħt ċerti kundizzjonijiet, għal xogħlijiet skont ir-Regolament (UE) ... [dwar Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kif proposta minn COM(2018)438] fil-forma ta' għotjiet jew fil-forma ta' strumenti finanzjarji innovattivi sabiex jiġi żgurat li jkun jista' jingħata appoġġ imfassal apposta għal daww il-proġetti ta' interess komuni li ma jkunux vijabbli skont il-qafas regolatorju u l-kundizzjonijiet tas-suq eżistenti. Huwa importanti li tiġi evitata kwalunkwe distorsjoni tal-kompetizzjoni, b'mod partikolari bejn proġetti li jikkontribwixxu għall-kisba tal-istess kuritur prijoritarju tal-Unjoni. Jenħtieġ li tali assistenza finanzjarja tiżgura s-sinerġiji meħtieġa mal-Fondi Strutturali, sabiex jiġu ffinanzjati networks intelliġenti ta' distribuzzjoni tal-enerġija u mal-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294⁴¹. Għal investimenti fi proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li tapplika loġika maqsuma fi tliet stadji. L-ewwel nett, jenħtieġ li s-suq ikollu l-prijorità li jinvesti. It-tieni, jekk l-investimenti ma jsirux mis-suq, jenħtieġ li jiġu esplorati soluzzjonijiet regolatorji, jekk ikun meħtieġ jenħtieġ li jiġi aġġustat il-qafas regolatorju rilevanti, u jenħtieġ li tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tal-qafas regolatorju rilevanti. It-tielet, fejn l-ewwel żewġ stadji ma jkunux biżżejjed sabiex jiksbu l-investimenti meħtieġa fi proġetti ta' interess komuni, jenħtieġ li jkun possibbli li tingħata assistenza finanzjarja mill-Unjoni meta l-proġett ta' interess komuni jkun jissodisfa l-kriterji ta' eliġibbiltà applikabbli. Il-proġetti ta' interess komuni jistgħu jkunu eliġibbli wkoll taħt il-programm InvestEU, li huwa komplementari għall-finanzjament bl-għotjiet.
- (47) Jenħtieġ li l-għotjiet għal xogħlijiet relatati ma' proġetti ta' interess reċiproku jkunu disponibbli biss għall-investimenti li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni u biss fil-każ meta tal-anqas żewġ Stati Membri jikkontribwixxu finanzjarjament b'mod sinifikanti għall-kostijiet tal-investment tal-proġett fid-dawl tal-benefiċċji tiegħu.

⁴¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1294 tal-15 ta' Settembru 2020 dwar il-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni (ĠU L 303, 17.9.2020, p. 1).

- (48) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942⁴², u (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴³ u d-Direttivi (UE) 2009/73/KE u (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jiġu emendati bix-xieraq.
- (49) Għalhekk, jenħtieġ li jitħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.
- (50) Sabiex jiġi żgurat li l-kompożizzjoni tal-kurituri u tal-oqsma tematiċi prijoritarji tirrifletti bl-aħjar mod l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġijau li n-numru ta' proġetti kandidati f'kull grupp jibqa' xieraq u raġonevoli sabiex tkun tista' ssir valutazzjoni komprensiva dettaljata, u sabiex jiġi żgurat li l-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni tkun limitata għal proġetti li jikkontribwixxu l-aktar għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma tematiċi prijoritarji strateġiċi tal-infrastruttura tal-enerġija, jenħtieġ li, f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni tiġi ddelegata s-setgħa li tadotta atti:
- sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tirrieżamina l-kamp ta' applikazzjoni u l-kompożizzjoni tal-kurituri u tal-oqsma tematiċi prijoritarji u tadotta listi ġodda ta' kurituri u ta' oqsma tematiċi prijoritarji;
 - sabiex temenda l-annessi ta' dan ir-Regolament bl-għan li tadotta u tirrieżamina l-lista ta' proġetti ta' interess komuni tal-Unjoni, filwaqt li tirrispetta d-dritt tal-Istati Membri u tal-pajjiżi terzi li japprovaw proġetti ta' interess komuni jew proġetti ta' interess reċiproku relatati mat-territorju tagħhom.
- Filwaqt li titqies il-ħtieġa li tiġi żgurata l-kisba tal-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, fid-dawl tan-numru ta' proġetti fil-listi tal-Unjoni s'issa, jenħtieġ li n-numru totali ta' proġetti ta' interess komuni jibqa' maniġġabbli, u, għalhekk, jenħtieġ li ma jaqbiżx b'mod sinifikanti l-220. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, jenħtieġ li tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Meta jqisu li dan ikun meħtieġ, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jibagħtu esperti għal-laqqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati li għalihom ikunu mistiedna l-esperti tal-Istati Membri. Id-diskussjonijiet fil-gruppi reġjonali huma strumentali sabiex il-Kummissjoni tadotta l-atti delegati li jistabbilixxu l-listi ta' proġetti ta' interess komuni. Għalhekk, huwa xieraq, sa fejn ikun possibbli u kompatibbli mal-qafas ta' dan ir-Regolament, li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jiġu informati u jkun jistgħu jibagħtu esperti għal-laqqgħat tal-gruppi reġjonali f'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tal-2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet⁴⁴.
- (51) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fir-rigward tal-proċeduri ta' allokkazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u sabiex l-Istati Membri jkun jistgħu jivvalutaw il-benefiċċji u l-kostijiet tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baċir tal-baħar afferenti għall-enerġija rinnovabbli, anki fid-dawl tal-arranġamenti tas-suq u finanzjarji għas-siti ta' ġenerazzjoni, bħall-appoġġ mogħti diġà, u jwettqu analiżi preliminari tal-kondiviżjoni tal-kostijiet fil-livell tal-baċiri tal-baħar, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE)

⁴² Ir-Regolament (UE) 2019/942 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 22).

⁴³ Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku, ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54

⁴⁴ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1–14. Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁵. Jenħtieġ li l-proċedura konsultattiva tintuża għall-adozzjoni ta' dawk l-atti ta' implimentazzjoni.

- (52) Ladarba l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-iżvilupp u l-interoperabbiltà ta' networks tal-enerġija trans-Ewropej u l-konnessjoni mat-tali networks, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu, għalhekk, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi linji gwida għall-iżvilupp f'waqtu u għall-interoperabbiltà tal-kurituri u tal-oqsma prijaritarji tal-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea stabbiliti fl-Anness I ("kurituri u oqsma prijaritarji tal-infrastruttura tal-enerġija") li jikkontribwixxu għall-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni għall-2030 u għall-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050.

2. B'mod partikolari, dan ir-Regolament:

- (a) jindirizza l-identifikazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijaritarji li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija fl-elettriku, il-grilji intelliġenti tal-gass, l-idroġenu, l-elettrolizzaturi u d-diossidu tal-karbonju stabbiliti fl-Anness II ("kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija");
- (b) jiffaċilita l-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti ta' interess komuni billi jissimplifika, jikkoordina aktar mill-qrib, u jaċċellera l-proċessi għall-ġoti ta' permessi u billi jtejjeb il-parteċipazzjoni pubblika;
- (c) jipprovdi regoli u gwida għall-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u inċentivi relatati mar-riskju għal proġetti ta' interess komuni;
- (d) jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tal-proġetti ta' interess komuni għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni;
- (e) jindirizza l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' interess reċiproku.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Minbarra d-definizzjonijiet fid-Direttivi 2009/73/KE, (UE) 2018/2001⁴⁶ u (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u fir-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942, u (UE) 2019/943, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

⁴⁵ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

- (1) "infrastruttura tal-enerġija" tfisser kwalunkwe tagħmir fiżiku jew faċilità li taqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija li tinsab fl-Unjoni, jew li tgħaqqad l-Unjoni ma' pajjiż terz wieħed jew aktar;
- (2) "deċiżjoni komprensiva" tfisser id-deċiżjoni finali jew is-sett ta' deċiżjonijiet meħuda minn awtorità jew minn awtoritajiet ta' Stat Membru, li ma jinkludux qراطي jew tribunali, li jiddetermina jekk promotur ta' proġett ikunx awtorizzat jibni l-infrastruttura tal-enerġija sabiex iwettaq proġett ta' interess komuni billi jkollu l-possibbiltà li jibda, jew le, jew jakkwista u jibda x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni meħtieġa ("status lest għall-bini") mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' appell amministrattiv;
- (3) "proġett" tfisser linja waħda jew diversi linji, pipelines, faċilitajiet, tagħmir jew installazzjonijiet li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija;
- (4) "proġett ta' interess komuni" tfisser proġett meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fl-Anness I u li jkun parti mil-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni msemmija fl-Artikolu 3;
- (5) "proġett ta' interess reċiproku" tfisser proġett promoss mill-Unjoni f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi;
- (6) "konġestjoni tal-infrastruttura tal-enerġija" tfisser limitazzjoni ta' flussi fiżiċi f'sistema tal-enerġija minħabba kapaċità ta' trażmissjoni insuffiċjenti, li tinkludi fost l-oħrajn l-assenza ta' infrastruttura;
- (7) "promotur ta' proġett" tfisser wieħed minn dawn li ġejjin:
 - (a) operatur tas-sistema ta' trażmissjoni (TSO), operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew operatur jew investitur ieħor li jiżviluppa proġett ta' interess komuni;
 - (b) fejn ikun hemm diversi TSOs, operatori tas-sistema ta' distribuzzjoni, operatori oħrajn, investituri, jew kwalunkwe grupp tagħhom, l-entità b'personalità ġuridika skont id-dritt nazzjonali applikabbli, li tkun inħatret permezz ta' arranġament kuntrattwali bejniethom u li jkollha l-kapaċità li twettaq obbligi legali u tassumi responsabbiltà finanzjarja f'isem il-partijiet fl-arranġament kuntrattwali;
- (8) "grilja intelliġenti tal-elettriku" tfisser network tal-elettriku li fih l-operatur tal-grilja jkun jista' jimmonitorja b'mod diġitali l-azzjonijiet tal-utenti konnessi miegħu, u t-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għall-komunikazzjoni ma' operatori tal-grilja relatati, ma' ġeneraturi, ma' konsumaturi u/jew ma' prosumaturi, bl-għan li l-elettriku jiġi trażmess b'mod sostenibbli, kosteffiċjenti u sigur;
- (9) "grilja intelliġenti tal-gass" tfisser network tal-gass li jagħmel użu minn soluzzjonijiet diġitali innovattivi sabiex jintegra b'mod kosteffiċjenti pluralità ta' sorsi tal-gass b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u rinnovabbli f'konformità mal-ħtiġijiet tal-konsumaturi u mar-rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass sabiex titnaqqas il-marka tal-karbonju tal-konsum tal-gass relatat, ikun jista' jiżdied is-sehem tal-gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, u jinħolqu rabtiet ma' operatori u ma' setturi oħra tal-enerġija;

⁴⁶ Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82

- (10) "awtoritajiet konċernati" tfisser awtoritajiet li, skont id-dritt nazzjonali, ikunu kompetenti sabiex joħorġu permessi u awtorizzazzjonijiet differenti relatati mal-ippjanar, mad-disinn u mal-konstruzzjoni ta' assi immobbli, li jinkludu l-infrastruttura tal-enerġija;
- (11) "xogħlijiet" tfisser ix-xiri, il-provvista u l-varar ta' komponenti, ta' sistemi u ta' servizzi li jinkludu s-software, it-tweġġ tal-iżvilupp u tal-bini u l-attivitajiet ta' installazzjoni relatati ma' proġett, l-aċċettazzjoni tal-installazzjonijiet u t-tneġġja ta' proġett;
- (12) "studji" tfisser attivitajiet meħtieġa sabiex titħejja l-implimentazzjoni tal-proġett, bħal studji preparatorji, tal-fattibbiltà, ta' evalwazzjoni, ta' ttestjar u ta' validazzjoni, inkluż software, u kwalunkwe miżura oħra ta' appoġġ tekniku, li tinkludi azzjoni bil-quddiem sabiex jiġi ddefinit u żviluppat proġett u sabiex tittieħed deċiżjoni dwar il-finanzjament tiegħu, bħal stħarriġ tas-siti konċernati u t-tneġġja tal-pakkett finanzjarju;
- (13) "awtorità regolatorja nazzjonali" tfisser awtorità regolatorja nazzjonali maħtura f'konformità mal-Artikolu 39(1) tad-Direttiva 2009/73/KE jew mal-Artikolu 57(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew;
- (14) "kummissjonar" tfisser il-proċess li bih proġett jibda jitħaddem ladarba jkun inbena;
- (15) "awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti" tfisser l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali fl-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv;
- (16) "adattament għat-tibdil tal-klima" huwa proċess li jiżgura li r-reżiljenza għall-impatti negattivi potenzjali tat-tibdil fil-klima tal-infrastruttura tal-enerġija tiġi żgurata permezz ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u tar-riskju tat-tibdil fil-klima, inkluż permezz ta' miżuri ta' adattament rilevanti.

KAPITOLU II

PROĠETTI TA' INTERESS KOMUNI U PROĠETTI TA' INTERESS REĊIPROKU

Artikolu 3

Lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni u ta' proġetti ta' interess reċiproku

1. Gruppi reġjonali għandhom ikunu ("Gruppi") kif stabbiliti fit-Taqsima 1 tal-Anness III. Is-*sħubija* f'kull Grupp għandha tkun ibbażata fuq kull kuritur u qasam prijaritarji u fuq il-kopertura ġeografika rispettiva tagħhom kif stabbilit fl-Anness I. Is-setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet fil-Gruppi għandhom ikunu ristretti għall-Istati Membri u għall-Kummissjoni, li, għal dawk l-għanijiet, għandhom jissejħu l-korp deċiżjonali tal-Gruppi.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 li jissupplimentaw dan ir-Regolament fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tal-kompożizzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijaritarji.

2. Kull Grupp għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess, filwaqt li jqis id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III.

3. Il-korp deċiżjonali ta' kull Grupp għandu jadotta lista reġjonali ta' proġetti ta' interess komuni proposti mfassla f'konformità mal-proċess stabbilit fit-Taqsima 2 tal-Anness III, mal-kontribut ta' kull proġett għall-implimentazzjoni tal-kurituri u tal-oqsma prijaritarji tal-infrastruttura tal-enerġija u ma' kemm kull proġett ikun jissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4.

Meta Grupp ifassal il-lista reġjonali tiegħu:

- (a) kull proposta individwali għal proġett ta' interess komuni għandha teħtieġ l-approvazzjoni tal-istati, li mat-territorju tagħhom ikun relatat il-proġett; meta stat ma jagħtix l-approvazzjoni tiegħu, huwa għandu jippreżenta r-raġunijiet sostanzjati tiegħu għal dan lill-Grupp konċernat;
- (b) għandu jqis il-pariri tal-Kummissjoni li jistipulaw li t-tir huwa li jkun hemm numru totali ta' proġetti ta' interess komuni li jkun maniġġabbli.

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament li jemendaw l-annessi ta' dan ir-Regolament bl-għan li jstabbilixxu l-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni ("il-lista tal-Unjoni"), soġġetta għat-tieni paragrafu tal-Artikolu 172 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-lista tal-Unjoni tiġi stabbilita kull sentejn, fuq il-bażi tal-listi reġjonali adottati mill-korpi deċiżjonali tal-gruppi kif stabbilit fil-punt (2) tat-Taqsima 1 tal-Anness III, skont il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

L-ewwel lista tal-Unjoni skont dan ir-Regolament għandha tiġi adottata sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru 2023.

5. Meta tadotta l-lista tal-Unjoni fuq il-bażi tal-listi reġjonali, il-Kummissjoni għandha:

- (a) tiżgura li jiġu inklużi biss daww il-proġetti li jissodisfaw il-kriterji msemmija fl-Artikolu 4;
- (b) tiżgura konsistenza transreġjonali, filwaqt li tqis l-opinjoni tal-Aġenzija għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija ("l-Aġenzija") kif imsemmi fil-punt (12) tat-Taqsima 2 tal-Anness III;
- (c) tqis l-opinjonijiet tal-Istati Membri kif imsemmija fil-punt (9) tat-Taqsima 2 tal-Anness III;
- (d) timmira għal numru totali maniġġabbli ta' proġetti ta' interess komuni fil-lista tal-Unjoni.

6. Proġetti ta' interess komuni inklużi fil-lista tal-Unjoni skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu skont il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II, għandhom isiru parti integrali mill-pjanijiet ta' investiment reġjonali rilevanti skont l-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 u tal-pjanijiet nazzjonali rilevanti ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network skont l-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944 u l-Artikolu 22 tad-Direttiva 2009/73/KE u ta' pjanijiet infrastrutturali nazzjonali oħra, kif ikun xieraq. Daww il-proġetti għandhom jingħataw l-ogħla prijarità possibbli fi ħdan kull wieħed minn daww il-pjanijiet. Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal proġetti ta' interess reċiproku.

Artikolu 4

Kriterji għal proġetti ta' interess komuni u għal proġetti ta' interess reċiproku

1. Il-proġetti ta' interess komuni għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali li ġejjin:

- (a) il-proġett ikun meħtieġ għal talanqas wieħed mill-kurrituri u mill-oqsma prijaritarji tal-infrastruttura tal-enerġija;
- (b) il-benefiċċji globali potenzjali tal-proġett, ivvalutati skont il-kriterji speċifiċi rispettivi fil-paragrafu 3, jisbqu l-kostijiet tiegħu, inkluż fit-tul;
- (c) il-proġett jissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (i) jinvolve tal-anqas żewġ Stati Membri billi jaqşam direttament il-fruntiera ta' żewġ Stati Membri jew aktar;
- (ii) ikun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru wieħed u jkollu impatt transfruntier sinifikanti kif stipulat fil-punt (1) tal-Anness IV.

2. Il-proġetti ta' interess reċiproku għandhom jissodisfaw il-kriterji ġenerali li ġejjin:

- (a) il-proġett jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-oġġettivi ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni u ta' dawk tal-pajjiż terz u għas-sostenibbiltà, inkluż permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u permezz tat-trażmissjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lejn ċentri ta' konsum u siti ta' ħżin ewlenin, u;
- (b) il-benefiċċji globali potenzjali tal-proġett, ivvalutati f'konformità mal-kriterji speċifiċi rispettivi fil-paragrafu 3, jisbqu l-kostijiet tiegħu, inkluż fit-tul;
- (c) il-proġett ikun jinsab fit-territorju ta' mill-inqas Stat Membru wieħed u fit-territorju ta' mill-inqas pajjiż terz wieħed u jkollu impatt transfruntier sinifikanti kif stabbilit fil-punt (2) tal-Anness IV;
- (d) għall-parti li tinsab fit-territorju tal-Unjoni, il-proġett ikun konformi mad-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944 meta jkun jaqa' taħt il-kategoriji tal-infrastruttura deskritti fil-punti (1) u (3) tal-Anness II;
- (e) il-pajjiż jew il-pajjiżi terzi involuti jkollhom livell għoli ta' allinjament jew ta' konverġenza regolatorja sabiex isostnu l-oġġettivi ġenerali tal-politika tal-Unjoni, b'mod partikolari sabiex jiżguraw:
 - i) suq intern tal-enerġija li jiffunzjona tajjeb;
 - ii) is-sigurtà tal-provvisti tal-enerġija fuq il-bażi tal-kooperazzjoni u tas-solidarjetà;
 - iii) sistema tal-enerġija, inklużi l-produzzjoni, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni, fuq trajettorja lejn id-dekarbonizzazzjoni f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-klima; u, b'mod partikolari, l-evitar tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju;
- (f) il-pajjiż jew il-pajjiżi terzi involuti isostnu l-istatus ta' prijorità tal-proġett, kif stipulat fl-Artikolu 7, u jimpenjaw ruħhom li jikkonformaw ma' skeda ta' żmien simili għall-implimentazzjoni aċċellerata u għal miżuri oħra ta' appoġġ ta' politika u regolatorju kif applikabbli għal proġetti ta' interess komuni fl-Unjoni.

3. Il-kriterji speċifiċi li ġejjin għandhom japplikaw għal proġetti ta' interess komuni li jaqgħu f'kategoriji speċifiċi tal-infrastruttura tal-enerġija:

- (a) għall-proġetti tat-trażmissjoni u tal-ħżin tal-elettriku li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u permezz tat-trażmissjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli lejn ċentri ta' konsum u siti ta' ħżin ewlenin, u għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:

- (i) l-integrazzjoni tas-suq, inkluż permezz tat-tneħħija tal-iżolament ta' mill-inqas Stat Membru wieħed u t-tnaqqis tal-konġestjonijiet tal-infrastruttura tal-enerġija; il-kompetizzjoni u l-flessibilità tas-sistema;
 - (ii) is-sigurtà tal-provvista, inkluż permezz tal-interoperabbiltà, tal-flessibilità tas-sistema, taċ-ċibersigurtà, tal-konnessjonijiet xierqa u tal-operat sikur u affidabbli tas-sistema.
- (b) għal proġetti tal-grilji intelliġenti tal-elettriku li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (1)(d) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà permezz tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja, u għal tal-anqas tnejn mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:
- (i) is-sigurtà tal-provvista, inkluż permezz tal-effiċjenza u tal-interoperabbiltà tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-elettriku fl-operat ta' kuljum tan-network, l-evitar tal-konġestjoni, u l-integrazzjoni u l-involvement tal-utenti tan-network;
 - (ii) l-integrazzjoni tas-suq, inkluż permezz tal-operat effiċjenti tas-sistema u l-użu tal-interkonnnetturi;
 - (iii) is-sigurtà tan-network, il-flessibilità u l-kwalità tal-provvista, inkluż permezz ta' użu oġġett tal-innovazzjoni fl-ibbilanċjar, fiċ-ċibersigurtà, fil-monitoraġġ, fil-kontroll tas-sistema u fil-korrezzjoni tal-iżbalji.
- (c) għall-proġetti tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kriterji speċifiċi kollha li ġejjin:
- (i) l-evitar tal-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju filwaqt li tinżamm is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija;
 - (ii) iż-żieda fir-reżiljenza u fis-sigurtà tat-trasport tad-diossidu tal-karbonju;
 - (iii) l-użu effiċjenti tar-riżorsi, billi jippermettu l-konnessjoni ta' diversi sorsi tad-diossidu tal-karbonju u ta' siti tal-ħżin permezz ta' infrastruttura komuni u l-minimizzazzjoni tal-piż u tar-riskji ambjentali.
- (d) għall-proġetti tal-idroġenu li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punt (3) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà, inkluż billi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gass serra, tissaħħaħ l-adozzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u tiġi sostnuta l-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli varjabbli billi jiġu offruti soluzzjonijiet ta' flessibilità u/jew ta' ħżin. Barra minn hekk, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:
- (i) l-integrazzjoni tas-suq, inkluż permezz tal-konnessjoni ta' networks eżistenti jew emerġenti tal-idroġenu tal-Istati Membri, jew b'xi mod ieħor permezz tal-kontribuzzjoni għall-ħolqien ta' network għall-Unjoni kollha għat-trasport u għall-ħżin tal-idroġenu, u l-iżgurar tal-interoperabilità tas-sistemi konnessi;
 - (ii) is-sigurtà tal-provvista u l-flessibilità, inkluż permezz ta' konnessjonijiet xierqa u l-iffaċilitar tal-operat sikur u affidabbli tas-sistema;
 - (iii) il-kompetizzjoni, inkluż billi jkun permess l-aċċess għal diversi sorsi ta' provvista u utenti tan-network fuq bażi trasparenti u mhux diskriminatorja.

(e) għall-elettrolizzaturi li jaqgħu taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (4) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-kriterji speċifiċi kollha li ġejjin:

(i) is-sostenibbiltà, inkluż permezz tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib tal-użu tal-idroġenu rinnovabbli.

(ii) is-sigurtà tal-provvista, inkluż permezz ta' kontribuzzjoni għall-operat sigur, effiċjenti u affidabbli tas-sistema, jew billi jiġu offruti soluzzjonijiet ta' ħżin u/jew ta' flessibilità, bħal servizzi ta' rispons fin-naħa tad-domanda u servizzi ta' bilanċjar;

(iii) l-iffaċilitar tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija permezz tal-konnessjoni ta' operatori u ta' setturi differenti tal-enerġija.

(f) għal proġetti ta' grilji intelliġenti tal-gass li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punt (2) tal-Anness II, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà billi jippermetti u jiffaċilita l-integrazzjoni ta' gassijiet rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, bħal bijometanu jew idroġenu rinnovabbli, fin-networks tad-distribuzzjoni u tat-trażmissjoni tal-gass sabiex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Barra minn hekk, il-proġett għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għal tal-anqas wieħed mill-kriterji speċifiċi li ġejjin:

(i) is-sigurtà tan-network u l-kwalità tal-provvista billi jittejbu l-effiċjenza u l-interoperabbiltà tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni tal-gass fl-operat tan-network ta' kuljum billi, fost l-oħrajn, jiġu indirizzati l-isfidi li jirriżultaw mill-injezzjoni ta' gassijiet ta' kwalitajiet differenti permezz tal-varar ta' teknoloġiji innovattivi u permezz taċ-ċibersigurtà;

(ii) il-funzjonament tas-suq u s-servizzi għall-klijenti;

(iii) l-iffaċilitar tal-integrazzjoni intelliġenti tas-settur tal-enerġija permezz tal-ħolqien ta' rabtiet ma' operatori u ma' setturi oħra tal-enerġija u l-abilitazzjoni tar-rispons tad-domanda.

4. Għall-proġetti li jaqgħu taħt il-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija stabbiliti fil-punti (1) sa (4) tal-Anness II, il-kontribuzzjoni għall-kriterji elenkati fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu vvalutati f'konformità mal-indikaturi stabbiliti fil-punti (3) sa (7) tal-Anness IV.

5. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-proġetti kollha li jistgħu jkunu eliġibbli bħala proġetti ta' interess komuni u li jistgħu jiġu inklużi f'lista reġjonali, kull Grupp għandu jivvaluta l-kontribuzzjoni ta' kull proġett għall-implimentazzjoni tal-istess kuritur jew qasam prijoritarju b'mod trasparenti u oġġettiv. Kull Grupp għandu jiddetermina l-metodu ta' valutazzjoni tiegħu fuq il-bażi tal-kontribuzzjoni aggregata għall-kriterji msemmija fil-paragrafu 3. Dik il-valutazzjoni għandha twassal għal klassifikazzjoni tal-proġetti għall-użu intern tal-Grupp. La l-lista reġjonali u lanqas il-lista tal-Unjoni ma għandu jkollhom xi klassifikazzjoni, u l-klassifikazzjoni lanqas ma għandha tintuża għal xi skop sussegwenti ħlief kif deskritt fil-punt (14) tat-Taqsima 2 tal-Anness III.

Meta jivvaluta l-proġetti, kull Grupp għandu jqis kif xieraq:

(a) l-urġenza ta' kull proġett propost sabiex jintlaħqu l-miri tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni ta' dekarbonizzazzjoni, ta' integrazzjoni tas-suq, ta' kompetizzjoni, ta' sostenibbiltà u ta' sigurtà tal-provvista;

(b) il-komplementarjetà fir-rigward ta' proġetti proposti oħrajn;

(c) għall-proġetti proposti li, f'dak iż-żmien, ikunu proġetti ta' interess komuni, il-progress tal-implimentazzjoni tal-proġetti u l-konformità tagħhom mal-obbligi ta' rapportar u ta' trasparenza.

Fir-rigward ta' proġetti ta' grilji elettriċi intelliġenti u ta' grilji tal-gass intelliġenti li jaqgħu taħt il-kategorija tal-infrastruttura tal-enerġija stabbilita fil-punti (1)(d) u (2) tal-Anness II, għandha ssir klassifikazzjoni għal dawk il-proġetti li jaffettwaw l-istess żewġ Stati Membri, u għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lin-numru ta' utenti affettwati mill-proġett, lill-konsum annwali tal-enerġija u lis-sehem tal-ġenerazzjoni minn riżorsi mhux spedibbli fiż-żona koperta minn dawk l-utenti.

Artikolu 5

Implimentazzjoni u monitoraġġ

1. Il-promoturi tal-proġetti għandhom ifasslu pjan ta' implimentazzjoni għall-proġetti ta' interess komuni, inkluża skeda ta' żmien għal kull wieħed u waħda minn dawn li ġejjin:

(a) l-istudji dwar il-fattibbiltà u t-tfassil inkluż dak li għandu x'jaqşam mal-adattament għat-tibdil fil-klima u mal-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali u mal-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti";

(b) l-approvazzjoni mill-awtorità regolatorja nazzjonali jew minn kwalunkwe awtorità oħra konċernata;

(c) il-kostruzzjoni u l-kummissjonar;

(d) l-iskeda għall-għoti tal-permessi msemmija fl-Artikolu 10(5)(b).

2. It-TSOs, l-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni u operaturi oħra għandhom jikkooperaw ma' xulxin sabiex jiffaċilitaw l-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni fiż-żona tagħhom.

3. L-Aġenzija u l-Gruppi konċernati għandhom jimmonitorjaw il-progress miksub fl-implimentazzjoni tal-proġetti ta' interess komuni u, meta jkun meħtieġ, jagħmlu rakkomandazzjonijiet sabiex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni. Il-gruppi jistgħu jitolbu li tingħata informazzjoni addizzjonali f'konformità mal-paragrafi 4, 5 u 6, isejħu laqgħat mal-partijiet rilevanti u jistiednu lill-Kummissjoni tivverifika l-informazzjoni pprovduta fuq il-post.

4. Sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena wara s-sena tal-inklużjoni ta' proġett ta' interess komuni fil-lista tal-Unjoni skont l-Artikolu 3, il-promoturi ta' proġett għandhom jissottomettu rapport annwali, għal kull proġett li jaqa' taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1) sa (4) tal-Anness II, lill-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 8.

Dak ir-rapport għandu jinkludi dettalji dwar:

(a) il-progress miksub fl-iżvilupp, fil-kostruzzjoni u fil-kummissjonar tal-proġett, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi u ta' konsultazzjoni kif ukoll il-konformità mal-leġislazzjoni ambjentali, bil-prinċipju li l-proġett "ma jagħmilx ħsara sinifikanti" lill-ambjent, u l-miżuri ta' adattament għat-tibdil fil-klima meħuda;

(b) fejn ikun rilevanti, dewmien meta mqabbel mal-pjan ta' implimentazzjoni, ir-raġunijiet għal dan id-dewmien u diffikultajiet oħra misjuba;

(c) fejn ikun rilevanti, pjan rivedut bl-għan li jingħeleb id-dewmien.

5. Sal-31 ta' Jannar ta' kull sena, l-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 8 għandhom jissottomettu lill-Aġenzija u lill-Grupp rispettiv ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, issupplimentat b'informazzjoni dwar il-progress u, fejn rilevanti, dwar id-dewmien fl-implimentazzjoni

ta' proġetti ta' interess komuni li jinsabu fit-territorju rispettiv tagħhom fir-rigward tal-proċessi għall-għoti ta' permessi, u dwar ir-raġunijiet għal dan id-dewmien. Il-kontribuzzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għar-rapport għandha tkun immarkata b'mod ċar bħala tali u abbozzata mingħajr ma jiġi mmodifikat it-test introdott mill-promoturi tal-proġett.

6. Sat-30 ta' April ta' kull sena, meta jenħtieġ li tiġi adottata lista ġdida tal-Unjoni, l-Aġenzija għandha tippreżenta lill-Gruppi rapport konsolidat għall-proġetti ta' interess komuni soġġetti għall-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, li jevalwa l-progress miksub u li, fejn xieraq, jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar kif jingħelbu d-dewmien u d-diffikultajiet misjuba. Dak ir-rapport konsolidat għandu jevalwa wkoll, f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2019/942, l-implimentazzjoni konsistenti tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha fir-rigward tal-kurituri u tal-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija.

7. Meta l-kummissjonar ta' proġett ta' interess komuni jiddewwem meta mqabbel mal-pjan ta' implimentazzjoni, u mhux għal raġunijiet prevalenti li jaqgħu barra mill-kontroll tal-promotur tal-proġett, għandhom ikunu japplikaw il-miżuri li ġejjin:

(a) sa fejn il-miżuri msemija fl-Artikolu 51(7)(a), (b) jew (c) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u fl-Artikolu 22(7)(a), (b) jew (c) tad-Direttiva 2009/73/KE jkun applikabbli skont id-dritt nazzjonali rispettiv, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li l-investment isir;

(b) jekk il-miżuri tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali skont il-punt (a) ma jkun applikabbli, il-promotur tal-proġett għandu jagħżel parti terza sabiex tiffinanzja jew tibni l-proġett kollu jew parti minnu. Il-promotur tal-proġett għandu jagħmel dan qabel ma jgħaddu aktar minn sentejn mid-data tal-kummissjonar fil-pjan ta' implimentazzjoni jaqbeż is-sentejn;

(c) jekk parti terza ma tintagħzilx skont il-punt (b), l-Istat Membru jew, meta l-Istat Membru jkun ipprova hekk, l-awtorità regolatorja nazzjonali tista', fi żmien xahrejn mill-iskadenza tal-perjodu msemmi fil-punt (b), taħtar parti terza sabiex tiffinanzja jew tibni l-proġett li l-promotur tal-proġett għandu jaċċetta;

(d) meta d-dewmien meta mqabbel mad-data tal-kummissjonar fil-pjan ta' implimentazzjoni jaqbeż is-sentejn u xahrejn, il-Kummissjoni, soġġetta għall-qbil u bil-kooperazzjoni sħiħa tal-Istati Membri konċernati, tista' tniedi sejħa għal proposti miftuħa għal kwalunkwe parti terza li tista' ssir promotur tal-proġett sabiex tibni l-proġett skont skeda ta' żmien miftiehma;

(e) meta jiġi applikat il-punt (c) jew (d), l-operatur tas-sistema li fiż-żona tiegħu jinsab l-investment għandu jipprovdi lill-operaturi jew lill-investituri implimentaturi jew lil parti terza bl-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jitwettaq l-investment, għandu jgħaqqad l-assi l-ġodda man-network tat-trażmissjoni u b'mod ġenerali għandu jagħmel l-aħjar sforzi tiegħu sabiex jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-investment u l-operat u l-manutenzjoni siguri, affidabbli u effiċjenti tal-proġett ta' interess komuni.

8. Proġett ta' interess komuni jista' jitneħħa mil-lista tal-Unjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 3(4) jekk l-inklużjoni tiegħu f'dik il-lista kienet ibbażata fuq informazzjoni żbaljata li kienet fattur determinanti għal dik l-inklużjoni, jew il-proġett ma jikkonformax mad-dritt tal-Unjoni.

9. Il-proġetti li ma jibqgħux fil-lista tal-Unjoni għandhom jitilfu d-drittijiet u l-obbligi kollha marbuta mal-istatus ta' proġett ta' interess komuni li jirriżultaw minn dan ir-Regolament.

Madankollu, proġett li ma jkunx għadu fil-lista tal-Unjoni iżda li għalih ikun ġie aċċettat fajl ta' applikazzjoni sabiex jiġi eżaminat mill-awtorità kompetenti għandu jżomm id-drittijiet u l-obbligi li

jirriżultaw mill-Kapitolu III, ħlief meta l-proġett ma jkunx għadu fil-lista għar-raġunijiet stabbiliti fil-paragrafu 8.

10. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe assistenza finanzjarja tal-Unjoni mogħtija lil kwalunkwe proġett ta' interess komuni qabel ma jitneħħa mil-lista tal-Unjoni.

Artikolu 6

Koordinaturi Ewropej

1. Meta proġett ta' interess komuni jsib diffikultajiet ta' implimentazzjoni sinifikanti, il-Kummissjoni tista' taħtar, bi qbil mal-Istati Membri konċernati, koordinatur Ewropew għal perjodu ta' mhux aktar minn sena li jista' jiġġedded darbtejn.

2. Il-koordinatur Ewropew għandu:

- (a) jippromwovi l-proġetti, li għalihom ikun inħatar koordinatur Ewropew u d-djalogu transfruntier bejn il-promoturi tal-proġetti u l-partijiet konċernati kollha;
- (b) jassisti lill-partijiet kollha kif meħtieġ fil-konsultazzjoni mal-partijiet konċernati u fil-kisba tal-permessi meħtieġa għall-proġetti;
- (c) meta jkun xieraq, jagħti pariri lill-promoturi tal-proġett dwar il-finanzjament tal-proġett;
- (d) jiżgura li jingħata l-appoġġ u d-direzzjoni strateġika xierqa mill-Istati Membri konċernati għat-tnejn u għall-implimentazzjoni tal-proġetti;
- (e) kull sena, u meta jkun xieraq, mat-twettiq tal-mandat tiegħu, jippreżenta rapport lill-Kummissjoni dwar il-progress tal-proġetti u dwar kwalunkwe diffikultà u ostaklu li x'aktarx idewmu b'mod sinifikanti d-data tal-kummissjonar tal-proġetti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Gruppi konċernati.

3. Il-koordinatur Ewropew għandu jintgħażel fuq il-bażi tal-esperjenza tiegħu fir-rigward tal-kompiti speċifiċi assenjati lilu/lilha għall-proġetti konċernati.

4. Id-deċiżjoni ta' haħtra tal-koordinatur Ewropew għandha tispeċifika t-termini ta' referenza, filwaqt li tispjega d-durata tal-mandat, il-kompiti speċifiċi u l-iskadenzi korrispondenti, u l-metodoloġija li għandha tiġi segwita. L-isforz ta' koordinazzjoni għandu jkun proporzjonat għall-komplessità u għall-kostijiet stmati tal-proġetti.

5. L-Istati Membri konċernati għandhom jikkooperaw bis-sħiħ mal-koordinatur Ewropew fl-eżekuzzjoni tal-kompiti tiegħu msemmija fil-paragrafi 2 u 4.

KAPITOLU III

GĦOTI TA' PERMESSI U PARTEĊIPAZZJONI PUBBLIKA

Artikolu 7

"Status ta' prijorità" tal-proġetti ta' interess komuni

1. L-adozzjoni tal-lista tal-Unjoni għandha tistabbilixxi, għall-finijiet ta' kwalunkwe deċiżjoni maħruġa fil-proċess għall-għoti ta' permessi, il-ħtieġa ta' daww il-proġetti minn perspettiva tal-politika dwar l-enerġija, mingħajr preġudizzju għall-post, għar-rotta jew għat-teknoloġija preċiżi tal-proġett.

2. Bl-għan li jiġi żgurat il-proċessar amministrattiv effiċjenti tal-fajls tal-applikazzjonijiet relatati ma' proġetti ta' interess komuni, il-promoturi tal-proġetti u l-awtoritajiet konċernati kollha għandhom jiżguraw li daww il-fajls jiġu ttrattati bl-aktar mod rapidu possibbli.
 3. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni, meta jkun jeżisti tali status fid-dritt nazzjonali, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jingħataw l-istatus tal-ogħla sinifikat nazzjonali possibbli u għandhom jiġu ttrattati kif xieraq fil-proċessi għall-għoti ta' permessi — u jekk id-dritt nazzjonali jipprevedi hekk, fl-ippjanar tal-ispazju — inklużi daww relatati mal-valutazzjonijiet ambjentali, hekk kif tali trattament ikun previst fid-dritt nazzjonali applikabbli għat-tip korrispondenti ta' infrastruttura tal-enerġija.
 4. Il-proċeduri kollha għas-soluzzjoni tat-tilwim, il-litigazzjoni, l-appelli u r-rimedji għudizzjarji relatati ma' proġetti ta' interess komuni quddiem kwalunkwe qorti, tribunali, bord, inklużi medjazzjoni jew arbitraġġ nazzjonali, meta dawn ikunu jeżistu fid-dritt nazzjonali, għandhom jiġu ttrattati bħala urġenti, f'konformità mal-proċeduri ta' urġenza previsti fid-dritt nazzjonali.
 5. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw, filwaqt li jqisu kif xieraq il-gwida eżistenti maħruġa mill-Kummissjoni dwar is-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' valutazzjoni ambjentali għal proġetti ta' interess komuni, liema miżuri leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi huma meħtieġa sabiex jiġu ssimplifikati l-proċeduri għall-valutazzjoni ambjentali u sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni koerenti tagħhom u għandhom jinformat lill-Kummissjoni bir-riżultat.
 6. Sal-[1 ta' Settembru 2022], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri mhux leġiżlattivi li jkunu identifikaw skont il-paragrafu 5.
 7. Sal-[1 ta' Jannar 2023], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri leġiżlattivi li jkunu identifikaw taħt il-paragrafu 5. Daww il-miżuri għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni.
 8. Dment li l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dawn id-Direttivi jiġu rrispettati, fir-rigward tal-impatti ambjentali indirizzati fl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE u fl-Artikolu 4(7) tad-Direttiva 2000/60/KE, il-proġetti ta' interess komuni għandhom jitqiesu bħala ta' interess pubbliku minn perspettiva tal-politika tal-enerġija, u jistgħu jitqiesu li jkollhom interess pubbliku prevalenti.
- Jekk l-opinjoni tal-Kummissjoni tkun meħtieġa f'konformità mad-Direttiva 92/43/KEE, il-Kummissjoni u l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament għandhom jiżguraw li d-deċizzjoni fir-rigward tal-interess pubbliku prevalenti ta' proġett tittieħed fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 10(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

Organizzazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi

1. Sa mhux aktar tard mill-[1 ta' Jannar 2022], kull Stat Membru għandu jaġġorna, meta jkun meħtieġ, il-ħatra ta' awtorità nazzjonali kompetenti waħda li għandha tkun responsabbli għall-iffaċilitar u għall-koordinazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' interess komuni.
2. Ir-responsabbiltà tal-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u/jew il-kompiti relatati magħha tista' tiġi ddelegata lil awtorità oħra, jew imwettqa minn din, għal kull proġett ta' interess komuni jew għal kull kategorija partikolari ta' proġetti ta' interess komuni, dment li:
 - (a) l-awtorità kompetenti tinnotifika lill-Kummissjoni b'dik id-delega u l-informazzjoni fiha tiġi ppubblikata jew mill-awtorità kompetenti jew mill-promotur tal-proġett fuq is-sit web imsemmi fl-Artikolu 9(7);

(b) awtorità waħda biss tkun responsabbli għal kull proġett ta' interess komuni, u tkun l-uniku punt ta' kuntatt għall-promotur tal-proġett fil-proċess li jwassal għad-deċiżjoni komprensiva għal proġett partikolari ta' interess komuni, u tikkordina s-sottomissjoni tad-dokumenti u tal-informazzjoni rilevanti kollha.

L-awtorità kompetenti tista' żżomm ir-responsabbiltà li tistabbilixxi termini, mingħajr preġudizzju għat-termini stabbiliti fl-Artikolu 10.

3. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti rilevanti skont id-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti għandha tiffaċilita l-ħruġ tad-deċiżjoni komprensiva. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tkun il-prova finali li l-proġett ta' interess komuni jkun kiseb status lest għall-bini u ma għandu jkun hemm l-ebda rekwiżit ieħor għal kwalunkwe permess jew awtorizzazzjoni addizzjonali f'dak ir-rigward. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tinħareġ fi ħdan it-terminu msemmi fl-Artikolu 10(1) u (2) u f'konformità ma' waħda mill-iskemi li ġejjin:

(a) skema integrata : id-deċiżjoni komprensiva għandha tinħareġ mill-awtorità kompetenti u għandha tkun l-unika deċiżjoni legalment vinkolanti li tirriżulta mill-proċedura statutorja għall-għoti ta' permessi. Meta awtoritajiet oħra jkun konċernati mill-proġett, huma jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jagħtu l-opinjoni tagħhom bħala input għall-proċedura, li għandha titqies mill-awtorità kompetenti;

(b) skema koordinata : id-deċiżjoni komprensiva tinkludi diversi deċiżjonijiet individwali legalment vinkolanti maħruġa minn diversi awtoritajiet konċernati, li għandhom jiġu kkoordinati mill-awtorità kompetenti. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi grupp ta' ħidma li fih l-awtoritajiet konċernati kollha jkun rappreżentati sabiex titfassal skeda għall-għoti ta' permessi f'konformità mal-Artikolu 10(4)(b), u sabiex tiġi mmonitorjata u kkoordinata l-implimentazzjoni tagħha. L-awtorità kompetenti, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet konċernati l-oħra għandha, fejn applikabbli f'konformità mad-dritt nazzjonali, u mingħajr preġudizzju għat-termini stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10, tistabbilixxi fuq bażi ta' każ b'każ terminu raġonevoli li fih għandhom jinħarġu d-deċiżjonijiet individwali. L-awtorità kompetenti tista' tieħu deċiżjoni individwali fisem awtorità nazzjonali oħra kkonċernata, fejn id-deċiżjoni minn dik l-awtorità ma tingħatax fi ħdan it-terminu u fejn id-dewmien ma jistax jiġi ġġustifikat b'mod adegwat; jew, fejn previst taħt id-dritt nazzjonali, u sal-punt li dan ikun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li awtorità nazzjonali konċernata oħra tkun tat l-approvazzjoni jew ir-rifjut tagħha għall-proġett meta d-deċiżjoni minn dik l-awtorità ma tingħatax fi ħdan it-terminu. Fejn ipprovdut skont il-liġi nazzjonali, l-awtorità kompetenti tista' tinjora deċiżjoni individwali ta' awtorità nazzjonali oħra kkonċernata jekk tqis li d-deċiżjoni mhijiex sostanzjata biżżejjed fir-rigward tal-evidenza bażi ppreżentata mill-awtorità nazzjonali kkonċernata; hija u tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha tiżgura li r-rekwiżiti rilevanti taħt il-liġi internazzjonali u tal-

Unjoni jiġu rispettati u għandha tiġġustifika bix-xieraq id-deċiżjoni tagħha;

- (c) skema : id-deċiżjoni komprensiva għandha tiġi kkoordinata mill-awtorità kollaborattiva kompetenti. L-awtorità kompetenti, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet konċernati l-oħra għandha, fejn applikabbli f'konformità mad-dritt nazzjonali, u mingħajr preġudizzju għat-termini stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10, tistabbilixxi fuq bażi ta' każ b'każ terminu raġonevoli li fih għandhom jinħarġu d-deċiżjonijiet individwali. Għandha timmonitorja l-konformità mat-termini mill-awtoritajiet konċernati.

Il-kompetenza tal-awtoritajiet konċernati tista' jew tiġi inkorporata fil-kompetenza tal-awtorità nazzjonali kompetenti maħtura skont l-Artikolu 8(1) jew inkella dawn iżommu, sa ċertu punt, il-kompetenza indipendenti tagħhom f'konformità mal-iskema rispettiva għall-ħruġ ta' permessi magħżula mill-Istat Membru skont dan il-paragrafu sabiex jiffaċilitaw il-ħruġ tad-deċiżjoni komprensiva u jikkooperaw mal-awtorità nazzjonali kompetenti kif xieraq.

Meta awtorità konċernata ma tkunx qed tistenna li tagħti deċiżjoni individwali sat-terminu stabbilit, dik l-awtorità għandha tinforma lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien u tiġġustifika d-dewmien kif dovut. Sussegwentement, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi terminu ieħor li fih għandha tinħareġ dik id-deċiżjoni individwali, f'konformità mat-termini ġenerali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10.

Filwaqt li jirrikonoxxu l-ispeċifikitajiet nazzjonali fil-proċessi għall-ippjanar u għall-għoti ta' permessi, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu minn fost it-tliet skemi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu sabiex jiffaċilitaw u jikkoordinaw il-proċeduri tagħhom u għandhom jagħżlu li jimplimentaw l-aktar skema effettiva. Meta Stat Membru jagħżel l-iskema kollaborattiva, għandu jinforma lill-Kummissjoni bir-raġunijiet tiegħu għal dan.

4. L-Istati Membri jistgħu japplikaw skemi differenti kif stabbilit fil-paragrafu 3 għal proġetti ta' interess komuni fuq l-art u lil hinn mill-kosta.

5. Meta proġett ta' interess komuni jkun jeħtieġ li d-deċiżjonijiet jittieħdu f'żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti rispettivi għandhom jieħdu l-passi kollha meħtieġa għal kooperazzjoni u għal koordinazzjoni effiċjenti u effettivi bejniethom, inklużi l-istadji msemmija fl-Artikolu 10(5). L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom sabiex jipprovdu proċeduri konġunti, b'mod partikolari fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatti ambjentali.

6. Sal-[31 ta' Lulju 2022] u għal kull Grupp Reġjonali speċifiku għal kull kuritur prijoritarju tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, kif iddefinit fl-Anness I, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jappartjenu għall-Grupp rispettiv, għandhom joħolqu flimkien punti uniċi ta' kuntatt, "punti uniċi ta' kuntatt lil hinn mill-kosta", għall-promoturi tal-proġetti, li għandhom ikunu responsabbli għall-iffaċilitar u għall-koordinazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi għas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli ta' interess komuni, b'kont meħud ukoll tal-ħtieġa għal koordinazzjoni bejn il-proċess għall-għoti ta' permessi għall-infrastruttura tal-enerġija u dak għall-assi tal-ġenerazzjoni. Il-punti uniċi ta' kuntatt lil hinn mill-kosta għandhom jaġixxu bħala repożitorju ta' studji u ta' pjanijiet eżistenti dwar il-baċiri tal-baħar, bl-għan li jiffaċilitaw il-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti individwali ta' interess komuni u jikkoordinaw il-ħruġ tad-deċiżjonijiet komprensivi għal tali proġetti mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rilevanti. Kull Grupp Reġjonali għal kull kuritur prijoritarju tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, bl-għajnuna tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri li jappartjenu għall-Grupp, għandu jistabbilixxi punti uniċi ta'

kuntatt lil hinn mill-kosta skont l-ispeċifikitajiet reġjonali u l-ġeografija u jiddetermina l-post, l-allokkazzjoni tar-riżorsi u r-regoli speċifiċi tagħhom għall-funzjonament tagħhom.

Artikolu 9

Trasparenza u parteċipazzjoni pubblika

1. Sal-[1 ta' Mejju 2023], l-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti għandha, fejn applikabbli f'kollaborazzjoni ma' awtoritajiet konċernati oħra, tippubblika manwal aġġornat tal-proċeduri għall-proċess għall-għoti ta' permessi applikabbli għal proġetti ta' interess komuni sabiex dan ikun jinkludi tal-anqas l-informazzjoni speċifikata fil-punt (1) tal-Anness VI. Il-manwal ma għandux ikun legalment vinkolanti, iżda jista' jirreferi għal dispożizzjonijiet legali rilevanti jew jikkwotahom. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jikkoordinaw u jsibu sinerġiji mal-pajjiżi ġirien fl-iżvilupp tal-manwal tal-proċeduri tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għal-liġi ambjentali u għal kwalunkwe rekwiżit taħt il-Konvenzjonijiet ta' Aarhus u ta' Espoo u d-dritt rilevanti tal-Unjoni, il-partijiet kollha involuti fil-proċess għall-għoti ta' permessi għandhom isegwu l-prinċipji għall-parteċipazzjoni pubblika stabbiliti fil-punt (3) tal-Anness VI.

3. Il-promotur ta' proġett għandu, fi ħdan perjodu indikattiv ta' tliet xhur wara l-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permess skont l-Artikolu 10(1)(a), ifassal u jippreżenta kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika lill-awtorità kompetenti, filwaqt li jsegwi l-proċess deskritt fil-manwal imsemmi fil-paragrafu 1 u skont il-linji gwida stabbiliti fl-Anness VI. L-awtorità kompetenti għandha titlob modifiki jew tapprova l-kunċett għall-parteċipazzjoni pubblika fi żmien tliet xhur mir-riċevuta. Meta tagħmel dan, l-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe forma ta' parteċipazzjoni u ta' konsultazzjoni pubbliċi li tkun saret qabel il-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi, sa fejn tali parteċipazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu.

Meta l-promotur ta' proġett ikollu l-intenzjoni li jagħmel tibdiliet sinifikanti f'kunċett approvat, huwa għandu jinforma lill-awtorità kompetenti b'dan. F'dak il-każ l-awtorità kompetenti tista' titlob modifiki.

4. Meta dan ma jkunx diġà meħtieġ skont id-dritt nazzjonali bl-istess standards jew bi standards ogħla, il-promotur tal-proġett jew, fejn meħtieġ mid-dritt nazzjonali, l-awtorità kompetenti, għandha tal-anqas twettaq konsultazzjoni pubblika waħda, qabel is-sottomissjoni tal-fajl tal-applikazzjoni finali u komplut lill-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 10(1)(a). Dik il-konsultazzjoni pubblika għandha tkun mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe konsultazzjoni pubblika li għandha ssir wara s-sottomissjoni tat-talba għall-kunsens għall-iżvilupp skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2011/92/UE. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tinforma lill-partijiet konċernati msemmeja fil-punt 3(a) tal-Anness VI dwar il-proġett fi stadju bikri u għandha tgħin sabiex jiġu identifikati l-aktar post jew trajettorja xierqa, anki fid-dawl ta' kunsiderazzjonijiet adegwati relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima għall-proġett, u l-kwistjonijiet rilevanti li għandhom jiġu indirizzati fil-fajl tal-applikazzjoni. Il-konsultazzjoni pubblika għandha tkun konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-punt (5) tal-Anness VI. Il-promotur ta' proġett għandu jippubblika fuq is-sit web imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu rapport li jispjega kif l-opinjonijiet espressi fil-konsultazzjonijiet pubbliċi ġew ikkunsidrati billi juri l-emendi li jkunu saru fil-post, fit-trajettorja u fid-disinn tal-proġett jew billi jiġġustifika għaliex dawn l-opinjonijiet ma ġewx ikkunsidrati.

Il-promotur ta' proġett għandu jħejji rapport li jiġbor fil-qosor ir-riżultati tal-attivitajiet relatati mal-parteċipazzjoni pubblika qabel is-sottomissjoni tal-fajl tal-applikazzjoni, inklużi dawk l-attivitajiet li jkunu seħħew qabel il-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi.

Il-promotur ta' proġett għandu jissottometti r-rapporti msemmija fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi flimkien mal-fajl tal-applikazzjoni lill-awtorità kompetenti. Id-deċiżjoni komprensiva għandha tqis kif xieraq ir-riżultati ta' dawn ir-rapporti.

5. Għal proġetti transfruntiera li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, il-konsultazzjonijiet pubbliċi skont il-paragrafu 4 f'kull wieħed mill-Istati Membri konċernati għandhom isiru f'perijodu ta' mhux aktar minn xahrejn mid-data li fiha tkun bdiet l-ewwel konsultazzjoni pubblika.

6. Għal proġetti li x'aktarx ikollhom impatti transfruntiera sinifikanti fi Stat Membru wieħed jew aktar tal-viċinat, meta jkunu applikabbli l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/92/UE u l-Konvenzjoni ta' Espoo, l-informazzjoni rilevanti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ġirien konċernati. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ġirien konċernati għandha tindika, fil-proċess ta' notifika fejn xieraq, jekk hi, jew kwalunkwe awtorità konċernata oħra, tixtieqx tipparteċipa fil-proċeduri ta' konsultazzjoni pubblika rilevanti.

7. Il-promotur ta' proġett għandu jistabbilixxi u jaġġorna b'mod regolari sit web iddedikat għall-proġett b'informazzjoni rilevanti dwar il-proġett ta' interess komuni, li għandu jkun illinkjat mas-sit web tal-Kummissjoni u mal-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 23 u li għandu jissodisfa r-rekwiżiti speċifikati fil-punt (6) tal-Anness VI. Informazzjoni kummerċjalment sensittiva għandha tinżamm kunfidenzjali.

Il-promoturi tal-proġetti għandhom jippubblikaw ukoll informazzjoni rilevanti b'mezzi oħra ta' informazzjoni xierqa aċċessibbli għall-pubbliku.

Artikolu 10

Durata u implimentazzjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi

1. Il-proċess għall-għoti ta' permessi għandu jikkonsisti f'żewġ proċeduri:

(a) il-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni, li tkopri l-perjodu bejn il-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi u l-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni ppreżentat mill-awtorità kompetenti, għandha sseħħ fi ħdan perjodu indikattiv ta' sentejn.

Il-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni għandha tinkludi t-tnejn ta' kwalunkwe rapport ambjentali mill-promoturi tal-proġett, kif ikun meħtieġ, inkluża d-dokumentazzjoni dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima.

Bl-għan li jiġi stabbilit il-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi, il-promoturi tal-proġett għandhom jinnotifikaw il-proġett lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri konċernati bil-miktub, u għandhom jinkludu deskrizzjoni raġonevolment dettaljata tal-proġett. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara li tirċievi n-notifika, l-awtorità kompetenti għandha tirrikonoxxi jew, jekk tqis li l-proġett ma jkunx matur biżżejjed sabiex jidħol fil-proċess għall-għoti ta' permessi, tirrifjuta n-notifika bil-miktub, inkluż f'isem awtoritajiet konċernati oħra. Fil-każ ta' rifjut, l-awtorità kompetenti għandha tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha, inkluż f'isem awtoritajiet konċernati oħra. Id-data tal-firma tal-konferma tan-notifika mill-awtorità kompetenti għandha timmarka l-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi. Fejn ikunu konċernati żewġ Stati Membri jew aktar, id-data tal-aċċettazzjoni tal-aħħar notifika mill-awtorità kompetenti konċernata għandha timmarka l-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-għoti ta' permessi jiġi aċċellerat f'konformità ma' dan il-Kapitolu għal kull kategorija ta' proġetti ta' interess komuni. Għal dak l-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jadattaw ir-rekwiżiti tagħhom għall-bidu tal-proċess għall-għoti ta' permessi u għall-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni sottomess,

sabiex jagħmluhom idonei għal proġetti li, minħabba n-natura jew l-iskala iżgħar tagħhom, jistgħu jkunu jeħtieġu anqas awtorizzazzjonijiet u approvazzjonijiet sabiex jilħqu l-fażi lesti għall-bini, u li, għalhekk, jaf ma jkunux jeħtieġu l-benefiċċju tal-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni. Tali proġetti fuq skala iżgħar jistgħu jinkludu grilji intelliġenti tal-gass u tal-elettriku u elettrolizzaturi.

(b) il-proċedura statutorja għall-għoti ta' permessi, li tkopri l-perjodu mid-data tal-aċċettazzjoni tal-fajl tal-applikazzjoni sottomess sakemm tittieħed id-deċiżjoni komprensiva, ma għandhiex taqbeż is-sena u sitt xhur. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu terminu aktar kmieni, meta dan jitqies xieraq.

2. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li d-durata kombinata taż-żewġ proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ma taqbiżx perjodu ta' tliet snin u sitt xhur. Madankollu, meta l-awtorità kompetenti tqis li waħda miż-żewġ proċeduri tal-proċess għall-għoti ta' permessi jew it-tnejn li huma ma jkunux se jitlestew fi ħdan it-termini kif stabbiliti fil-paragrafu 1, hija tista' tiddeċiedi, qabel l-iskadenza tagħhom u fuq bażi ta' każ b'każ, li testendi wieħed mit-termini jew iż-żewġ termini b'massimu ta' disa' xhur għaż-żewġ proċeduri kombinati.

F'dak il-każ, l-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-Grupp konċernat u tippreżentalu l-miżuri meħuda jew li għandhom jittieħdu għall-konklużjoni tal-proċess għall-għoti ta' permessi bl-anqas dewmien possibbli. Il-Grupp jista' jitlob lill-awtorità kompetenti tirrapporta regolarment dwar il-progress miksub f'dak ir-rigward.

3. Kwalunkwe studju validu mwettaq u permessi jew awtorizzazzjonijiet maħruġa għal proġett partikolari ta' interess komuni, qabel id-dħul fil-proċess għall-għoti ta' permessi skont dan l-Artikolu, għandhom jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti fil-proċess għall-għoti ta' permessi u ma jibqgħux meħtieġa.

4. Fi Stati Membri fejn id-determinazzjoni ta' rotta jew ta' post imwettqa biss għall-fini speċifiku ta' proġett pjanat, inkluż l-ippjanar ta' kurituri speċifiċi għall-infrastrutturi tal-grilja, ma tkunx tista' tiġi inkluża fil-proċess li jwassal għad-deċiżjoni komprensiva, id-deċiżjoni korrispondenti għandha tittieħed f'perjodu separat ta' sitt xhur, li jibda fid-data tas-sottomissjoni mill-promotur tad-dokumenti tal-applikazzjoni finali u kompluti.

F'dak il-każ, il-perjodu ta' estensjoni msemmi fil-paragrafu 2 għandu jitnaqqas għal sitt xhur, inkluż għall-proċedura msemmija f'dan il-paragrafu.

5. Il-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni għandha tinkludi l-istadji li ġejjin:

(a) mal-konferma tan-notifika skont il-punt (a) tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti għandha tiddetermina, fuq il-bażi tal-lista ta' kontroll imsemmija fil-punt (1)(e) tal-Anness VI, u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet konċernati l-oħra, u fejn xieraq fuq il-bażi ta' proposta mill-promotur tal-proġett, l-ambitu tar-rapporti u tad-dokumenti u l-livell ta' dettall tal-informazzjoni li għandhom jiġu sottomessi mill-promotur tal-proġett, bħala parti mill-fajl tal-applikazzjoni, sabiex japplika għad-deċiżjoni komprensiva;

(b) l-awtorità kompetenti għandha tfassal, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-promotur tal-proġett u ma' awtoritajiet konċernati oħra u b'kont meħud tar-risultati tal-attivitajiet imwettqa skont il-punt (a), skeda dettaljata għall-proċess għall-għoti ta' permessi skont il-linji gwida stabbiliti fil-punt (2) tal-Anness VI;

Għal proġetti transfruntiera li jinvolvu żewġ Stati Membri jew aktar, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri konċernati għandhom jikkoordinaw sabiex iħejju skeda konġunta, li fiha jallinjaw l-iskedi ta' żmien tagħhom;

(c) mal-wasla tal-abbozz tal-fajl tal-applikazzjoni, l-awtorità kompetenti għandha, fejn meħtieġ, f'isimha stess jew f'isem awtoritajiet konċernati oħra, titlob lill-promotur ta' proġett jissottometti l-informazzjoni nieqsa relatata mal-elementi mitluba msemmija fil-punt (a). Fi żmien tliet xhur mis-sottomissjoni tal-informazzjoni nieqsa, l-awtorità kompetenti għandha taċċetta l-applikazzjoni bil-miktub għall-eżami. It-talbiet għal informazzjoni addizzjonali jistgħu jsiru biss meta jkunu ġġustifikati minn ċirkostanzi ġodda.

6. Il-promotur ta' proġett għandu jiżgura li l-fajl tal-applikazzjoni jkun komplut u adegwat u jfittex l-opinjoni tal-awtorità kompetenti dwar dik il-kwistjoni mill-aktar fis possibbli matul il-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni. Il-promotur ta' proġett għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtorità kompetenti sabiex josserva l-iskadenzi u jikkonforma mal-iskeda konġunta kif imsemmi fil-paragrafu 5(b).

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li kwalunkwe emenda leġislattiva introdotta matul il-proċess għall-għoti ta' permessi ma taffettwax id-durata ta' kwalunkwe proċedura għall-għoti ta' permessi li tkun inbdiet qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawk l-emendi.

8. It-termini stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-obbligi li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali u tal-Unjoni, u mingħajr preġudizzju għall-proċeduri amministrattivi ta' appell u għar-rimedji ġudizzjarji quddiem qorti jew tribunal.

KAPITOLU IV

IPPJANAR TRANSSETTORJALI TAL-INFRASTRUTTURA

Artikolu 11

Analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji tas-sistema tal-enerġija kollha

1. Sas-[16 ta' Novembru 2022], in-Network Ewropew tal-Operaturi tas-Sistemi tat-Trażmissjoni (ENTSO) tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippubblikaw u jippreżentaw lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija l-metodoloġiji rispettivi tagħhom, inkluż l-immudellar tan-network u tas-suq, għal analiżi kost-benefiċċji armonizzata tas-sistema tal-enerġija kollha fil-livell tal-Unjoni għal proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) u fil-punt (3) tal-Anness II.

Dawk il-metodoloġiji għandhom jiġu applikati għat-tnejn ta' kull pjan sussegwenti ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha u li jkun żviluppat mill-ENTSO tal-Elettriku jew mill-ENTSO tal-Gass skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 u l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) 2019/943. Dawk il-metodoloġiji għandhom jitfasslu skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness V u jkunu konsistenti mar-regoli u mal-indikaturi stabbiliti fl-Anness IV.

Qabel ma jissottomettu l-metodoloġiji rispettivi tagħhom, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi tal-anqas l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet konċernati rilevanti kollha, inkluż l-entità tal-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni fl-Unjoni ("entità tad-DSOs tal-UE") u l-partijiet konċernati rilevanti kollha tal-idroġenu u, meta jitqiesu xierqa, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u awtoritajiet nazzjonali oħra.

2. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-metodoloġiji flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha ttipprovdi opinjoni lill-

ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, lill-Istati Membri, u lill-Kummissjoni u tippubblikaha fuq is-sit web tal-Aġenzija.

3. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jaġġornaw il-metodoloġiji filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-Aġenzija, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u jissottomettuhom lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħha.

4. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-metodoloġiji aġġornati, il-Kummissjoni għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-ENTSO tal-Gass.

5. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-jum li fih jirċievu l-opinjoni tal-Kummissjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 4, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jadattaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-Kummissjoni, u jissottomettuhom lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

6. Meta t-tibdiliet fil-metodoloġiji jitqiesu ta' natura inkrementali, u ma jaffettwawx id-definizzjoni tal-benefiċċji, tal-kostijiet u ta' parametri rilevanti oħra tal-kostijiet-benefiċċji, kif iddefiniti fl-aħħar metodoloġija tal-analiżi kost-benefiċċji li tkopri s-sistema tal-Enerġija kollha approvata mill-Kummissjoni, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jadattaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom filwaqt li jqisu l-opinjoni tal-Aġenzija, kif stabbilit fil-paragrafu 2, u jissottomettuhom għall-approvazzjoni tal-Aġenzija.

7. B'mod parallel, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni dokument li jiġġustifika r-raġunijiet wara l-aġġornamenti proposti u għaliex daww l-aġġornamenti jitqiesu ta' natura inkrementali. Meta l-Kummissjoni tqis li daww l-aġġornamenti ma jkunux ta' natura inkrementali, hija għandha, permezz ta' talba bil-miktub, titlob lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-ENTSO tal-Gass sabiex jissottomettulha l-metodoloġiji. F'każ bħal dan japplika l-proċess deskritt fil-paragrafi 2 sa 5.

8. Fi żmien ġimagħtejn mill-approvazzjoni mill-Aġenzija jew mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafi 5 u 6, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippubblikaw il-metodoloġiji rispettivi tagħhom fuq is-siti web tagħhom. Huma għandhom jippubblikaw id-*data* tal-input korrispondenti u *data* rilevanti oħra dwar in-network, il-fluss tat-tagħbija u s-suq f'forma preċiża biżżejjed f'konformità mad-dritt nazzjonali u mal-ftehimiet ta' kunfidenzjalità rilevanti.

9. Il-metodoloġiji għandhom jiġu aġġornati u jittejbu b'mod regolari skont il-proċedura deskritta fil-paragrafi 1 sa 6. L-Aġenzija, fuq inizzjattiva tagħha stess jew fuq talba debitament motivata mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet konċernati, u wara li tikkonsulta formalment lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet konċernati rilevanti kollha u lill-Kummissjoni, tista' titlob tali aġġornamenti u titjib bil-ġustifikazzjoni dovuta u bl-iskedi ta' żmien. L-Aġenzija għandha tippubblika t-talbiet mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jew mill-partijiet konċernati u d-dokumenti rilevanti kollha mhux kummerċjalment sensittivi li jwasslu għal talba mill-Aġenzija għal aġġornament jew għal titjib.

10. Kull tliet snin, l-Aġenzija għandha tistabilixxi u tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku sett ta' indikaturi u ta' valuri ta' referenza korrispondenti għat-tqabbil tal-kostijiet tal-unità ta' investiment għal proġetti komparabbli tal-kategoriji tal-infrastruttura inklużi fil-punti (1) u (3) tal-Anness II. Daww il-valuri ta' referenza jistgħu jintużaw mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass għall-analiżijiet kost-benefiċċji mwettqa għal pjanijiet sussegwenti ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha. L-ewwel minn fost dawn l-indikaturi għandu jiġi ppubblikat sal-[1 ta' Novembru 2022].

11. Sal-[31 ta' Diċembru 2023], l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippreżentaw flimkien lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija mudell konsistenti u interkonness tas-suq tal-enerġija u tan-

network li jinkludi l-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku, tal-gass u tal-idroġenu kif ukoll il-ħżin, l-LNG u l-elettrolizzaturi, filwaqt li jkopri l-kurituri u l-oqsma prijoritarji tal-infrastruttura tal-enerġija u jkun imfassal skont il-prinċipji stabbiliti fl-Anness V.

12. Il-mudell konsistenti u interkonness imsemmi fil-paragrafu 11 għandu jkopri tal-anqas l-interkonnessjonijiet tas-setturi rispettivi fl-istadij kollha tal-ippjanar tal-infrastruttura, speċifikament ix-xenarji, l-identifikazzjoni tad-diskrepanzi fl-infrastruttura b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċitajiet transfruntiera, u l-valutazzjoni tal-proġetti.

13. Wara l-approvazzjoni tal-mudell konsistenti u interkonness imsemmi fil-paragrafu 11 mill-Kummissjoni f'konformità mal-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 6, dan għandu jiġi inkluż fil-metodoloġiji msemmija fil-paragrafu 1.

Artikolu 12

Xenarji għall-Pjanijiet ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network

1. Sal-[31 ta' Lulju 2022], l-Aġenzija, wara li tkun wettqet proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-Kummissjoni u tal-anqas lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet konċernati rilevanti kollha, inkluż l-ENTSO tal-Elettriku, l-ENTSO tal-Gass, l-entità tad-DSOs tal-Unjoni, u l-partijiet konċernati rilevanti tas-settur tal-idroġenu, għandha tippubblika l-linji gwida ta' qafas għax-xenarji konġunti li għandhom jiġu żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass. Dawk il-linji gwida għandhom jiġu aġġornati b'mod regolari kif ikun meħtieġ.

Il-linji gwida għandhom jinkludu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jiżguraw li l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass ikunu konformi bis-siġh mal-aħħar miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea fuq terminu medju u twil u mal-aħħar xenarji disponibbli tal-Kummissjoni.

2. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom isegwu l-linji gwida ta' qafas tal-Aġenzija meta jiżviluppaw ix-xenarji konġunti li jkunu se jintużaw għall-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha.

3. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jistiednu lill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-partijiet konċernati rilevanti kollha, inklużi l-entità tad-DSOs tal-Unjoni u l-partijiet konċernati rilevanti kollha tal-idroġenu, sabiex jipparteċipaw fil-proċess tal-iżvilupp tax-xenarji.

4. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippubblikaw u jippreżentaw l-abbozz tar-rapport dwar xenarji konġunti lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħhom.

5. Fi żmien tliet xhur mill-jum li fih tirċievi l-abbozz tar-rapport tax-xenarji konġunt flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass u lill-Kummissjoni.

6. Filwaqt li tqis kif dovut l-opinjoni tal-Aġenzija ddefinita fil-paragrafu 5, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-ENTSO tal-Gass.

7. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jadattaw ir-rapport tax-xenarji konġunt tagħhom b'kont dovut meħud tal-opinjoni tal-Aġenzija, f'konformità mal-opinjoni tal-Kummissjoni, u jissottomettu r-rapport aġġornat lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni tagħha.

8. Fi żmien ġimagħtejn mill-approvazzjoni tar-rapport tax-xenarji konġunt mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 7, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippubblikaw ir-rapport tax-xenarji konġunt tagħhom fuq is-siti web tagħhom. Huma għandhom jippubblikaw id-*data*

tal-input u tal-output korrispondenti f'forma preċiża biżżejjed, filwaqt li jqisu kif xieraq id-dritt nazzjonali u l-ftehimiet ta' kunfidenzjalità rilevanti.

Artikolu 13

Identifikazzjoni tan-Nuqqasijiet fl-Infrastruttura

1. Kull sentejn, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jippubblikaw u jissottomettu lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija r-rapporti dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura żviluppata fil-qafas tal-pjanijiet ta' għaxar snin għall-iżvilupp tan-network li jkopru l-Unjoni kollha.

Meta jivvalutaw in-nuqqasijiet fl-infrastruttura, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jimplimentaw il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u jikkunsidraw bi prijetà s-soluzzjonijiet rilevanti kollha mhux relatati mal-infrastruttura sabiex jindirizzaw in-nuqqasijiet identifikati.

Qabel ma jissottomettu r-rapporti rispettivi tagħhom, l-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom iwettqu proċess ta' konsultazzjoni estensiv li jinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-entità tad-DSOs tal-Unjoni u l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha tal-idroġenu u r-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha li jkunu parti mill-kurituri prijetarji ddefiniti fl-Anness I.

2. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jissottomettu l-abbozzi rispettivi tagħhom tar-rapporti dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħhom.

3. Fi żmien tliet xhur wara li tirċievi r-rapport dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura flimkien mal-kontribut riċevut fil-proċess ta' konsultazzjoni u ma' rapport dwar kif dan ġie kkunsidrat, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku jew lill-ENTSO tal-Gass u lill-Kummissjoni.

4. Filwaqt li tikkunsidra l-opinjoni tal-Aġenzija msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tfassal u tissottometti l-opinjoni tagħha lill-ENTSO tal-Elettriku jew lill-ENTSO tal-Gass.

5. L-ENTSO tal-Elettriku u l-ENTSO tal-Gass għandhom jadattaw ir-rapporti tagħhom dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura b'kunsiderazzjoni xierqa tal-opinjoni tal-Aġenzija u f'konformità mal-opinjoni tal-Kummissjoni qabel il-pubblikazzjoni tar-rapporti finali dwar in-nuqqasijiet fl-infrastruttura.

KAPITOLU V

SISTEMI TA' DISTRIBUZZJONI FIL-BAĦAR GĦALL-INTEGRAZZJONI TAS-SORSI TA' ENERĠIJA RINNOVABBLI

Artikolu 14

Ippjanar tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar

1. Sal-[31 ta' Lulju 2022], l-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Kummissjoni, fi ħdan il-kurituri prijetarji speċifiċi tagħhom tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, stipulati fil-punt (2) tal-Anness I, filwaqt li jitqiesu l-ispeċifikitajiet u l-iżvilupp f'kull reġjun, għandhom jiddefinixxu u jaqblu b'mod konġunt li jikkooperaw fuq l-ammont ta' ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandha tiġi skjerata f'kull baċir tal-baħar sal-2050, bi stadji intermedji fl-2030 u fl-2040, fid-dawl tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom

dwar l-enerġija u l-klima, tal-potenzjal tar-rinnovabbli lil hinn mill-kosta ta' kull baċir tal-baħar, tal-ħarsien tal-ambjent, tal-adattament għat-tibdil fil-klima u ta' użi oħra tal-baħar, kif ukoll fid-dawl tal-miri ta' dekarbonizzazzjoni tal-Unjoni. Dak il-ftehim għandu jsir bil-miktub fir-rigward ta' kull baċir tal-baħar marbut mat-territorju tal-Unjoni.

2. Sal-[31 ta' Lulju 2023], l-ENTSO tal-Elettriku, bl-involvement tat-TSOs rilevanti, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni u f'konformità mal-ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, għandhom jiżviluppaw u jippubblikaw pjan għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta li jibda mill-oġġettivi tal-2050, bi stadji intermedji għall-2030 u għall-2040 għal kull baċir tal-baħar f'konformità mal-kuritur prijoritarji tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar imsemmija fl-Anness I, b'kont meħud tal-ħarsien ambjentali u ta' użi oħra tal-baħar. Wara, daww il-pjani għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta għandhom jiġu aġġornati kull tliet snin.

3. Il-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta għandu jkun kompatibbli mal-aħħar Pjanijiet ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Network li jkopru l-Unjoni kollha sabiex jiġi żgurat żvilupp koerenti tal-ippjanar tas-sistemi ta' distribuzzjoni fuq l-art u fil-baħar.

4. L-ENTSO tal-Elettriku għandhom jissottomettu l-abbozz tal-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta lill-Kummissjoni għall-opinjoni tagħha.

5. L-ENTSO tal-Elettriku għandhom jadattaw il-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta b'kont debitu meħud tal-opinjoni tal-Kummissjoni qabel il-pubblikazzjoni tar-rapporti finali u jissottomettuhom lill-kuritur prijoritarji rilevanti tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar, stabbiliti fl-Anness I.

6. Bl-għan li jiġi żgurat l-iżvilupp f'waqt tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli, jekk l-ENTSO tal-Elettriku ma jiżviluppawx, maż-żmien, il-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta, imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' pariri esperti, għandha tfassal pjan għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta għal kull baċir tal-baħar għal kull kuritur prijoritarju tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar stabbilit fl-Anness I.

Artikolu 15

Kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli

1. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, prinċipji għal metodoloġija speċifika tal-kost-benefiċċji u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-varar tal-pjan għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta msemmi fl-Artikolu 14(2) f'konformità mal-ftehim imsemmi fl-Artikolu 14(1) bħala parti mil-linji gwida msemmija fl-Artikolu 16(10). Daww l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 21(2).

2. Fi żmien 12-il xahar mill-pubblikazzjoni tal-prinċipji msemmija fil-paragrafu 1, l-ENTSO tal-Elettriku, bl-involvement tat-TSOs rilevanti, tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u tal-Kummissjoni, għandhom jippreżentaw ir-riżultati tal-applikazzjoni tal-metodoloġija tal-kost-benefiċċji u tal-kondiviżjoni tal-kostijiet għall-kuritur prijoritarji tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar.

3. Fi żmien sitt xhur mill-preżentazzjoni tar-riżultati kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri rilevanti, għandhom jaġġornaw il-ftehim tagħhom bil-miktub imsemmi fl-Artikolu 14(1) bid-definizzjoni konġunta aġġornata tal-ammont tal-ġenerazzjoni rinnovabbli lil hinn mill-kosta li għandha

tiġi varata f'kull baċir tal-baħar fl-2050, bi stadji intermedji fl-2030 u fl-2040, u bil-qbil rilevanti li jikkooperaw fl-ilħuq tat-tali ammonti.

4. Fi żmien sitt xhur mill-ftehimiet bil-miktub aġġornati msemmija fil-paragrafu 3, għal kull baċir tal-baħar, l-ENTSO tal-Elettriku għandu jaġġorna l-pjanijiet għall-iżvilupp tan-network integrat lil hinn mill-kosta billi jsegwi l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14(2) sa (5). Għandha tkun tapplika l-proċedura deskritta fl-Artikolu 14(6).

KAPITOLU VI

QAFAS REGOLATORJU

Artikolu 16

Iffaċilitar ta' investimenti b'impatti transfruntiera

1. Il-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti, li jeskludu l-kostijiet ta' manutenzjoni, relatati ma' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II u ma' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, meta jaqgħu taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, għandhom jiġġarrbu mit-TSO rilevanti jew mill-promoturi tal-proġett tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-Istati Membri li għalihom il-proġett jipprovdi impatt pożittiv nett, u, sa fejn ma jkunux koperti mill-kirjiet tal-konġestjoni jew minn imposti oħra, jitħallsu mill-utenti tan-network permezz ta' tariffi għall-aċċess tan-network f'dak l-Istat Membru jew f'dawk l-Istati Membri.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II meta tal-anqas promotur ta' proġett wieħed jitlob lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti l-applikazzjoni tagħhom għall-kostijiet tal-proġett. Għandu japplika biss għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, kif rilevanti, meta tkun diġà twettqet valutazzjoni tad-domanda tas-suq u jkun indikat li l-kostijiet ta' investiment imġarrba b'mod effiċjenti ma jistgħux ikunu mistennija li jkunu koperti mit-tariffi.

Il-proġetti li jaqgħu taħt il-kategorija stabbilita fil-punti (1)(e) u (2) tal-Anness II jistgħu jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu meta tal-anqas promotur ta' proġett wieħed jitlob l-applikazzjoni tiegħu lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti.

Meta proġett ikollu diversi promoturi tiegħu, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti għandhom mingħajr dewmien jitolbu lill-promoturi tal-proġett kollha sabiex jissottomettu t-talba ta' investiment b'mod konġunt f'konformità mal-paragrafu 3.

3. Għal proġett ta' interess komuni li għalih japplika l-paragrafu 1, il-promoturi tal-proġett għandhom iżommu lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha informati b'mod regolari, tal-anqas darba fis-sena, u sakemm il-proġett jiġi kkummissjonat, dwar il-progress ta' dak il-proġett u l-identifikazzjoni tal-kostijiet u tal-impatti assoċjati miegħu.

Hekk kif proġett ta' interess komuni bħal dan ikun laħaq maturità suffiċjenti, u jkun stmat li jkun lest sabiex jibda l-fażi tal-kostruzzjoni fis-36 xahar li jkun imiss, il-promoturi tal-proġett, wara li jkunu kkonsultaw lit-TSOs mill-Istati Membri li jirċievu impatt pożittiv nett sinifikanti minnu, għandhom jissottomettu talba għall-investiment. Dik it-talba għal investiment għandha tinkludi talba għal

allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet u għandha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti kollha konċernati, flimkien ma' dawn li ġejjin:

- (a) analiżi aġġornata tal-kost-benefiċċji li tkun speċifika għall-proġett u li tkun konsistenti mal-metodoloġija mfassla skont l-Artikolu 11 u li tqis il-benefiċċji lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri li fit-territorju tagħhom ikun jinsab il-proġett billi jintuża l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għat-tiswir tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interess komuni;
- (b) pjan ta' direzzjoni tan-negozju li jevalwa l-vijabbiltà finanzjarja tal-proġett, inkluża s-soluzzjoni ta' finanzjament magħżula, u, għal proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kategorija msemmija fil-punt (3) tal-Anness II, ir-riżultati tal-ittestjar tas-suq;
- (c) meta l-promoturi tal-proġetti jaqblu, proposta ssostanzjata għal allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet.

Meta proġett ikun promoss minn diversi promoturi tiegħu, dawn għandhom jissottomettu t-talba ta' investiment tagħhom b'mod konġunt.

Malli jirċievu kopja ta' kull talba għal investiment, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jibagħtuha mingħajr dewmien lill-Aġenzija għal finijiet ta' informazzjoni.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-Aġenzija għandhom jippreservaw il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

4. Fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tasal l-aħħar talba għal investiment mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, daww l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, wara li jikkonsultaw lill-promoturi tal-proġett konċernati, jieħdu deċiżjonijiet konġunti koordinati dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ta' investiment li għandhom jiġġarrbu minn kull operatur tas-sistema għall-proġett, kif ukoll l-inklużjoni tagħhom fit-tariffi. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jinkludu l-kostijiet kollha tal-investiment li jsiru b'mod effiċjenti fit-tariffi f'konformità mal-allokazzjoni tal-kostijiet ta' investiment li għandhom jiġġarrbu minn kull operatur tas-sistema għall-proġett. Wara dak, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jivvalutaw, meta jkun xieraq, jekk jistgħux jinqalgħu kwistjonijiet ta' affordabbiltà minħabba l-inklużjoni tal-kostijiet tal-investiment fit-tariffi.

Meta jallokaw il-kostijiet, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom iqisu dawn li ġejjin, bħala attwali jew stmati:

- (a) il-kirjiet ta' konġestjoni jew imposti oħra,
- (b) dħul miksub mill-mekkaniżmu ta' kumpens lil operatori ta' sistemi ta' intertrażmissjoni stabbilit skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) 2019/943.

L-allokazzjoni tal-kostijiet b'mod transfruntier għandha tqis il-kostijiet u l-benefiċċji ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-proġetti fl-Istati Membri konċernati u l-ħtieġa li jiġi żgurat qafas ta' finanzjament stabbli għall-iżvilupp ta' proġetti ta' interess komuni filwaqt li tiġi mminimizzata l-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju.

Meta jallokaw il-kostijiet b'mod transfruntier, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, f'konsultazzjoni mat-TSOs konċernati, għandhom ifittxu ftehim reċiproku bbażat fuq l-informazzjoni speċifikata fil-paragrafi 3(a) u (b) iżda mhux limitat għaliha. Il-valutazzjoni tagħhom għandha tkun ibbażata fuq l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interessi komuni.

Meta proġett ta' interess komuni jtaffi l-esternalitajiet negattivi, bħal flussi ċirkolari, u dak il-proġett ta' interess komuni jiġi implimentat fl-Istat Membru fl-orijini tal-esternalità negattiva, tali mitigazzjoni

ma għandhiex titqies bħala benefiċċju transfruntiera u, għalhekk, ma għandhiex tikkostitwixxi bażi għall-allokazzjoni tal-kostijiet lit-TSO tal-Istati Membri affettwati minn dawk l-esternalitajiet negattivi.

5. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom, fuq il-bażi tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet kif imsemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, iqisu l-kostijiet attwali mġarrba minn TSO jew minn promotur ta' proġett ieħor b'riżultat tal-investimenti meta jistabbilixxu jew japprovaw it-tariffi f'konformità mal-Artikolu 59(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2019/944 u mal-Artikolu 41(1)(a) tad-Direttiva 2009/73/KE, sa fejn dawk il-kostijiet jikkorrispondu ma' dawk ta' operatur effiċjenti u strutturalment paragonabbli.

Id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tiġi nnotifikata, mingħajr dewmien, mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali lill-Aġenzija, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward tad-deċiżjoni. B'mod partikolari, id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tistabbilixxi raġunijiet dettaljati għall-allokazzjoni tal-kostijiet fost l-Istati Membri, inklużi li ġejjin:

- (a) evalwazzjoni tal-impatti identifikati fuq kull wieħed mill-Istati Membri konċernati, inklużi dawk li jikkonċernaw it-tariffi tan-network;
- (b) evalwazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni tan-negożju msemmi fil-paragrafu 3(b);
- (c) esternalitajiet pożittivi reġjonali jew madwar l-Unjoni kollha, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibilità tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni, li l-proġett ikun jiġġenera;
- (d) ir-riżultat tal-konsultazzjoni tal-promoturi tal-proġett konċernati.

Id-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet għandha tiġi ppubblikata.

6. Meta l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti ma jkunux laħqu ftehim dwar it-talba ta' investiment fi żmien sitt xhur mid-data li fiha tkun waslet it-talba mill-aħħar waħda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, huma għandhom jinformaw lill-Aġenzija mingħajr dewmien.

F'dak il-każ jew fuq talba minn tal-anqas waħda mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, id-deċiżjoni dwar it-talba għall-investiment inkluża l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 3 kif ukoll il-ħtieġa għall-inklużjoni tal-kost tal-investimenti, fit-totalità tiegħu, kif allokat b'mod transfruntier fit-tariffi għandha tittieħed mill-Aġenzija fi żmien tliet xhur mid-data ta' riferiment lill-Aġenzija.

Qabel ma tieħu deċiżjoni bħal din, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti u lill-promoturi tal-proġetti. Il-perjodu ta' tliet xhur imsemmi fit-tieni subparagrafu jista' jiġi estiż b'perjodu addizzjonali ta' xahrejn meta tintalab aktar informazzjoni mill-Aġenzija. Dak il-perjodu addizzjonali għandu jibda dakinhar tar-riċevuta tal-informazzjoni kompluta.

Il-valutazzjoni tal-Aġenzija għandha tkun ibbażata fuq l-istess xenarju użat fil-proċess tal-għażla għall-elaborazzjoni tal-lista tal-Unjoni fejn ikun elenkat il-proġett ta' interess komuni.

L-Aġenzija għandha tħalli l-mod kif il-kostijiet ta' investiment jiġu inklużi fit-tariffi f'konformità mal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet stabbilita għad-determinazzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti fil-mument tal-implimentazzjoni tad-deċiżjoni f'konformità mad-dritt nazzjonali.

Id-deċiżjoni dwar it-talba għall-investiment li tinkludi l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet għandha tiġi ppubblikata. Għandhom ikunu japplikaw l-Artikoli 25(3), 28 u 29 tar-Regolament (UE) Nru 2019/942.

7. Kopja tad-deċiżjonijiet kollha dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet, flimkien mal-informazzjoni rilevanti kollha fir-rigward ta' kull deċiżjoni, għandhom jiġu nnotifikati, mingħajr dewmien, mill-Aġenzija lill-Kummissjoni. Dik l-informazzjoni tista' tiġi sottomessa f'forma aggregata. Il-Kummissjoni għandha tippreserva l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

8. Id-deċiżjonijiet dwar l-allokazzjoni tal-kostijiet ma għandhomx jaffettwaw id-dritt tat-TSOs li japplikaw u tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali li japprovaw l-imposti għall-aċċess għan-networks f'konformità mal-Artikolu 6 tad-Direttiva (UE) 2019/944, mal-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/73/KE, mal-Artikolu 18(1) u 18(3) sa (6) tar-Regolament (UE) 2019/943, u mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

9. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal proġetti ta' interess komuni li jkunu rċevew eżenzjoni:

(a) mill-Artikoli 32, 33 u 34 u mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) tad-Direttiva 2009/73/KE skont l-Artikolu 36 ta' dik id-Direttiva;

(b) mill-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew mill-Artikolu 6, 59(7) u 60(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2019/943;

(c) mir-regoli tad-diżaggregazzjoni jew tal-aċċess ta' partijiet terzi skont l-Artikolu 64 tar-Regolament (UE) 2019/943 u l-Artikolu 66 tad-Direttiva (UE) 2019/944 jew

(d) skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 714/2009.

10. Sal-[31 ta' Diċembru 2022], il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jkun fihom linji gwida vinkolanti sabiex tiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu u tal-kondiviżjoni transfruntiera tal-kostijiet tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli kif imsemmi fl-Artikolu 15(1). Il-linji gwida għandhom jindirizzaw ukoll is-sitwazzjoni speċjali tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli ta' interess komuni billi jinkludu prinċipji dwar kif l-allokazzjoni transfruntiera tagħhom tal-kostijiet għandha tiġi kkoordinata mal-arranġamenti ta' finanzjament, tas-suq u politiċi tas-siti ta' ġenerazzjoni lil hinn mill-kosta konnessi magħhom. Meta tadotta jew temenda l-linji gwida, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-ACER, lill-ENTSO tal-Elettriku, lill-ENTSO tal-Gass, u, fejn rilevanti, lil partijiet konċernati oħra. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 21(2).

Artikolu 17

Inċentivi

1. Meta promotur ta' proġett iġarrab riskji akbar għall-iżvilupp, għall-kostruzzjoni, għall-operat jew għall-manutenzjoni ta' proġett ta' interess komuni li jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, meta mqabbla mar-riskji normalment imġarrba minn proġett infrastrutturali komparabbli, l-Istati Membri u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jiżguraw li jingħataw inċentivi xierqa għal dak il-proġett f'konformità mal-Artikolu 58(f) tad-Direttiva (UE) 2019/944, mal-Artikolu 41(8) tad-Direttiva 2009/73/KE, mal-Artikolu 18(1) u (3) sa (6) tar-Regolament (UE) 2019/943, u mal-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) Nru 715/2009.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika meta l-proġett ta' interess komuni jkun irċieva eżenzjoni:

(a) mill-Artikoli 32, 33 u 34 u mill-Artikolu 41(6), (8) u (10) tad-Direttiva 2009/73/KE skont l-Artikolu 36 ta' dik id-Direttiva;

(b) mill-Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2019/943 jew eżenzjoni mill-Artikoli 6, 59(7) u 60(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944 skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2019/943;

(c) skont l-Artikolu 36 tad-Direttiva 2009/73/KE;

(d) skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 714/2009.

2. Fid-deċiżjoni tagħhom li jagħtu l-inċentivi msemmija fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jikkunsidraw ir-riżultati tal-analiżi kost-benefiċċji fuq il-bażi tal-metodoloġija mfassla skont l-Artikolu 11 u b'mod partikolari l-esternalitajiet pożittivi reġjonali jew madwar l-Unjoni ġġenerati mill-proġett. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom janalizzaw aktar ir-riskji speċifiċi mġarrba mill-promoturi tal-proġett, il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju meħuda u l-ġustifikazzjoni tal-profil tar-riskju fid-dawl tal-impatt pożittiv nett ipprovdut mill-proġett, meta mqabbel ma' alternattiva b'riskju aktar baxx. Ir-riskji eliġibbli għandhom jinkludu b'mod partikolari r-riskji relatati ma' teknoloġiji ġodda tat-trażmissjoni, kemm fuq l-art kif ukoll lil hinn mill-kosta, riskji relatati mal-irkupru insuffiċjenti tal-kostijiet u r-riskji tal-iżvilupp.

3. Id-deċiżjoni għandha tqis in-natura speċifika tar-riskju mġarrab u tista' tagħti inċentivi li jkopru, fost l-oħrajn, il-miżuri li ġejjin:

- (a) ir-regoli għal investiment antiċipatorju;
- (b) ir-regoli għar-rikonoxximent tal-kostijiet imġarrba b'mod effiċjenti qabel il-kummissjonar tal-proġett;
- (c) ir-regoli għall-provvista ta' dħul addizzjonali fuq il-kapital investit għall-proġett;
- (d) kwalunkwe miżura oħra meqjusa neċessarja u xierqa.

4. Sal-[31 ta' Lulju 2022], kull awtorità regolatorja nazzjonali għandha tissottometti lill-Aġenzija l-metodoloġija tagħha u l-kriterji użati sabiex tevalwa l-investimenti fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija u r-riskji akbar imġarrba minnhom, aġġornati fid-dawl tal-aħħar żviluppi leġiżlattivi, politiċi, teknoloġiċi u tas-suq. Tali metodoloġija u kriterji għandhom jindirizzaw ukoll espliċitament ir-riskji speċifiċi mġarrba mis-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli kif imsemmi fil-punt (1)(e) tal-Anness II u minn proġetti, li, filwaqt li jkollhom nefqa kapitali baxxa, iġarrbu nefqa operazzjonali sinifikanti.

5. Sal-[31 ta' Diċembru 2022], filwaqt li tqis kif xieraq l-informazzjoni riċevuta skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, l-Aġenzija għandha tiffaċilita l-kondiviżjoni ta' Prattiki tajba u tagħmel rakkomandazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/942 dwar:

- (a) l-inċentivi msemmija fil-paragrafu 1 fuq il-bażi ta' parametraġġ referenzjarju tal-aħjar Prattika mill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali;
- (b) metodoloġija komuni sabiex jiġu evalwati r-riskji ogħla mġarrba tal-investimenti fi proġetti ta' infrastruttura tal-enerġija.

6. Sal-[31 ta' Marzu 2023], kull awtorità regolatorja nazzjonali għandha tippubblika l-metodoloġija tagħha u l-kriterji użati sabiex tevalwa l-investimenti fi proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija u r-riskji akbar imġarrba minnhom.

7. Meta l-miżuri msemmija fil-paragrafi 5 u 6 ma jkunux biżżejjed sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha ta' proġetti ta' interess komuni, il-Kummissjoni tista' toħroġ linji gwida dwar l-inċentivi stabbiliti f'dan l-Artikolu.

KAPITOLU VII

FINANZJAMENT

Artikolu 18

Eliġibbiltà tal-proġetti għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni skont ir-Regolament (UE) ... [dwar Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kif proposta minn COM(2018)438]

1. Il-proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fl-Anness II huma eliġibbli għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal studji u ta' strumenti finanzjarji.
2. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(a), (b), (c) u (e) tal-Anness II u fil-punt (3) tal-Anness II, minbarra proġetti ta' ħżin tal-elettriku ppumpjat bl-ilma, huma eliġibbli wkoll għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:
 - (a) l-analiżi kost-benefiċċji speċifika għall-proġett skont l-Artikolu 16(3)(a) tipprovdi evidenza li tikkonċerna l-eżistenza ta' esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni;
 - (b) il-proġett ikun irċieva deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 16 jew, fir-rigward ta' proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategorija stabbilita fil-punt (3) tal-Anness II, meta ma jaqgħux taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, u, għalhekk, ma jirċivux deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet, il-proġett ikollu l-għan li jipprovdi servizzi b'mod transfruntier, iġib l-innovazzjoni teknoloġika u jiżgura s-sikurezza tal-operat transfruntier tal-grilja;
 - (c) il-proġett ma jkunx kummerċjalment vijabbli skont il-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u valutazzjonijiet oħra mwettqa, b'mod partikolari minn investituri jew minn kredituri potenzjali jew mill-awtorità regolatorja nazzjonali. Id-deċiżjoni dwar l-inċentivi u l-ġustifikazzjoni tagħha msemmija fl-Artikolu 17(2) għandha titqies meta tiġi vvalutata l-vijabbiltà kummerċjali tal-proġett.
3. Il-proġetti ta' interess komuni mwettqa f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 5(7)(d) għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal assistenza finanzjarja mill-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
4. Proġetti ta' interess komuni li jaqgħu taħt il-kategoriji stabbiliti fil-punti (1)(d), (2) u (5) tal-Anness II għandhom ikunu eliġibbli wkoll għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet, meta l-promoturi tal-proġetti konċernati jkunu jistgħu juru b'mod ċar esternalitajiet pożittivi sinifikanti, bħas-sigurtà tal-provvista, il-flessibbiltà tas-sistema, is-solidarjetà jew l-innovazzjoni, iġġenerati mill-proġetti u jipprovdu evidenza ċara tan-nuqqas ta' vijabbiltà kummerċjali tagħhom, f'konformità mal-analiżi kost-benefiċċji, mal-pjan ta' direzzjoni tan-negozju u mal-valutazzjonijiet imwettqa, b'mod partikolari minn investituri jew minn kredituri potenzjali jew, fejn applikabbli, minn awtorità regolatorja nazzjonali.
5. Il-proġetti ta' interess reċiproku għandhom jiġu assimilati ma' proġetti ta' interess komuni u jkunu eliġibbli għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni. Huma biss l-investimenti li jinsabu fit-territorju tal-Unjoni, u li jkunu parti mill-proġett ta' interess reċiproku, li għandhom ikunu eliġibbli għal assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' għotjiet għal xogħlijiet meta jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 2, u meta d-deċiżjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet imsemmija fil-paragrafu

2(b) talloka l-kostijiet bejn il-fruntieri għal tal-anqas żewġ Stati Membri fi proporzjon sinifikanti f'kull Stat Membru.

Artikolu 19

Gwida għall-kriterji tal-għoti tal-assistenza finanzjarja tal-Unjoni

Il-kriterji speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 4(3) u l-parametri stabbiliti fl-Artikolu 4(5) għandhom japplikaw għall-fini li jiġu stabbiliti l-kriterji tal-għoti għall-assistenza finanzjarja tal-Unjoni fir-Regolament (UE) ... [dwar Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa kif proposta minn COM(2018)438].

KAPITOLU VIII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 20

Eżerċizzju tad-delega

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 3 għal perjodu ta' seba' snin mill-[1 ta' Jannar 2022]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' seba' snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża taċitament għal perjodi b'durata identika, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel l-iskadenza ta' kull perjodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3 tista' titħassar fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din jibda jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att iddelegat li diġà jkun fis-seħħ.
4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwaru.
5. Att delegat li jiġi adottat skont l-Artikolu 3 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ssir l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizzjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 21

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu jkun japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 22

Rapportar u evalwazzjoni

Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' interess komuni u tippreżentah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jipprovdi evalwazzjoni ta':

- (a) il-progress miksub fl-ippjanar, fl-iżvilupp, fil-kostruzzjoni u fil-kummissjonar ta' proġetti ta' interess komuni magħżula skont l-Artikolu 3, u, fejn rilevanti, id-dewmien fl-implimentazzjoni u diffikultajiet oħra affaċċjati;
- (b) il-fondi impenjati u żborżati mill-Unjoni għal proġetti ta' interess komuni, meta mqabbla mal-valur totali ta' proġetti ffinanzjati ta' interess komuni;
- (c) il-progress miksub f'termini ta' integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u ta' tnaqqis fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra permezz tal-ippjanar, tal-iżvilupp, tal-kostruzzjoni u tal-kummissjonar ta' proġetti ta' interess komuni magħżula skont l-Artikolu 3;
- (d) il-progress miksub fl-ippjanar, fl-iżvilupp, fil-kostruzzjoni u fil-kummissjonar ta' sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar għall-enerġija rinnovabbli u l-użu permess tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;
- (e) għas-setturi tal-elettriku u tal-idroġenu, l-evoluzzjoni tal-livell ta' interkonnessjoni bejn l-Istati Membri, l-evoluzzjoni korrispondenti tal-prezzijiet tal-enerġija, kif ukoll in-numru ta' avvenimenti ta' nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi tan-networks, il-kawżi tagħhom u l-kost ekonomiku relatat;
- (f) il-proċess għall-għoti ta' permessi u l-parteciġazzjoni pubblika, b'mod partikolari:
 - (i) id-durata totali medju u massima tal-proċess għall-għoti ta' permessi għal proġetti ta' interess komuni, inkluża d-durata ta' kull stadju tal-proċedura ta' qabel l-applikazzjoni, meta mqabbla mat-twaqqit previst mill-oġġettivi intermedji ewlenin inizjali msemmija fl-Artikolu 10(5);
 - (ii) il-livell ta' oppożizzjoni li jaffaċċjaw il-proġetti ta' interess komuni, b'mod partikolari n-numru ta' oġġezzjonijiet bil-miktub matul il-proċess ta' konsultazzjoni pubblika u n-numru ta' azzjonijiet ta' rikors legali;
 - (iii) ħarsa ġenerali lejn l-aħjar prattiki u dawk innovattivi fir-rigward tal-involvement tal-partijiet konċernati u tal-mitigazzjoni tal-impatt ambjentali matul il-proċessi għall-għoti ta' permessi u l-implimentazzjoni tal-proġetti, inkluż l-adattament għat-tibdil fil-klima;
 - (iv) l-effettività tal-iskemi previsti fl-Artikolu 8(3) rigward il-konformità mat-termini stabbiliti fl-Artikolu 10;
- (g) it-trattament regolatorju, b'mod partikolari:
 - (i) in-numru ta' proġetti ta' interess komuni li jkunu ngħataw deċizzjoni dwar l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 16;

(ii) in-numru u t-tip ta' proġetti ta' interess komuni li jkunu riċevew inċentivi speċifiċi skont l-Artikolu 17;

(h) l-effettività ta' dan ir-Regolament fil-kontribuzzjoni għall-miri klimatiċi u enerġetiċi għall-2030, u, aktar fit-tul, għall-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050.

Artikolu 23

Informazzjoni u pubbliċità

Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm pjattaforma ta' trasparenza faċilment aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali permezz tal-internet. Il-pjattaforma għandha tiġi aġġornata b'mod regolari b'informazzjoni mir-rapporti msemmija fl-Artikolu 5(1) u bis-sit web imsemmi fl-Artikolu 9(7). Il-pjattaforma għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) informazzjoni ġenerali u aġġornata, inkluża informazzjoni ġeografika, għal kull proġett ta' interess komuni;
- (b) il-pjan ta' implimentazzjoni kif stipulat fl-Artikolu 5(1) għal kull proġett ta' interess komuni ppreżentat b'mod li jippermetti l-valutazzjoni tal-progress fl-implimentazzjoni fi kwalunkwe mument;
- (c) il-benefiċċji ewlenin mistennija u l-kostijiet tal-proġetti ħlief għal kwalunkwe informazzjoni kummerċjalment sensittiva;
- (d) il-lista tal-Unjoni;
- (e) il-fondi allokati u żborżati mill-Unjoni għal kull proġett ta' interess komuni.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa l-għoti, il-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-assistenza finanzjarja mogħtija mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁷.

Artikolu 25

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 715/2009

Fl-Artikolu 8(10) tar-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-ewwel subparagrafu huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"Kull sentejn, l-ENTSO tal-Gass għandu jadotta u jippubblika pjan għall-iżvilupp tan-network għall-Unjoni kollha msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 3. Il-pjan għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat, inklużi n-networks tal-idroġenu, l-iżvilupp tax-xenarju, prospettiva dwar l-adekwatezza tal-provvista Ewropea u valutazzjoni tar-reżistenza tas-sistema".

⁴⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010, ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129

Artikolu 26

Emenda għad-Direttiva 2009/73/KE

Fl-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2009/73/KE, jiżdied il-punt (v):

"(v) iwettqu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3, 5(7), fl-Artikoli 14, 15, 16 u fl-Artikolu 17 tar-[Regolament TEN-E kif propost minn COM(2020)824];"

Artikolu 27

Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/944

Fl-Artikolu 59(1) tad-Direttiva (UE) 2019/944, jiżdied il-punt (zz):

"(zz) iwettqu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3, 5(7), fl-Artikoli 14, 15, 16 u fl-Artikolu 17 tar-[Regolament TEN-E kif propost minn COM(2020)824];"

Artikolu 28

Emenda għar-Regolament (UE) 2019/943

L-ewwel sentenza tal-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) 2019/943 hija ssostitwita b'dan li ġej:

"Il-pjan għall-iżvilupp tan-network li jkopri l-Unjoni kollha u msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 30(1) għandu jinkludi l-immudellar tan-network integrat, inklużi l-iżvilupp tax-xenarju u valutazzjoni tar-reżiljenza tas-sistema. Għandu jkun konsistenti bis-sħiħ mal-valutazzjoni Ewropea tal-adegwatezza tar-riżorsi żviluppata skont l-Artikolu 23."

Artikolu 29

Emenda għar-Regolament (UE) 2019/942

Il-punti (c) u (d) tal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2019/942 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

(c) twettaq l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 5, fl-Artikoli 11(2), 11(8), 11(9), 11(10), fl-Artikoli 12, 13 u fl-Artikolu 17(5) u fil-punt (12) tal-Anness III tar-[Regolament TEN-E kif propost minn COM(2020)824];

(d) tiegħu deċiżjonijiet dwar l-approvazzjoni ta' tibdiliet inkrementali għall-metodoloġiji ta' analiżi tal-kost-benefiċċji skont l-Artikolu 11(6) u dwar talbiet ta' investiment inkluża l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet skont l-Artikolu 16(6) tar-[Regolament TEN-E kif propost minn COM(2020)824].

Artikolu 30

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 jitħassar b'effett mill-[1 ta' Jannar 2022]. L-ebda dritt ma għandu jinholq skont dan ir-Regolament għall-proġetti elenkati fl-Annessi tar-Regolament (UE) 347/2013.

Artikolu 31

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-[1 ta' Jannar 2022].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]

Għall-Kunsill
Il-President
[...]

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA - "AĠENZIJI"

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar linji gwida għal infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013

1.2. Qasam/oqsma ta' politika konċernat/i

Qasam ta' politika: I. Suq uniku, innovazzjoni u diġitali

Attività: 02. Investimenti Strateġiċi Ewropej

1.3. Il-proposta hija marbuta ma'

☐ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁸

☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni ta' azzjoni waħda jew aktar f'azzjoni oħra/f'azzjoni ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

L-objettiv ġenerali tal-inizjattiva huwa li tiffaċilita l-iżvilupp f'waqtu ta' infrastruttura tal-enerġija adegwata madwar l-Unjoni u fil-viċinat tagħha sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi enerġetiċi u klimatiċi tal-Unjoni f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, b'mod partikolari l-miri tal-2030/50 li jinkludu l-objettiv tan-newtralità klimatika, kif ukoll l-integrazzjoni tas-suq, il-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista bl-anqas kost għall-konsumaturi u għan-negozji.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettivi speċifiċi

1) Tippermetti l-identifikazzjoni tal-proġetti u tal-investimenti transfruntiera madwar l-Unjoni kollha u mal-pajjiżi ġirien tagħha li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-miri klimatiċi;

2) Ittejjeb l-ippjanar tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u tas-sistemi ta' distribuzzjoni fil-baħar;

3) Tqassar il-proċeduri għall-permessi għall-PCIs sabiex jiġi evitat dewmien fil-proġetti li jiffaċilitaw it-tranżizzjoni enerġetika;

4) Tiżgura l-użu xieraq tal-għodod tal-kondiviżjoni tal-kostijiet u tal-inċentivi regolatorji.

⁴⁸

Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li jenhgieg li jkollha l-proposta/inizjattiva fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Objettiv speċifiku nru 1:

Implimentazzjoni ta' PCIs li jappoġġaw il-kisba tal-objettiv tan-newtralità klimatika billi tkun tista' ssir l-integrazzjoni tal-RES.

Objettiv speċifiku nru 2:

Tinkiseb żieda sinifikanti fil-varar tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta.

Objettiv speċifiku nru 3:

Approċċ Ewropew għall-ippjanar tal-infrastruttura għan-networks tal-idroġenu.

Objettiv speċifiku nru 4:

Tnaqqis tad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-PCIs.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Objettiv speċifiku nru 1:

In-numru u t-tipi ta' PCIs taħt il-kuritur prijoritarji / l-oqsma tematiċi definiti: it-trażżin tat-tnaqqis fl-enerġija rinnovabbli; l-irdoppjar tan-numru ta' proġetti tal-elettriku intelliġenti meta mqabbel mal-livelli kurrenti sal-2026.

Objettiv speċifiku nru 2:

Numru ta' PCIs: tal-anqas 10 PCIs li jappoġġaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta sal-2026.

Objettiv speċifiku nru 3:

Numru ta' PCIs: tal-anqas 5 PCIs tal-idroġenu sal-2026.

Objettiv speċifiku nru 4:

Durata totali medja u massima tal-proċeduri ta' awtorizzazzjoni għal proġetti ta' interess komuni: tnaqqis tas-sehem tal-PCIs li jiddewmu f'sena partikolari meta mqabbla mad-data ppjanata inizjalment għall-kummissjonar.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva:**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li għandu/għandhom jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew fit-tul inkluża skeda ta' żmien dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-Regolament dwar in-networks trans-Ewropej tal-enerġija (TEN-E), adottat fl-2013, jistabbilixxi regoli għall-iżvilupp f'waqt u għall-interoperabbiltà tan-networks trans-Ewropej tal-enerġija sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-politika tal-enerġija tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) sabiex jiġu żgurati l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija u s-sigurtà tal-provvista fl-Unjoni, jiġu promossi l-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar tal-enerġija u l-iżvilupp ta' forom ġodda u rinnovabbli ta' enerġija, u tiġi promossa l-interkonnessjoni tan-networks tal-enerġija. Ir-Regolament TEN-E jistabbilixxi qafas għall-Istati Membri u għall-partijiet konċernati rilevanti sabiex jaħdmu flimkien f'ambjent reġjonali bl-għan li jiżviluppaw networks tal-enerġija konnessi aħjar bl-għan li jgħaqqdu reġjuni li

bħalissa huma iżolati mis-swieq tal-enerġija Ewropej, isaħħu l-interkonnessjonijiet transfruntiera eżistenti, u jgħinu fl-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.

Bħala tali, it-TEN-E huwa strument ċentrali fl-iżvilupp ta' suq intern tal-enerġija u meħtieġ sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Sabiex jinkisbu n-newtralità klimatika sal-2050 u livelli oġħla ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030, l-Ewropa teħtieġ sistema tal-enerġija aktar integrata, li tiddependi fuq livelli oġħla ta' elettrifikazzjoni bbażata fuq sorsi rinnovabbli u fuq id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-gass. It-TEN-E jista' jiżgura li l-iżvilupp tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni jappoġġa t-tranżizzjoni enerġetika meħtieġa.

Filwaqt li l-oġġettivi tar-Regolament kurrenti għadhom fil-biċċa l-kbira validi, l-enfasi tagħhom fuq il-miri tal-2020/30 trid tiġi aġġornata sabiex tirrifletti l-kuntest politiku l-ġdid u l-oġġettiv tan-newtralità klimatika sal-2050 skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew. Minbarra l-kuntest u l-oġġettivi politiċi l-ġodda, l-iżvilupp teknoloġiku seħħ rapidament f'dawn l-aħħar għaxar snin. Dan il-progress jenħtieġ li jiġi kkunsidrat fil-kategoriji tal-infrastruttura koperti mir-Regolament, fil-kriterji tal-għażla tal-PCI kif ukoll fil-kurrituri prijoritarji u fl-oqsma tematiċi.

Minbarra l-kompiti li diġà jaqgħu taħt il-mandat tagħha skont ir-Regolament ACER, din l-inizjattiva tirriżulta fl-ġħoti ta' mandat lill-ACER sabiex twettaq kompiti addizzjonali, jiġifieri:

- tiżviluppa linji gwida ta' qafas sabiex tiddefinixxi u tiggwida lill-ENTSO tal-Elettriku u lill-ENTSO tal-Gass fl-iżvilupp tax-xenarji tagħhom;
- tapprova titjib inkrementali tal-metodoloġiji tal-Kost-Benefiċċji żviluppati mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass.

1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li, kieku, kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (ex ante)

L-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija (inkluża sistema interkonnessa ta' distribuzzjoni fil-baħar u infrastruttura ta' grilji intelliġenti) għandha valur miżjud Ewropew minħabba l-impatti transfruntiera tagħha u hija essenzjali sabiex tinkiseb sistema tal-enerġija newtrali għall-klima. Huwa meħtieġ qafas għall-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri sabiex tiġi żviluppata infrastruttura tal-enerġija transfruntiera. Ir-regolamenti u l-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri mhumix biżżejjed sabiex iwettqu dawn il-proġetti infrastrutturali fis-sħuħija tagħhom.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (ex post)

Is-suq intern tal-enerġija huwa bbażat fuq interkonnetturi transfruntiera, li l-iżvilupp tagħhom jeħtieġ il-kooperazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew aktar; permezz tal-kooperazzjoni, l-inizjattiva se tappoġġa approċċ aktar kosteffiċjenti u effettiv sabiex tiġi żviluppata infrastruttura transfruntiera adegwata u l-ilħuq tal-miri klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni bl-anqas kost għall-konsumaturi u għan-negozji.

1.5.3. *Lezzjonijiet meħuda minn esperjenzi simili fil-passat*

L-evalwazzjoni tar-Regolament TEN-E kurrenti wriet li dan tejjeb b'mod effettiv l-integrazzjoni tan-networks tal-Istati Membri, stimola l-kummerċ fl-enerġija u b'hekk ikkontribwixxa għall-kompetittività tal-Unjoni, kif muri fl-evidenza dwar il-miri ta' interkonnessjoni u l-prezzijiet tal-enerġija u l-konverġenza tagħhom madwar l-Unjoni. Il-PCIs fl-elettriku u b'mod partikolari fil-gass ikkontribwew ħafna għas-sigurtà tal-provvista bħala kawża kurrentwali importanti għat-tfassil tar-Regolament TEN-E. Għall-gass, l-infrastruttura issa hija konnessa sew u r-reżiljenza tal-provvista tgiebet sostanzjalment mill-2013. Il-kooperazzjoni reġjonali fil-Gruppi Reġjonali u permezz tal-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet hija faċilitatur importanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti. Madankollu, f'ħafna każijiet l-allokazzjoni transfruntiera tal-kostijiet ma rriżultatx fi tnaqqis tad-diskrepanza tal-finanzjament tal-proġett, kif kien maħsub. Filwaqt li l-proċeduri għall-għoti ta' permessi tqassru, f'xi każijiet għadhom jippersistu proċeduri twal għall-għoti ta' permessi. Filwaqt li r-raġunijiet sottostanti huma primarjament relatati mal-implimentazzjoni nazzjonali u jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament TEN-E, hemm elementi li jistgħu jittejjbu. L-assistenza finanzjarja tal-FNE kienet fattur importanti, l-għotjiet għall-istudji għenu lill-proġetti sabiex jtnaqqsu r-riskji fl-istadji bikrija tal-iżvilupp filwaqt li l-għotjiet għax-xogħlijiet appoġġaw proġetti li jindirizzaw il-konġestjonijiet ewlenin li l-finanzjament tas-suq ma setax jindirizza b'mod suffiċjenti.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

L-inizjattiva se tikkontribwixxi għall-kisba tan-newtralità klimatika sal-2050, billi tibda bi tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet ta' GHG sal-2030, l-oġettiv klimatiku ewlieni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew ippreżentat mill-Kummissjoni von der Leyen f'Diċembru 2019. Billi tipprovdi għall-kriterji ta' eliġibbiltà għall-assistenza finanzjarja taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) għall-proġetti ta' interess komuni (PCIs), l-inizjattiva tikkontribwixxi għall-oġettivi tal-QFP 2021-2027 inkluż dwar l-integrazzjoni tal-azzjoni klimatika.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż kemm hemm lok għar-riallokazzjoni*

Il-maġġoranza l-kbira tal-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta huma ttrattati skont id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-proposta għal Regolament li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. L-impatt baġitarju speċifiku ta' din l-inizjattiva huwa limitat għar-riżorsi meħtieġa sabiex l-ACER twettaq il-mandat addizzjonali tagħha. Fil-valutazzjoni tal-impatt ġew ivvalutati għażliet differenti sabiex jintlaħaq l-oġettiv ta' ppjanar aħjar tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija. L-għażla preferuta hija l-aktar approċċ kosteffiċjenti.

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/inizjattiva

☐ **durata limitata**

- ☐ Proposta/inizjattiva b'effett minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ Impatt finanzjarju mill-SSSS sal-SSSS

☒ **durata mhux limitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu mill-SSSS sal-SSSS,
- segwita mill-operat fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁴⁹

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni permezz ta'

- ☐ aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (li jridu jiġu speċifikati);

☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;

☐ il-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71;

☐ korpi regolati bil-liġi pubblika;

☐ korpi regolati bid-dritt privat b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ korpi regolati bid-dritt privat ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

mhux applikabbli

⁴⁹ Dettalji tal-modi ta' ġestjoni u referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-proċeduri ta' rapportar u ta' monitoraġġ regolari li jeżistu fil-qafas kurrenti tat-TEN-E jibqgħu fis-seħħ bħar-rapport tal-ACER lill-Gruppi Reġjonali. Barra minn hekk, l-ACER qed tippubblika r-riżultati kollha tal-kompiti tagħha fuq is-sit web tagħha.

Il-maġġoranza l-kbira tal-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta huma ttrattati skont id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Skont ir-regolament FNE propost, se jiddaħħal fis-seħħ qafas ta' prestazzjoni rivedut sabiex jiġu mmonitorjati l-kisba tal-miri tal-Programm u l-kontribut tiegħu għall-oġġettivi tal-politika tal-Unjoni. Fil-qasam tal-Enerġija, l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tal-progress tal-Programm se jkunu relatati b'mod partikolari mal-kontribut għall-interkonnettività u għall-integrazzjoni tas-swieq, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija u għall-iżvilupp sostenibbli permezz tad-dekarbonizzazzjoni billi tiżdied il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-sistemi tal-enerġija kif ukoll il-kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli.

Il-kompiti addizzjonali li se jiġu ġestiti mill-ACER se jikkontribwixxu sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi tal-inizjattiva, b'mod partikolari ppjanar imtejjeb tal-infrastruttura għall-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u l-identifikazzjoni tal-proġetti u tal-investimenti transfruntiera madwar l-Unjoni u mal-pajjiżi ġirien tagħha li huma meħtieġa għat-tranżizzjoni enerġetika u għall-miri klimatiċi.

Minbarra l-proċeduri speċifiċi ta' rapportar u ta' monitoraġġ tat-TEN-E fis-seħħ, l-Aġenziji kollha tal-Unjoni jaħdmu taħt sistema stretta ta' monitoraġġ li tinvolvi l-kapaċità tal-awditjar intern, is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni, il-Bord Amministrattiv tal-ACER, il-Qorti tal-Awdituri u l-Awtorità Baġitarja. Din is-sistema ġiet stabbilita bir-Regolament li waqqaf l-ACER tal-2009 u se tkompli tapplika.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-maġġoranza l-kbira tal-implikazzjonijiet baġitarji ta' din il-proposta huma ttrattati skont id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa. Madankollu, l-attribuzzjoni ta' kompiti addizzjonali lill-ACER teħtieġ riżorsi addizzjonali, li jikkorrispondu għal FTE 1. Dan huwa ġġustifikat mix-xogħol meħtieġ għall-iżvilupp ta' linji gwida ta' qafas ġodda għad-definizzjoni u għall-igġwidar tax-xenarji tal-ENTSO tal-Elettriku u tal-ENTSO tal-Gass fl-iżvilupp tat-tali xenarji tagħhom u tal-valutazzjoni tat-titjib inkrementali tal-metodoloġiji tal-Kost-Benefiċċji żviluppanti mill-ENTSO tal-Elettriku u mill-ENTSO tal-Gass. Dawn il-kompiti jeħtieġu l-bini u ż-żamma ta' għarfien espert speċifiku fi ħdan l-ACER.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji identifikati għan-nefqa li saret taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, u l-kontrolli mitiganti relatati huma ttrattati skont id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-

Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014.

Ma ġie identifikat l-ebda riskju speċifiku fir-rigward tal-kompiti addizzjonali attribwiti lill-ACER. Ir-riżorsi addizzjonali mqiegħda għad-dispożizzjoni tal-ACER se jkunu koperti mis-sistema ta' kontroll interna tal-ACER li hija allinjata mal-istandards internazzjonali rilevanti u tinkludi kontrolli speċifiċi sabiex jiġi evitat il-kunflitt tal-interessi u tiġi żgurata l-protezzjoni tal-informaturi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-valutazzjoni tal-kost tal-kontroll u r-riskju ta' żbalji relatati man-nefqa magħmula taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huma ttrattati taħt id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

Id-DĠ ENER iżomm strateġija ta' superviżjoni li tkopri l-attivitajiet tal-ACER. Il-kostijiet tal-kontroll tal-kompiti addizzjonali fdati lill-ACER se jiġu vvalutati skont il-profil tar-riskju tal-Aġenzija u skont il-ħtiġijiet għall-monitoraġġ u għas-superviżjoni tal-attivitajiet tal-Aġenzija. Madankollu, l-ambitu limitat ta' dawn l-attivitajiet addizzjonali ma hu mistenni li jkollu ebda impatt sinifikanti fuq il-kost tal-kontrollar tal-Aġenzija. Matul l-aħħar 5 snin (2015-2019), il-kost tal-kontroll tal-ACER kontra l-ammont tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni baqa' relattivament stabbli, fil-medda ta' 1,2 % sa 2 %.

Peress li l-impatt baġitarju huwa limitat għall-provvista ta' riżorsi addizzjonali, ir-riskju ta' errur huwa mistenni li jibqa' taħt il-limitu ta' 2 % tan-nefqa totali matul il-ħajja kollha tal-programm.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni se tiżgura li jkun hemm fis-seħħ miżuri xierqa sabiex jiġi żgurat li, meta jiġu implimentati l-azzjonijiet, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u kwalunkwe attività illegali oħra

Id-DĠ ENER iżomm Strateġija speċifika Kontra l-Frodi tad-DĠ ENER li se tiġi aġġornata sa tmiem l-2020, wara r-reviżjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi f'April 2019 (COM(2019) 196).

Il-miżuri meħuda sabiex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet għal proġetti li jaqgħu taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huma ppreżentati taħt id-dikjarazzjoni finanzjarja legali tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

L-ACER irrediet l-istrateġija tagħha kontra l-frodi, ibbażata fuq valutazzjoni tar-riskji ta' frodi li l-Aġenzija tista' tkun skoperta għalihom fl-eżekuzzjoni tal-mandat tagħha. L-ACER tikkooopera mas-servizzi tal-Kummissjoni fi kwistjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet. Il-Kummissjoni se tiżgura li din il-kooperazzjoni tkompli u tissaħħa. Barra minn hekk, l-ACER adottat fl-2018 Linji Gwida dwar il-Ġestjoni tal-Kunflitt ta' interessi.

Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-interess finanzjarju tal-Unjoni huma inklużi fl-Artikolu 26 tal-Proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

- Linji baġitarji eżistenti

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ⁵⁰	minn pajjiżi tal-EFTA ⁵¹	minn pajjiżi kandidati ⁵²	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
I. Suq uniku, innovazzjoni u diġitali	02 10 06 ACER	Diff.	IVA	NO	NO	NO

- Linji baġitarji ġodda mitluba:

Fl-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni
-----------------------	-----------------	---------------	----------------

⁵⁰ Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet Mhux Differenzjati

⁵¹ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁵² Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.

finanzjarju pluriennali	Numru	Diff./mhux diff.	minn pajjiżi tal- EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal- Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.YY.YY.YY]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Intestatura 1A
---	-------	----------------

ACER (kompiti ġodda biss)			2022	2023	2024	2025	2026	2027	TOTAL
Titolu 1:	Impenji	(1)	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169	0.889
	Pagamenti	(2)	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169	0.889
Titolu 2:	Impenji	(1a)							
	Pagamenti	(2a)							
Titolu 3:	Impenji	(3a)							
	Pagamenti	(3b)							
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għall-ACER	Impenji	=1+1a +3a	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169	0.889
	Pagamenti	=2+2a +3b	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169	0.889

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	"Nefqa amministrattiva"						
--	----------	--------------------------------	--	--	--	--	--	--

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2022	2023	2024	2025	2026	2027		TOTAL
DG: Supervizoni mill-ENER ta' kompiti ġodda biss									
• Riżorsi Umani		0	0	0	0	0	0		0
• Nefqa amministrattiva oħra		0	0	0	0	0	0		0
TOTAL TAD-DĠ ENER	Appropriazzjonijiet	0	0	0	0	0	0		0

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta' impenji = Total ta' pagamenti)	0	0	0	0	0	0		0
---	---	---	---	---	---	---	---	--	---

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

		2022	2023	2024	2025	2026	2027		TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt l-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169		0.889
	Pagamenti	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169		0.889

3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet tal-[korp]*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet operattivi, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'EUR miljun (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Indika l-objettivi u r-riżultati			Is-sena N		Is-sena N+1		Is-sena N+2		Is-sena N+3		Dahhal is-snin kollha li hemm bżonn sabiex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	↓	Tip ⁵³	Kost medju	Nru	Nefqa	Nru	Nefqa	Nru	Nefqa	Nru	Nefqa	Nru	Nefq a	Le	Nefqa	Nru	Nefqa	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁵⁴ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		
KOST TOTALI																		

⁵³ Ir-riżultati huma l-prodotti u s-servizzi li għandhom jiġu pprovduti (pereżempju l-ġhadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-ġhadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁵⁴ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

3.2.3. L-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani tal-ACER

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	2022	2023	2024	2025	2026	2027		TOTAL
--	------	------	------	------	------	------	--	-------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)*	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169		0.889
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)								
Persunal bil-kuntratt								
Esperti Nazzjonali Sekondati								

TOTAL	0.077	0.156	0.159	0.162	0.166	0.169		0.889
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--	--------------

* fuq il-bażi tal-kostijiet medji ta' EUR 150,000 għal aġent temporanju (Gradi ta' AD) u ta' rata annwali ta' inflazzjoni ta' 2 %

Rekwiżiti tal-persunal (FTE):

	2022	2023	2024	2025	2026	2027		TOTAL
--	------	------	------	------	------	------	--	-------

Aġenti temporanji (Gradi ta' AD)	1	1	1	1	1	1		
Aġenti temporanji (Gradi ta' AST)								
Persunal bil-kuntratt								
Esperti Nazzjonali Sekondati								

TOTAL	1	1	1	1	1	1		
--------------	----------	----------	----------	----------	----------	----------	--	--

Ir-reklutaġġ huwa ppjanat fit-tieni nofs tal-2022, sabiex titħejja l-implimentazzjoni tar-Regolament. L-adozzjoni tiegħu jenhtiegħ li ssir jekk ikun possibbli f'nofs l-2022. Għalhekk, għall-2022, jitqies biss 50 % tal-kost medju.

It-tpaċċja tal-baġit mitlub sabiex tiġi koperta ż-żieda fir-riżorsi tal-HR fl-ACER se ssir billi jitnaqqas bl-istess ammont il-baġit tal-Programm Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa għall-Enerġija (FNE Enerġija) fl-istess Intestatura.

3.2.3.2. Stima tar-rekwiżiti tar-riżorsi umani għad-DĠ prinċipali

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu tar-riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'ammonti sħaħ (jew sa massimu ta' punt deċimali wieħed)

	Is-Sena N	Is-Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Dahħal is-snin kollha li hemm bżonn sabiex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full Time: FTE)⁵⁵							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JPD fid-Delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ss⁵⁶	- fil-Kwartieri Ġenerali ⁵⁷						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT – Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħrajn (speċifika)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju konċernat.

⁵⁵ AC= Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END= Espert Nazzjonali Sekondar; INT= persunal tal-aġenzija; JPD = Professjonisti Żagħżagħ fid-Delegazzjonijiet.

⁵⁶ Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

⁵⁷ Prinċipalment għall-Fondi Strutturali, għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u għall-Fond Ewropew għas-Sajd (FES).

Il-proposta ma teħtieġx riżorsi umani addizzjonali fid-DĠ. L-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tagħha se jitwettqu mill-persunal diġà assenjat għall-politika tat-TEN-E fid-DĠ ENER.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu pprovduti mill-persunal mid-DĠ li diġà huwa assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kien ġie riallokati fi ħdan id-DĠ, flimkien ma', jekk meħtieġa, kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ maniġerjali skont il-proċedura ta' allokkazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li għandhom jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

Id-deskrizzjoni tal-kalkolu tal-kost għall-unitajiet FTE jenħtieġ li tkun inkluża fit-taqsimi 3 tal-Anness V.

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti*

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali kurrenti.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega xi programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

mhux applikabbli

- ☐ Il-proposta/inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew revizzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali⁵⁸.

Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

mhux applikabbli

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprevedi l-kofinanzjament stmat hawn taħt:

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

	Is-sena N	Is-sena N+1	Is-sena N+2	Is-sena N+3	Dahhal is-snin kollha li hemm bżonn sabiex tintwera d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

⁵⁸

Ara l-Artikoli 11 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (Unjoni, Euratom) Nru 1311/2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020.

3.3. L-impatt stmat fuq id-dħul

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ fuq dħul ieħor
 - ☐ jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal linji tan-nefqa

f'miljuni ta' EUR (sa tliet ċifri wara l-punt deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/inizjattiva ⁵⁹						
		Is-sena N	Is-sena N+1	Is-sena N+2	Is-sena N+3	Dahhal is-snin kollha li hemm bżonn sabiex tintwera d-durata tal-impatt (ara l- punt 1.6)		
Artikolu								

Għad-dħul mixxellanju "assenjat", speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Speċifika l-metodu sabiex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul.

⁵⁹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.